ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 334

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni

Volum 53

17 ta' Diċembru 2010

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004** ([1]) . . . . . 1

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis)** ([1]) . . . . . 17

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

**Prezz: EUR 7**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti leġislattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) Nru 1177/2010 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-24 ta' Novembru 2010**

**dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91(1) u 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) L-azzjoni mill-Unjoni fil-qasam tat-trasport bil-baħar u minn passaġġi fuq l-ilma interni għandha timmira, fost l-oħrajn, li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-passiġġieri li jkun komparabbli mal-modalitajiet l-oħra tat-trasport. Barra minn hekk, għandhom jitqiesu bis-sħiħ ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tal-konsumatur b'mod ġenerali.

(2) Ladarba l-passiġġier fuq il-baħar u f'passaġġi fuq l-ilma interni huwa l-aktar parti dgħajfa taħt kuntratt tat-trasport, il-passiġġieri kollha għandhom jingħataw livell minimu ta' protezzjoni. Xejn m'għandu jostakola lit-trasportaturi milli joffru kondizzjonijiet kuntrattwali aktar favorevoli għall-passiġġieri mill-kondizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament. Fl-istess ħin, l-għan ta' dan ir-Regolament mhux li jindaħal fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn in-negozji rigward it-trasport tal-merkanzija. B'mod partikolari, ftehimiet bejn kumpanija tat-trasport bit-trakkijiet u trasportatur m'għandhomx jitqiesu bħal kuntratti ta' trasport għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għaldaqstant m'għandhomx jagħtu lill-kumpanija tat-trasport bit-trakkijiet jew lill-impjegati tagħha d-dritt għal kumpens taħt dan ir-Regolament fil-każ ta' ttardjar.

(3) Il-protezzjoni tal-passiġġieri għandha tkopri mhux biss is-servizzi tal-passiġġieri bejn portijiet li jinsabu fit-territorju tal-Istati Membri, iżda wkoll servizzi tal-passiġġieri bejn tali portijiet u portijiet li jinsabu barra t-territorju tal-Istati Membri, filwaqt li jitqies ir-riskju tat-tfixkil ta' kompetizzjoni fis-suq tat-trasport tal-passiġġieri. Għaldaqstant, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "trasportatur tal-Unjoni" għandu jkun interpretat b'mod wiesa' kemm jista' jkun, iżda mingħajr ma jaffetwa atti legali oħra tal-Unjoni, bħar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4056/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat għat-trasport marittimu ([3]) u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu) ([4]).

([1]) ĠU C 317, 23.12.2009, p. 89.

([2]) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 (ĠU C 184 E, 8.7.2010, p. 293), Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-11 ta' Marzu 2010 (ĠU C 122 E, 11.5.2010, p. 19), il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2010 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2010.

([3]) ĠU L 378, 31.12.1986, p. 4.

([4]) ĠU L 364, 12.12.1992, p. 7.

(4) Is-suq intern tas-servizzi tal-passiġġieri fuq il-baħar u f'passaġġi fuq l-ilma interni għandu jkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini in ġenerali. Konsegwentement, persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa, kemm jekk ikkawżata minn diżabbiltà, età jew kwalunkwe fattur ieħor, għandhom ikollhom opportunitajiet li jużaw servizzi tal-passiġġieri u kruċieri li huma komparabbli ma' dawk ta' ċittadini oħra. Il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa għandhom l-istess drittijiet bħaċ-ċittadini l-oħra kollha fir-rigward ta' moviment ħieles, libertà tal-għażla u nondiskriminazzjoni.

(5) L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-użu tat-trasport pubbliku u l-użu ta' biljetti integrati sabiex jottimizzaw l-użu u l-interoperabbiltà tad-diversi modi u operaturi tat-trasport.

(6) Fid-dawl tal-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà u sabiex il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa jingħataw opportunitajiet għall-ivvjaġġar fuq il-baħar u minn passaġġi fuq l-ilma interni li huma komparabbli għal dawk taċ-ċittadini l-oħra, għandhom jiġu stabbiliti regoli għan-nondiskriminazzjoni u għall-għajnuna matul il-vjaġġ tagħhom. Dawk il-persuni għandhom għalhekk jiġu aċċettati għat-trasport u mhux imċaħħda mit-trasport, ħlief għal raġunijiet li huma ġġustifikati minħabba s-sigurtà u stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti. Huma għandhom igawdu d-dritt għall-għajnuna fil-portijiet u abbord il-vapuri tal-passiġġieri. Fl-interessi tal-inklużjoni soċjali, il-persuni kkonċernati għandhom jirċievu din l-għajnuna mingħajr ħlas. It-trasportaturi għandhom jistabbilixxu kondizzjonijiet għall-aċċess, preferibbilment bl-użu tas-sistema tal-istandardizzazzjoni Ewropea.

(7) Fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar it-tfassil ta' portijiet u terminali ġodda, u bħala parti minn proġetti kbar ta' rinnovament, il-korpi responsabbli għal dawk il-faċilitajiet għandhom jieħdu kont tal-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa, partikolarment fir-rigward tal-aċċessibbiltà u jagħtu attenzjoni partikolari lir-rekwiżiti ta' "tfassil għal kulħadd". It-trasportaturi għandhom iqisu dawn il-ħtiġijiet meta jkunu qed jiddeċiedu dwar it-tfassil ta' vapuri tal-passiġġieri ġodda jew tar-rinnovar tagħhom skont id- Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni [1] u d-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri [2].

(8) L-għajnuna li tingħata fil-portijiet li jinsabu fit-territorju ta' xi Stat Membru għandha, fost affarijiet oħra, tagħmilha possibbli għal persuni b'diżabbiltà u għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa biex jipproċedu minn post tal-wasla stabbilit f' port sa vapur tal-passiġġieri u minn vapur tal-passiġġieri sal-post tat-tluq stabbilit f'port, inklużi l-imbark u l-iżbark.

(9) Fl-organizzazzjoni tal-għajnuna lil persuni b'diżabbiltà u lil persuni b'mobbiltà mnaqqsa, u t-taħriġ tal-persunal tagħhom, it-trasportaturi għandhom jikkoperaw mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw persuni b'diżabbiltà jew persuni b'mobbiltà mnaqqsa. F'din il-ħidma għandhom ukoll jieħdu kont tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni u l-Kodiċi Internazzjonali dwar l-Istandards tat-Taħriġ, taċ-Ċertifikazzjoni u s-Servizz ta' Għassa għall-Baħħara, kif ukoll tar-Rakomandazzjoni tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) dwar it-tfassil u l-operat tal-vapuri tal-passiġġieri biex iwieġbu għall-ħtiġijiet tal-persuni anzjani u b'diżabbiltà.

(10) Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-imbark ta' persuni b'diżabbiltà jew persuni b'mobbiltà mnaqqsa għandhom ikunu mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-imbark tal-passiġġieri stipulati mir-regoli internazzjonali, tal-Unjoni jew nazzjonali li jkunu fis-seħħ.

(11) L-atti legali tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri għandhom iqisu l-ħtiġijiet tal-passiġġieri, partikolarment dawk tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, li jużaw modi differenti ta' trasport u li jkollhom koinċidenzi bla xkiel bejn il-modi differenti, suġġetti għar-regolamenti applikabbli dwar is-sikurezza fl-operazzjoni tal-vapuri.

(12) Il-passiġġieri għandhom jiġu infurmati b'mod adegwat fil-każ ta' kanċellazzjoni jew ittardjar ta' kwalunkwe servizz tal-passiġġieri jew kruċiera. Din l-informazzjoni għandha tgħin lill-passiġġieri biex jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa u jekk meħtieġ biex jiksbu informazzjoni dwar konnessjonijiet alternattivi.

(13) L-inkonvenjenza li jgħaddu minnha l-passiġġieri minħabba l-kanċellazzjoni jew l-ittardjar fit-tul tal-vjaġġ tagħhom għandha titnaqqas. Għal dan il-għan għandu jittieħed ħsieb il-passiġġieri kif jistħoqq u għandhom ikunu jistgħu jikkanċellaw il-vjaġġ tagħhom u jiġu rimborżati tal-biljetti jew tinbidlilhom ir-rotta b'kondizzjonijiet sodisfaċenti. Akkomodazzjoni xierqa għall-passiġġieri mhijiex partikolarment meħtieġa li tkun tikkonsisti fi kmamar f'lukanda iżda tista' wkoll tkun fi kwalunkwe akkomodazzjoni xierqa oħra li tkun disponibbli, skont, b'mod partikolari, iċ-ċirkostanzi relatati ma' kull sitwazzjoni speċifika, il-vetturi tal-passiġġieri u l-karatteristiċi tal-vapur. F'dan ir-rigward u f'każijiet ġustifikati kif jistħoqq ta' ċirkostanzi straordinarji u urġenti, it-trasportaturi għandhom ikunu jistgħu jgawdu b'mod sħiħ mill-faċilitajiet relevanti disponibbli, b'koperazzjoni mal-awtoritajiet ċivili.

[1] ĠU L 389, 30.12.2006, p. 1.

[2] ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1.

(14) It-trasportaturi għandhom jipprovdu għall-ħlas ta' kumpens lill-passiġġieri f'każ ta' kanċellazzjoni jew ittardjar ta' servizz tal-passiġġieri abbażi ta' perċentwali tal-prezz tal-biljett, minbarra meta l-kanċellazzjoni jew l-ittardjar iseħħu minħabba kondizzjonijiet tat-temp li jipperikolaw l-operazzjoni sikura tal-vapur jew minħabba ċirkostanzi straordinarji li ma setgħux jiġu evitati anki jekk ittieħdu l-miżuri raġonevoli kollha.

(15) Skont il-prinċipji ġeneralment aċċettati, it-trasportaturi għandhom ikollhom l-oneru tal-prova rigward il-fatt li l-kanċellazzjoni jew l-ittardjar kienu kkawżati mit-tali kondizzjonijiet tat-temp jew ċirkostanzi straordinarji.

(16) Il-kondizzjonijiet tat-temp li jipperikolaw l-operazzjoni sikura tal-vapur għandhom jinkludu, iżda ma jkunux limitati għal, irjiħat qawwijin, baħar imqalleb, kurrent qawwi, kondizzjonijiet tas-silġ diffikultużi u livelli tal-ilma estremament għoljin jew baxxi, uragani, trombi tal-arja u għargħar.

(17) Ċirkostanzi straordinarji għandhom jinkludu, iżda ma jkunux limitati għal, diżastri naturali bħal niriem u terremoti, attakki terroristiċi, gwerer u konflitti armati militari jew ċivili, irvellijiet, konfiska militari jew illegali, konflitti tax-xogħol, żbarkar ta' kwalunkwe persuna marida, feruta jew mejta, operazzjonijiet ta' tiftix jew salvataġġ fuq il-baħar jew f'passaġġi fuq l-ilma interni, miżuri meħtieġa għall-protezzjoni tal-ambjent, deċiżjonijiet meħudin minn korpi tal-ġestjoni tat-traffiku jew minn awtoritajiet tal-port, jew deċiżjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-ordni u s-sigurtà pubblika kif ukoll biex ikopru ħtiġijiet urġenti tat-trasport.

(18) Bl-involviment tal-partijiet interessati, assoċjazzjonijiet professjonali u assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, passiġġieri, persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa, it-trasportaturi għandhom jikoperaw sabiex jadottaw arranġamenti fil-livell nazzjonali jew Ewropew biex itejbu l-kura u l-għajnuna offruta lill-passiġġieri kull meta l-vjaġġ tagħhom jiġi interrott, partikolarment fil-każ ta' ittardjar fit-tul jew kanċellazzjoni tal-vjaġġ. Il-korpi nazzjonali tal-infurzar għandhom ikunu mgħarrfa b'dawk l-arranġamenti.

(19) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea diġà ddeċidiet li l-problemi li jwasslu għal kanċellazzjonijiet jew ittardjar jistgħu jkunu koperti mill-kunċett ta' ċirkostanzi straordinarji biss sa fejn jirriżultaw minn avvenimenti li mhumiex inerenti fl-eżerċizzju normali tal-attività tat-trasportatur ikkonċernat u ma jkunux jaqgħu fl-ambitu tal-kontroll effettiv tiegħu. Għandu jiġi nnutat jekk il-kondizzjonijiet tat-temp li jipperikolaw l-operat tal-vapur ikunux tabilħaqq lil hinn mill-kontroll tat-trasportatur.

(20) Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa d-drittijiet tal-passiġġieri stabbiliti mid-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE tat-13 ta' Ġunju 1990 dwar il-vjaġġi kollox kompriż, il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż ([1]). Dan ir-Regolament m'għandux japplika f'każijiet fejn tour kollox kompriż huwa kkanċellat għal raġunijiet differenti mill-kanċellazzjoni tas-servizz tal-passiġġieri jew tal-kruċiera.

(21) Il-passiġġieri għandhom jiġu informati bis-sħiħ, f'format aċċessibbli għal kulħadd, dwar id-drittijiet tagħhom skont dan ir-Regolament, biex b'hekk ikunu jistgħu jeżerċitaw dawk id-drittijiet effettivament. Id-drittijiet tal-passiġġieri għandhom jinkludu r-riċezzjoni ta' informazzjoni rigward is-servizz tal-passiġġieri jew il-kruċiera qabel u wara l-vjaġġ. L-informazzjoni kollha essenzjali mogħtija lill-passiġġieri għandha wkoll tiġi pprovduta f'formati aċċessibbli għal persuni b'diżabbiltà u għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa u dawn il-formati aċċessibbli għandhom ikunu jippermettu lill-passiġġieri li jkollhom aċċess għall-istess informazzjoni bl-użu, pereżempju, ta' formati ta' test, Braille, awdjo, vidjo u/jew elettroniċi.

(22) Il-passiġġieri għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom permezz ta' proċeduri xierqa u aċċessibbli għall-ilmenti implimentati mit-trasportaturi u mill-operaturi tat-terminali fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom jew, skont il-każ, permezz tat-tressiq tal-ilmenti tagħhom lill-korp jew lill-korpi maħtura għal dak il-għan mill-Istat Membru kkonċernat. It-trasportaturi u l-operaturi tat-terminali għandhom jirrispondu għall-ilmenti mill-passiġġieri f'perijodu ta' żmien stabbilit, filwaqt li jżommu f'moħħhom li n-nuqqas min-naħa tagħhom ta' reazzjoni għal ilment magħmul jista' jitqies kontrihom.

(23) B'kont meħud tal-proċeduri stabbiliti minn Stat Membru biex jitressqu l-ilmenti, ilment li jirrigwarda l-għajnuna f'port jew abbord vapur għandu preferibbilment jiġi indirizzat lill-korp jew lill-korpi maħturin għall-infurzar ta' dan ir-Regolament fl-Istat Membru fejn jinsab il-port tal-imbark, u, għas-servizzi tal-passiġġieri minn pajjiż terz, fejn jinsab il-port tal-iżbark.

(24) L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament u għandhom jaħtru entità jew entitajiet kompetenti biex iwettqu kompiti ta' sorveljanza u ta' infurzar. Dan ma jaffettwax id-drittijiet tal-passiġġieri li jfittxu rimedju legali mill-qrati skont il-liġi nazzjonali.

(25) Il-korp jew korpi maħtura għall-infurzar ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu indipendenti minn interessi kummerċjali. Kull Stat Membru għandu jaħtar mill-inqas korp wieħed li, fejn japplika, għandu jkollu

([1]) . ĠU L 158, 23.6.1990, p. 59.

s-setgħa u l-kapaċità li jinvestiga ilmenti individwali u jiffaċilita r-riżoluzzjoni tat-tilwim. Il-passiġġieri għandhom ikunu intitolati li jirċievu risposta sustanzjata mill-korp maħtur, f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Minħabba l-importanza ta' statistiki affidabbli għall-infurzar ta' dan ir-regolament, b'mod partikolari sabiex tiġi żgurata applikazzjoni koerenti madwar l-Unjoni kollha, ir-rapporti mħejjija minn dawk il-korpi għandhom jekk ikun possibbli jinkludu statistiki dwar l-ilmenti u r-riżultat aħħari tagħhom.

(26) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pieni applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawk il-pieni jiġu applikati. Dawk il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(27) Ladarba l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni u għajnuna lill-passiġġieri fl-Istati Membri kollha u li l-aġenti ekonomiċi joperaw skont kondizzjonijiet armonizzati fis-suq intern, ma jistgħux jinkisbu suffiċjentement mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(28) L-infurzar ta' dan ir-Regolament għandu jkun ibbażat fuq ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (ir-Regolament dwar koperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi) ([1]). Dak ir-Regolament għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(29) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data ([2]) għandha tiġi rispettata u infurzata strettament sabiex ikun garantit ir-rispett għall-privatezza ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, u sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni u r-rapporti mitlubin iservu biss biex jitwettqu l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament u ma jintużawx għad-detriment ta' tali persuni.

(30) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti partikolarment mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, imsemmija fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għat-trasport fuq il-baħar u fuq passiġġi fuq l-ilma interni fir-rigward ta' dan li ġej:

(a) nondiskriminazzjoni bejn il-passiġġieri fir-rigward tal-kondizzjonijiet tat-trasport offruti mit-trasportaturi;

(b) nondiskriminazzjoni u għajnuna għal persuni b'diżabbiltà u għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa;

(c) id-drittijiet tal-passiġġieri f'każijiet ta' kanċellazzjoni jew ittardjar;

(d) l-informazzjoni minima li għandha tingħata lill-passiġġieri;

(e) it-trattament tal-ilmenti;

(f) regoli ġenerali dwar l-infurzar.

*Artikolu 2*

### Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika fir-rigward ta' passiġġieri li jivvjaġġaw:

(a) fuq servizzi tal-passiġġieri fejn il-port tal-imbark jinsab fit-territorju ta' Stat Membru;

(b) fuq servizzi tal-passiġġieri fejn il-port tal-imbark jinsab barra t-territorju ta' Stat Membru u l-port tal-iżbark jinsab fit-territorju ta' Stat Membru, sakemm is-servizz ikun operat minn trasportatur tal-Unjoni kif definit fl-Artikolu 3(e);

(c) fuq kruċiera fejn il-port tal-imbark jinsab fit-territorju ta' Stat Membru. Madankollu, l-Artikoli 16(2), 18, 19 u 20(1) u (4) m'għandhomx japplikaw għal dawk il-passiġġieri.

2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika fir-rigward ta' passiġġieri li jivvjaġġaw:

(a) fuq vapuri ċċertifikati biex iġorru sa 12-il passiġġier;

(b) fuq vapuri li jkollhom ekwipaġġ responsabbli għall-operat tal-vapur magħmul minn mhux aktar minn tliet persuni jew fejn id-distanza tas-servizz globali tal-passiġġieri tkun inqas minn 500 metru, f'direzzjoni waħda;

(c) fuq eskursjonijiet u tours turistiċi apparti l-kruċieri; jew

([1]) ĠU L 364, 9.12.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

(d) fuq vapuri li ma jimxux b'mezzi mekkaniċi kif ukoll vapuri tal-passiġġieri storiċi, oriġinali jew repliki individwali tagħhom, imfassla qabel l-1965, mibnija b'mod predominanti bil-materjali oriġinali, ċertifikati li jġorru sa 36 passiġġier.

3. L-Istati Membri jistgħu, għal perijodu ta' sentejn mit-18 ta' Diċembru 2012, jeżentaw vapuri tat-tbaħħir ta' inqas minn 300 tunnellata grossa mħaddmin fit-trasport domestiku mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, sakemm id-drittijiet tal-passiġġieri skont dan ir-Regolament ikunu żgurati b'mod adegwat skont il-liġi nazzjonali.

4. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament servizzi tal-passiġġieri koperti mill-obbligi tas-servizz pubbliku, kuntratti tas-servizz pubbliku jew servizzi integrati, sakemm id-drittijiet tal-passiġġieri skont dan ir-Regolament ikunu ggarantiti b'mod kumparabbli skont il-liġi nazzjonali.

5. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2006/87/KE u għad-Direttiva 2009/45/KE, xejn f'dan ir-Regolament m'għandu jinftiehem li jikkostitwixxi rekwiżiti tekniċi li jimponu obbligi fuq it-trasportaturi, operaturi tat-terminali jew entitajiet oħra li jimmodifikaw jew jissostitwixxu vapuri, infrastruttura, portijiet jew terminali tal-portijiet.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "persuna b'diżabbiltà" jew "persuni b'mobbiltà mnaqqsa" tfisser kwalunkwe persuna li l-mobbiltà tagħha meta jintuża t-trasport hija mnaqqsa minħabba kwalunkwe diżabbiltà fiżika (sensorjali jew lokomotorja, permanenti jew temporanja), diżabbiltà jew nuqqas intellettwali, jew kwalunkwe kawża oħra ta' diżabbiltà, jew minħabba l-età, u li s-sitwazzjoni tagħha teħtieġ attenzjoni adegwata kif ukoll adattament għall-ħtiġijiet partikolari tagħha tas-servizz li jkun disponibbli għall-passiġġieri kollha;

(b) "territorju ta' Stat Membru" tfisser territorju li għalih jirreferi t-Trattat kif imsemmi fl-Artikolu 355 tiegħu, skont il-kondizzjonijiet fih stabbiliti;

(c) "kondizzjonijiet tal-aċċess" tfisser standards, linji gwida u informazzjoni rilevanti dwar l-aċċessibbiltà tat-terminali tal-port u l-vapuri, inklużi l-faċilitajiet tagħhom għall-persuni b'diżabbiltà jew persuni b'mobbiltà mnaqqsa;

(d) "trasportatur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, minbarra operatur turistiku, aġent tal-ivvjaġġar jew bejjiegħ tal-biljetti, li toffri trasport permezz ta' servizzi tal-passiġġieri jew kruċieri lill-pubbliku ġenerali;

(e) "trasportatur tal-Unjoni" tfisser trasportatur stabbilit fit-territorju ta' Stat Membru jew li joffri trasport permezz ta' servizzi tal-passiġġieri mħaddmin lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru;

(f) "servizz tal-passiġġieri" tfisser servizz tat-trasport tal-passiġġieri kummerċjali fuq il-baħar jew f'passaġġi fuq l-ilma interni mħaddem skont skeda pubblikata;

(g) "servizzi integrati" tfisser servizzi ta' trasport interkonness f'żona ġeografika speċifika b'servizz singolu ta' informazzjoni, skema ta' ittikettjar u skeda;

(h) "trasportatur adempjenti" tfisser persuna oħra, minbarra t-trasportatur, li fil-fatt iwettaq il-ġarr kollu jew parti minnu;

(i) "passaġġi fuq l-ilma interni" tfisser medda ta' ilmijiet interni naturali jew artifiċjali li jkunu navigabbli, jew sistema ta' meded interkonnessi ta' ilmijiet, użati għat-trasport, bħal għadajjar, xmajjar jew kanali jew kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn;

(j) "port" tfisser post jew żona ġeografika magħmulin minn tali ħidmiet u faċilitajiet għat-titjib, biex jippermettu l-akkoljenza ta' vapuri, li minnhom il-passiġġieri regolarment jimbarkaw jew jiżbarkaw;

(k) "terminal tal-port" tfisser terminal, imħaddem minn persunal tat-trasportatur jew ta' operatur tat-terminali, f'port b'faċilitajiet, bħal banek taċ-check-in, banek tal-biljetti jew swali, u persunal għall-imbark jew l-iżbark ta' passiġġieri li jivvjaġġaw fuq servizzi tal-passiġġieri jew fuq kruċiera;

(l) "vapur" tfisser bastiment użat għan-navigazzjoni fil-baħar jew f'passaġġi fuq l-ilma interni;

(m) "kuntratt ta' trasport" tfisser kuntratt ta' ġarr bejn trasportatur u passiġġier għall-forniment ta' servizz wieħed jew aktar tal-passiġġieri jew kruċieri;

(n) "biljett" tfisser dokument validu jew evidenza oħra ta' kuntratt ta' trasport;

(o) "bejjiegħ tal-biljetti" tfisser kwalunkwe bejjiegħ bl-imnut li jikkonkludi kuntratti ta' trasport f'isem trasportatur;

(p) "aġent tal-ivvjaġġar" tfisser kwalunkwe bejjiegħ bl-imnut li jaġixxi f'isem passiġġier jew operatur turistiku għall-konklużjoni ta' kuntratti ta' trasport;

(q) "operatur turistiku" tfisser organizzatur jew bejjiegħ bl-imnut, minbarra trasportatur, fit-tifsira tal-Artikolu 2(2) u (3) tad-Direttiva 90/314/KEE;

(r) "prenotazzjoni" tfisser ibbukkjar ta' tluq speċifiku ta' servizz tal-passiġġieri jew kruċiera;

(s) "operatur tat-terminali" tfisser korp privat jew pubbliku fit-territorju ta' Stat Membru responsabbli għall-amministrazzjoni u l-ġestjoni ta' terminal ta' port;

(t) "kruċiera" tfisser servizz ta' trasport bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni, operat esklussivament għall-fini ta' pjaċir u rikreazzjoni, supplimentat b'akkomodazzjoni u faċilitajiet oħra, ta' aktar minn jumejn b'żewġt iljieli abbord;

(u) "inċident marittimu" tfisser għarqien, qlib, ħbit jew inkaljar tal-vapur, splużjoni jew nar fil-vapur, jew difett fil-vapur.

*Artikolu 4*

**Biljetti u kondizzjonijiet nondiskriminatorji fil-kuntratt**

1. It-trasportaturi għandhom jipprovdu biljett lill-passiġġier, sakemm skont il-liġi nazzjonali dokumenti oħra ma jagħtux intitolament għat-trasport. Biljett jista' jinħareġ f'format elettroniku.

2. Mingħajr preġudizzju għat-tariffi soċjali, il-kondizzjonijiet tal-kuntratt u t-tariffi applikati minn trasportaturi jew bejjiegħa tal-biljetti għandhom jiġu offruti lill-pubbliku ġenerali mingħajr ebda diskriminazzjoni diretta jew indiretta bbażata fuq in-nazzjonalità tal-konsumatur finali jew fuq il-post tal-istabbiliment tat-trasportaturi jew tal-bejjiegħa tal-biljetti fl-Unjoni.

*Artikolu 5*

**Partijiet adempjenti oħra**

1. Fejn it-twettiq tal-obbligi taħt dan ir-Regolament ikun ġie fdat lil trasportatur adempjenti, bejjiegħ tal-biljetti jew kwalunkwe persuna oħra, it-trasportatur, l-aġent tal-ivvjaġġar, l-operatur turistiku u l-operatur tat-terminali li fada tali obbligi għandhom minkejja dan ikunu responsabbli għall-atti u l-ommissjonijiet ta' dik il-parti adempjenti, li taġixxi fl-ambitu tal-impjieg ta' dik il-parti.

2. Addizzjonalment għall-paragrafu 1, il-parti li tkun ġiet fdata bit-twettiq ta' obbligu mit-trasportatur, l-aġent tal-ivvjaġġar, l-operatur turistiku jew l-operatur tat-terminali għandha tkun suġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, inkluża d-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltajiet u d-difiżi, fir-rigward tal-obbligu fdat.

*Artikolu 6*

**Esklużjoni tar-rinunzja**

Id-drittijiet u l-obbligi taħt dan ir-Regolament m'għandhomx ikunu rinunzjati jew limitati, b'mod partikolari b'deroga jew klawsola restrittiva fil-kuntratt ta' trasport.

KAPITOLU II

## DRITTIJIET TAL-PERSUNI B'DIŻABBILTÀ U TAL-PERSUNI B'MOBBILTÀ MNAQQSA

*Artikolu 7*

**Dritt għat-trasport**

1. It-trasportaturi, l-aġenti tal-ivvjaġġar u l-operaturi turistiċi m'għandhomx jirrifjutaw li jaċċettaw prenotazzjoni, joħorġu jew jipprovdu b'mod ieħor biljett jew jimbarkaw persuni minħabba diżabbiltà jew mobbiltà mnaqqsa bħala tali.

2. Il-prenotazzjonijiet u biljetti għandhom jiġu offruti lil persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa mingħajr spejjeż żejda u bl-istess kondizzjonijiet applikabbli għall-passiġġieri l-oħra kollha.

*Artikolu 8*

**Eċċezzjonijiet u kondizzjonijiet speċjali**

1. B'deroga mill-Artikolu 7(1), it-trasportaturi, l-aġenti tal-ivvjaġġar u l-operaturi turistiċi jistgħu jirrifjutaw li jaċċettaw prenotazzjoni minn, jew li joħorġu jew jipprovdu b'mod ieħor biljett lil jew li jimbarkaw persuna b'diżabbiltà jew persuna b'mobbiltà mnaqqsa:

(a) sabiex ikunu sodisfatti r-rekwiżiti applikabbli tas-sigurtà stabbiliti mil-liġi internazzjonali, tal-Unjoni jew nazzjonali, jew sabiex ikunu sodisfatti r-rekwiżiti ta' sikurezza stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti;

(b) fejn it-tfassil tal-vapur tal-passiġġieri jew tal-infrastruttura u tat-tagħmir tal-port, inklużi t-terminali tal-port, jagħmluha impossibbli li jitwettaq l-imbark, l-iżbark jew il-ġarr tal-persuna msemmija b'mod sikur jew operattivament fattibbli.

2. Fil-każ li jirrifjutaw li jaċċettaw prenotazzjoni jew li joħorġu jew jipprovdu b'mod ieħor biljett minħabba r-raġunijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, it-trasportaturi, l-aġenti tal-ivvjaġġar u l-operaturi turistiċi għandhom jagħmlu l-isforzi kollha raġonevoli biex jipproponu lill-persuna kkonċernata trasport alternattiv aċċettabbli fuq servizz tal-passiġġieri jew kruċiera mħaddmin mit-trasportatur.

3. Fejn persuna b'diżabbiltà jew persuna b'mobbiltà mnaqqsa, li jkollha prenotazzjonijew ikollha biljett u tkun ikkonformat mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 11(2), xorta waħda tiġi mċaħħda l-imbark fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament, dik il-persuna, u kwalunkwe persuna li takkumpanjaha msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, għandha tiġi offruta l-għażla bejn id-dritt għal rimborż u l-bdil fir-rotta kif previst fl-Anness I. Id-dritt għall-għażla ta' vjaġġ ta' ritorn jew għal bdil fir-rotta għandu jkun bil-kondizzjoni li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti kollha ta' sikurezza.

4. Fejn ikun strettament meħtieġ u taħt l-istess kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1, it-trasportaturi, l-aġenti tal-ivvjaġġar u l-operaturi turistiċi jistgħu jesiġu li persuna b'diżabbiltà jew persuna b'mobbiltà mnaqqsa tkun akkumpanjata minn persuna oħra li tkun kapaċi tagħti l-għajnuna meħtieġa mill-persuna b'diżabbiltà jew mill-persuna b'mobbiltà mnaqqsa. Fir-rigward tas-servizzi tal-passiġġieri, tali persuna akkumpanjatriċi għandha tinġarr mingħajr ħlas.

5. Meta t-trasportaturi, l-aġenti tal-ivvjaġġar u l-operaturi turistiċi jirrikorru għall-paragrafi 1 sa 4, huma għandhom jinformaw immedjatament lill-persuna b'diżabbiltà jew lill-persuna b'mobbiltà mnaqqsa bir-raġunijiet speċifiċi għalhekk. Fuq talba, dawn ir-raġunijiet għandhom jiġu nnotifikati bil-miktub lill-persuna b'diżabbiltà jew lill-persuna b'mobbiltà mnaqqsa, mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' ħidma wara t-talba. F'każ ta' rifjut taħt il-paragrafu 1(a), għandha ssir referenza għar-rekwiżiti ta' sikurezza applikabbli.

*Artikolu 9*

## Aċċessibbiltà u informazzjoni

1. B'koperazzjoni ma' organizzazzjonijiet rappreżentanti ta' persuni b'diżabbiltà jew persuni b'mobbiltà mnaqqsa, it-trasportaturi u l-operaturi tat-terminali għandhom, fejn meħtieġ permezz tal-organizzazzjonijiet tagħhom, jistabbilixxu, jew ikollhom fis-seħħ, kondizzjonijiet għall-aċċess nondiskriminatorji għat-trasport ta' persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa u l-persuni li jakkumpanjawhom. Fuq talba, il-kondizzjonijiet għall-aċċess għandhom ikunu kkomunikati lill-korpi nazzjonali tal-infurzar.

2. L-istandards ta' kwalità previsti fil-paragrafu 1 għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mit-trasportaturi u mill-operaturi tat-terminali fiżikament jew fuq l-Internet, f'formati aċċessibbli fuq talba, u bl-istess lingwi bħal dawk li bihom l-informazzjoni ġeneralment tkun għad-dispożizzjoni tal-passiġġieri kollha. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa.

3. L-operaturi turistiċi għandhom jagħmlu disponibbli l-kondizzjonijiet għall-aċċess previsti fil-paragrafu 1 li japplikaw għall-vjaġġi inklużi fil-vjaġġi kollox kompriż, fil-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż li huma jorganizzaw, ibigħu jew joffru għall-bejgħ.

4. It-trasportaturi, l-aġenti tal-ivvjaġġar u l-operaturi turistiċi għandhom jiżguraw li l-informazzjoni kollha rilevanti, inklużi l-prenotazzjoni u l-informazzjoni online, dwar il-kondizzjonijiet tal-ġarr, l-informazzjoni dwar il-vjaġġ u l-kondizzjonijiet għall-aċċess hija disponibbli f'formati adatti u aċċessibbli għal persuni b'diżabbiltà u għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa. Persuni li jkunu jeħtieġu l-assistenza għandhom jirċievu konferma ta' tali assistenza bi kwalunkwe mezz disponibbli, inklużi mezzi elettroniċi jew Servizz ta' Messaġġi Qosra (SMS).

*Artikolu 10*

## Dritt għall-għajnuna fil-portijiet u abbord il-vapuri

Suġġett għall-kondizzjonijiet għall-aċċess previsti fl-Artikolu 9(1), it-trasportaturi u l-operaturi tat-terminali għandhom, fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, jagħtu għajnuna mingħajr ħlas lil persuni b'diżabbiltà jew lil persuni b'mobbiltà mnaqqsa, kif speċifikat fl-Annessi II u III, fil-portijiet, inklużi matul l-imbark u l-iżbark, u abbord il-vapuri. L-assistenza għandha, jekk ikun possibbli, tkun adattata għall-ħtiġijiet individwali tal-persuna b'diżabbiltà jew tal-persuna b'mobbiltà mnaqqsa.

*Artikolu 11*

## Kondizzjonijiet li taħthom tingħata l-għajnuna

1. It-trasportaturi u l-operaturi tat-terminali għandhom, fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, jagħtu għajnuna lil persuni b'diżabbiltà u lil persuni b'mobbiltà mnaqqsa kif stabbilit fl-Artikolu 10 kemm-il darba:

(a) t-trasportatur jew l-operatur tat-terminali jiġi nnotifikat, bi kwalunkwe mezz possibbli, inklużi mezzi elettroniċi jew SMS, bil-ħtieġa tal-persuna għal tali għajnuna mhux aktara tard minn 48 siegħa qabel ma tkun meħtieġa l-għajnuna, ħlief jekk il-passiġġier u t-trasportatur jaqblu dwar perjodu iqsar; u

(b) l-persuna b'diżabbiltà jew il-persuna b'mobbiltà mnaqqsa tippreżenta lilha nnifisha fil-port jew fil-punt speċifikat kif imsemmi fl-Artikolu 12(3):

(i) f'ħin stipulat bil-miktub mit-trasportatur li m'għandux ikun aktar minn 60 minuta qabel il-ħin tal-imbark ippubblikat, jew

(ii) jekk l-ebda ħin ma jkun stipulat, mhux aktar tard minn 60 minuta qabel il-ħin ippubblikat tat-tluq, ħlief jekk isir ftehim dwar perjodu iqsar bejn il-passiġġier u t-trasportatur jew l-operatur tat-terminali.

2. Addizzjonalment għall-paragrafu 1, il-persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa għandhom jinnotifikaw lit-trasportatur, fil-mument tal-prenotazzjoni jew tax-xiri minn qabel tal-biljett, bil-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom tal-akkomodazzjoni, tal-postijiet fejn joqogħdu bil-qiegħda, ta' servizzi meħtieġa jew tal-ħtieġa tagħhom li jġibu tagħmir mediku, sakemm il-ħtieġa tkun magħrufa dak iż-żmien.

3. Notifika li ssir skont il-paragrafi 1(a) u 2 tista' dejjem tiġi ppreżentata lill-aġent tal-ivvjaġġar jew lill-operatur turistiku li mingħandu jkun inxtara l-biljett. Fejn il-biljett jippermetti aktar minn vjaġġ wieħed, notifika waħda għandha tkun biżżejjed, kemm-il darba tingħata l-informazzjoni adegwata dwar il-ħin tal-vjaġġi sussegwenti. Il-passiġġier għandu jirċievi konferma li tgħid li l-ħtiġijiet għal għajnuna jkunu ġew innotifikati kif mitlub skont il-paragrafi 1(a) u 2.

4. Fejn ma ssir l-ebda notifika skont il-paragrafi 1(a) u 2, it-trasportaturi u l-operaturi tat-terminali għandhom madankollu jagħmlu l-isforzi kollha raġonevoli biex jiżguraw li l-għajnuna tingħata b'tali mod li l-persuna b'diżabbiltà jew il-persuna b'mobbiltà mnaqqsa tkun tista' timbarka fuq il-vapur, tiżbarka minnu u tivvjaġġa fuqu.

5. Meta persuna b'diżabbiltà jew persuna b'mobbiltà mnaqqsa tkun akkumpanjata minn kelb ta' għajnuna rikonoxxut, dak il-kelb għandu jiġi akkomodat flimkien ma' dik il-persuna, kemm-il darba t-trasportatur, l-aġent tal-ivvjaġġar jew l-operatur turistiku jkunu nnotifikati skont ir-regoli nazzjonali applikabbli dwar il-ġarr tal-klieb ta' għajnuna rrikonoxxuti abbord il-vapuri tal-passiġġieri, fejn dawn ir-regoli jeżistu.

*Artikolu 12*

**Riċezzjoni ta' notifiki u speċifikazzjoni ta' postijiet ta' lqigħ**

1. It-trasportaturi, l-operaturi tat-terminali, l-aġenti tal-ivvjaġġar u l-operaturi turistiċi għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għat-talba għal notifiki, u għar-riċezzjoni ta' notifiki magħmulin skont l-Artikolu 11(1)(a) u 11(2). Dak l-obbligu għandu japplika fil-punti tal-bejgħ kollha tagħhom, inkluż il-bejgħ bit-telefon u minn fuq l-Internet.

2. Jekk l-aġenti tal-ivvjaġġar jew l-operaturi turistiċi jirċievu n-notifika msemmija fil-paragrafu 1 huma għandhom, fil-ħin normali tagħhom tal-uffiċċju, jibagħtu l-informazzjoni lit-trasportatur jew lill-operatur tat-terminali mingħajr dewmien.

3. It-trasportaturi u l-operaturi tat-terminali għandhom jispeċifikaw post ġewwa jew barra t-terminali tal-portijiet fejn persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa jistgħu jħabbru l-wasla tagħhom u jitolbu għajnuna. Dan il-post għandu jkun immarkat b'mod ċar b'tabella u għandu joffri, f'formati aċċessibbli, informazzjoni bażika dwar it-terminal tal-port u l-għajnuna pprovduta.

*Artikolu 13*

**Standards ta' kwalità għall-għajnuna**

1. L-operaturi tat-terminali u t-trasportaturi li joperaw it-terminali tal-portijiet jew is-servizzi tal-passiġġieri b'total ta' aktar minn 100 000 moviment tal-passiġġieri kummerċjali matul is-sena kalendarja preċedenti għandhom, fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, jistipulaw standards ta' kwalità għall-għajnuna speċifikata fl-Annessi II u III u għandhom, fejn hu xieraq permezz tal-organizzazzjonijiet tagħhom, jiddeterminaw rekwiżiti għar-riżorsi biex jilħqu dawk l-istandards, b'koperazzjoni mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw persuni b'diżabbiltà jew persuni b'mobbiltà mnaqqsa.

2. Meta jiġu stabbiliti l-istandards tal-kwalità, għandhom jitqiesu bis-sħiħ il-politika internazzjonali rikonoxxuta u l-kodiċijiet tal-imġiba li jikkonċernaw il-faċilitazzjoni tat-trasport tal-persuni b'diżabbiltà jew tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, partikolarment ir-Rakkomandazzjonijiet tal-IMO dwar it-tfassil u l-operat tal-vapuri tal-passiġġieri biex iwieġbu għall-ħtiġijiet ta' persuni anzjani u b'diżabbiltà.

3. L-istandards ta' kwalità previsti fil-paragrafu 1 għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mit-trasportaturi u mill-operaturi tat-terminali fiżikament jew fuq l-Internet f'formati aċċessibbli u bl-istess lingwi bħal dawk li bihom l-informazzjoni ġeneralment tkun għad-dispożizzjoni tal-passiġġieri kollha.

*Artikolu 14*

**Taħriġ u istruzzjonijiet**

Mingħajr preġudizzju għall-Konvenzjoni u l-Kodiċi Internazzjonali dwar l-Istandards tat-Taħriġ, taċ-Ċertifikazzjoni u s-Servizz ta' Għassa għall-Baħħara u għar-regolamenti adottati skont il-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fir-Rhine u l-Konvenzjoni rigward ir-Reġim ta' Navigazzjoni fid-Danubju, it-trasportaturi u, fejn adatt, l-operaturi tat-terminali għandhom jistabbilixxu proċeduri ta' taħriġ relatati mad-diżabbiltajiet, inklużi istruzzjonijiet, u jiżguraw li:

(a) il-persunal tagħhom, inkluż dak impjegat minn kwalunkwe parti adempjenti oħra, li jipprovdi għajnuna diretta lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, ikun imħarreġ jew jingħata istruzzjonijiet kif deskritt fl-Anness IV, Partijiet A u B;

(b) il-persunal tagħhom li jkun b'xi mod ieħor responsabbli għall-prenotazzjoni u l-bejgħ ta' biljetti jew imbark jew żbark, inkluż dak impjegat minn kwalunkwe parti adempjenti oħra, ikun imħarreġ jew jingħata istruzzjonijiet kif deskritt fl-Anness IV, Parti A; u

(c) il-kategoriji ta' persunal msemmija fil-punti (a) u (b) iżommu l-kompetenzi tagħhom pereżempju permezz ta' istruzzjonijiet jew korsijiet ta' taħriġ ta' aġġornament meta jkun meħtieġ.

*Artikolu 15*

**Kumpens relatat ma' tagħmir għall-mobbiltà jew tagħmir ieħor speċifiku**

1. It-trasportaturi u l-operaturi tat-terminali għandhom ikunu responsabbli għat-telf imġarrab minħabba telf ta' jew ħsara fit-tagħmir għall-mobbiltà jew tagħmir ieħor speċifiku, użat minn persuna b'diżabbiltà jew persuna b'mobbiltà mnaqqsa, jekk l-inċident li kkaġuna t-telf kien minħabba n-nuqqas jew in-negliġenza tat-trasportatur jew tal-operatur tat-terminali. In-nuqqas jew in-negliġenza tat-trasportatur għandhom ikunu preżunti għal telf ikkaġunat minn inċident marittimu.

2. Il-kumpens imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jikkorrispondi għall-valur ta' sostituzzjoni tat-tagħmir ikkonċernat jew, fejn applikabbli, għall-ispejjeż relatati mat-tiswijiet.

3. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw jekk ikun japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 392/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi ta' passiġġieri bil-baħar fil-każ ta' aċċidenti ([1]).

4. Barra minn hekk, għandu jsir kull sforz sabiex it-tagħmir jiġi ssostitwit temporanjament u fi żmien qasir b'tagħmir li jkun alternattiva xierqa.

([1]) ĠU L 131, 28.5.2009, p. 24.

KAPITOLU III

## OBBLIGI TAT-TRASPORTATURI U TAL-OPERATURI TAT-TERMINALI FIL-KAŻ TA' VJAĠĠ INTERROTT

*Artikolu 16*

### Informazzjoni fil-każ ta' tluq ikkanċellat jew tluq tard

1. Fil-każ ta' kanċellazzjoni jew ittardjar fit-tluq ta' servizzi tal-passiġġieri jew kruċiera, il-passiġġieri li jitilqu minn terminali tal-port jew, jekk ikun possibbli, passiġġieri li jitilqu mill-portijiet, għandhom jiġu informati mit-trasportatur jew, fejn meħtieġ, mill-operatur tat-terminali, bis-sitwazzjoni malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 30 minuta wara l-ħin tat-tluq skedat, u tal-ħin tat-tluq stmat u tal-ħin tal-wasla stmat, hekk kif dik l-informazzjoni tkun disponibbli.

2. Jekk il-passiġġieri jitilfu servizz ta' trasport konness minħabba kanċellazzjoni jew ittardjar, it-trasportatur u, fejn meħtieġ, l-operatur tat-terminali, għandu jagħmel sforzi raġonevoli biex jinforma lill-passiġġieri kkonċernati dwar konnessjonijiet alternattivi.

3. It-trasportatur jew, fejn meħtieġ, l-operatur tat-terminali, għandu jiżgura li persuni b'diżabbiltà jew persuni b'mobbiltà mnaqqsa jirċievu l-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafi 1 u 2 f'formati aċċessibbli.

*Artikolu 17*

### Għajnuna fil-każ ta' ta' tluq ikkanċellat jew tluq tard

1. Fejn trasportatur raġonevolment jistenna li t-tluq ta' servizz tal-passiġġieri jew kruċiera jiġi kkanċellat jew ittardjat għal aktar minn 90 minuta wara l-ħin skedat tat-tluq tiegħu, il-passiġġieri li jitilqu minn terminals tal-port għandhom jiġu offruti, mingħajr ħlas, ikliet ħfief, ikliet jew xorb b'mod raġonevoli skont it-tul ta' ħin tal-istennija, kemm-il darba dawn ikunu disponibbli, jew ikunu jistgħu jiġu fornuti b'mod raġonevoli.

2. Fil-każ ta' kanċellazzjoni jew ittardjar fit-tluq fejn isir meħtieġ li l-passiġġier joqgħod lejl wieħed jew aktar jew joqgħod għal iżjed żmien milli kien intenzjonat, fejn u meta fiżikament possibbli, it-trasportatur għandu joffri lill-passiġġieri li jkunu qed jitilqu mit-terminali tal-port, mingħajr ħlas, akkomodazzjoni adegwata abbord, jew fuq l-art, u trasport bejn it-terminal tal-port u l-post tal-akkomodazzjoni b'żieda mal-ikliet ħfief, l-ikliet jew ix-xorb previsti fil-paragrafu 1. Għal kull passiġġier, it-trasportatur jista' jillimita l-ispiża totali tal-akkomodazzjoni fuq l-art għal EUR 80 għal kull lejl, għal massimu ta' tliet iljieli, mingħajr ma jinkludi t-trasport lejn u mit-terminal tal-port u l-post tal-akkomodazzjoni.

3. Fl-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2, it-trasportatur għandu jagħti attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u ta' kwalunkwe persuni li jkunu qed jakkumpanjawhom.

*Artikolu 18*

### Bdil tar-rotta u rimborż fil-każ ta' tluq ikkanċellat jew tluq tard

1. Fejn trasportatur ikun qiegħed raġonevolment jipprevedi li xi servizz tal-passiġġieri jkun ser jiġi kkanċellat jew ittardjat fit-tluq minn terminal ta' port għal aktar minn 90 minuta, il-passiġġier għandu immedjatament jiġi offrut l-għażla bejn:

(a) il-bdil tar-rotta lejn id-destinazzjoni finali, taħt kondizzjonijiet komparabbli, kif stabbilit fil-kuntratt ta' trasport, mal-ewwel opportunità u mingħajr ebda spiża addizzjonali;

(b) ir-rimborż tal-prezz tal-biljett u, fejn rilevanti, servizz ta' ritorn mingħajr ħlas lejn l-ewwel punt tat-tluq, kif stabbilit fil-kuntratt ta' trasport, mal-ewwel opportunità.

2. Meta servizz tal-passiġġieri jiġi kkanċellat jew jittardja fit-tluq minn port għal aktar minn 90 minuta, il-passiġġieri għandhom ikollhom id-dritt għal tali bdil tar-rotta jew rimborż tal-prezz tal-biljett mit-trasportatur.

3. Il-ħlas tar-rimborż previst fil-paragrafi 1(b) u 2 għandu jsir fi żmien sebat ijiem, imħallas f'kontanti, permezz ta' trasferiment bankarju elettroniku, ordnijiet bankarji jew ċekkijiet bankarji, tal-ħlas kollu tal-biljett għall-prezz li bih inxtara, għall-parti jew il-partijiet tal-vjaġġ li ma sarux, u għall-parti jew il-partijiet li diġà saru fejn il-vjaġġ ma jkunx għad fadallu skop fir-rigward tal-pjan oriġinali tal-vjaġġ tal-passiġġier. Fejn il-passiġġier ikun jaqbel, ir-rimborż totali tal-biljett jista' jsir ukoll permezz ta' vawċers u/jew servizzi oħrajn li jammontaw daqs il-prezz tax-xiri tiegħu, kemm-il darba l-kondizzjonijiet ikunu flessibbli, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-perjodu ta' validità u d-destinazzjoni.

*Artikolu 19*

### Kumpens tal-prezz tal-biljett fil-każ ta' ittardjar fil-wasla

1. Mingħajr ma jitilfu d-dritt għat-trasport, il-passiġġieri jistgħu jitolbu kumpens mingħand it-trasportatur jekk ikunu qed jiffaċċaw ittardjar fil-wasla fid-destinazzjoni finali kif stabbilit fil-kuntratt ta' trasport. Il-livelli minimi ta' kumpens għandhom ikunu 25 % tal-prezz tal-biljett f'każ ta' ittardjar ta' għall-inqas:

(a) siegħa fil-każ ta' vjaġġ skedat sa erba' sigħat;

(b) sagħtejn fil-każ ta' vjaġġ skedat ta' aktar minn erba' sigħat, iżda li ma jeċċedix tmien sigħat;

(c) tliet sigħat fil-każ ta' vjaġġ skedat ta' aktar minn tmien sigħat, iżda li ma jeċċedix l-24 siegħa; or

(d) sitt sigħat fil-każ ta' vjaġġ skedat ta' aktar minn 24 siegħa.

Jekk l-ittardjar jeċċedi d-doppju tal-ħin stabbilit fil-punti (a) sa (d), il-kumpens għandu jkun 50 % tal-prezz tal-biljett.

2. Il-passiġġieri li jkollhom pass tal-ivvjaġġar jew biljett staġunali u li jiffaċċaw ittardjar rikorrenti fil-wasla matul il-perijodu ta' validità tagħhom jistgħu jitolbu kumpens adegwat skont l-arranġamenti ta' kumpens tat-trasportatur. Dawn l-arranġamenti għandhom jistabbilixxu l-kriterji għad-determinazzjoni tal-ittardjar fil-wasla u għall-kalkolu tal-kumpens.

3. Il-kumpens għandu jkun ikkalkulat f'relazzjoni mal-prezz li l-passiġġier ikun fil-fatt ħallas għas-servizz ittardjat tal-passiġġieri.

4. Fejn it-trasport ikun għal vjaġġ bir-ritorn, il-kumpens għal ittardjar fil-wasla, kemm fil-vjaġġ tat-tluq kif ukoll tar-ritorn, għandu jkun ikkalkulat f'relazzjoni ma' nofs il-prezz imħallas għat-trasport minn dak is-servizz tal-passiġġieri.

5. Il-kumpens għandu jitħallas fi żmien xahar wara li tkun tressqet it-talba għall-kumpens. Il-kumpens jista' jitħallas b'vawċers u/jew servizzi oħra, kemm-il darba l-kundizzjonijiet ikunu flessibbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-perijodu tal-validità u d-destinazzjoni. Il-kumpens għandu jitħallas fi flus fuq talba tal-passiġġier.

6. Il-kumpens tal-prezz tal-biljett m'għandux jitnaqqas permezz ta' spejjeż ta' transazzjonijiet finanzjarji bħal miżati, spejjeż tat-telefon jew bolol. It-trasportaturi jistgħu jintroduċu livell minimu li taħtu ma jsirux ħlasijiet ta' kumpens. Dan il-livell ma jistax ikun aktar minn EUR 6.

*Artikolu 20*

**Eżenzjonijiet**

1. Ħlief għall-passiġġieri li jkollhom pass tal-ivvjaġġar jew biljett staġunali, l-Artikoli 17, 18 u 19 m'għandhomx japplikaw għal passiġġieri b'biljetti miftuħin, sakemm il-ħin tat-tluq ma jkunx speċifikat.

2. L-Artikoli 17 u 19 m'għandhomx japplikaw jekk il-passiġġier ikun informat bil-kanċellazzjoni jew bl-ittardjar qabel ix-xiri tal-biljett jew jekk il-kanċellazzjoni jew l-ittardjar ikun minħabba t-tort tal-passiġġier.

3. L-Artikolu 17(2) m'għandux japplika meta t-trasportatur jista' jagħti prova li l-kanċellazzjoni jew l-ittardjar jiġu kkawżati minn kondizzjonijiet tat-temp li jipperikolaw l-operazzjoni sigura tal-vapur.

4. L-Artikolu 19 m'għandux japplika fejn t-trasportatur jagħti prova li l-kanċellazzjoni jew l-ittardjar jiġu kkawżati minn kondizzjonijiet tat-temp li jipperikolaw l-operazzjoni sigura tal-vapur jew minn ċirkostanzi eċċezzjonali li jfixklu t-twettiq tas-servizz tal-passiġġieri li ma setgħux jiġu evitati anki li kieku ttieħdu l-miżuri kollha raġonevoli.

*Artikolu 21*

**Pretensjonijiet ulterjuri**

Xejn f'dan ir-Regolament m'għandu jżomm lill-passiġġieri milli jipproċedu għall-indennizz skont il-liġi nazzjonali fir-rigward ta' telf li jirriżulta mill-kanċellazzjoni jew l-ittardjar tas-servizzi tat-trasport fil-qrati nazzjonali, inkluż taħt id-Direttiva 90/314/KEE.

KAPITOLU IV

**REGOLI ĠENERALI DWAR INFORMAZZJONI U ILMENTI**

*Artikolu 22*

**Dritt għal informazzjoni dwar l-ivvjaġġar**

It-trasportaturi u l-operaturi tat-terminali għandhom, fl-oqsma ta' kompetanza rispettivi tagħhom, jipprovdu lill-passiġġieri b'informazzjoni adegwata matul il-vjaġġ tagħhom f'formati aċċessibbli għal kulħadd u bl-istess lingwi bħal dawk li bihom l-informazzjoni ġeneralment tkun għad-dispożizzjoni tal-passiġġieri kollha. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa.

*Artikolu 23*

**Informazzjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri**

1. It-trasportaturi, l-operaturi tat-terminal u, fejn japplika, l-awtoritajiet tal-port, għandhom, fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, jiżguraw li l-informazzjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri skont dan ir-Regolament tkun pubblikament disponibbli abbord il-vapuri, fil-portijiet, jekk ikun possibbli, u fit-terminali tal-portijiet. L-informazzjoni għandha tingħata safejn hu possibbli, f'formati aċċessibbli u bl-istess lingwi bħal dawk li bihom l-informazzjoni ġeneralment tkun għad-dispożizzjoni tal-passiġġieri kollha. Meta tingħata dik l-informazzjoni, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa.

2. Sabiex ikunu konformi mar-rekwiżit ta' informazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, it-trasportaturi, l-operaturi tat-terminali u, fejn japplika, l-awtoritajiet tal-port, jistgħu jużaw riassunt tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament imħejji mill-Kummissjoni bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea u magħmul disponibbli għalihom.

3. It-trasportaturi, l-operaturi tat-terminali u, fejn japplika, l-awtoritajiet tal-port għandhom jinformaw lill-passiġġieri b'mod xieraq abbord il-vapuri, fil-portijiet, jekk ikun possibbli, u fit-terminali tal-portijiet, bid-dettalji ta' kuntatt tal-korp ta' infurzar maħtur mill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 25(1).

*Artikolu 24*

**Ilmenti**

1. It-trasportaturi u l-operaturi tat-terminali għandhom jistabbilixxu jew ikollhom fis-seħħ mekkaniżmu aċċessibbli għat-trattament tal-ilmenti għad-drittijiet u l-obbligi koperti minn dan ir-Regolament.

2. Fejn passiġġier kopert minn dan ir-Regolament ikun irid iressaq ilment lit-trasportatur jew lill-operatur tat-terminali, għandu jagħmel dan fi żmien xahrejn mid-data li fiha twettaq is-servizz jew meta servizz kellu jitwettaq. Fi żmien xahar minn meta jirċievi l-ilment, it-trasportatur jew operatur tat-terminali għandu jinnotifika lill-passiġġier li l-ilment tiegħu ġie sostanzjat, miċħud jew għadu qed jiġi kkunsidrat. Iż-żmien li jittieħed biex tingħata t-tweġiba finali m'għandux ikun itwal minn xahrejn minn meta jiġi riċevut ilment.

KAPITOLU V

**INFURZAR U L-KORPI NAZZJONALI TAL-INFURZAR**

*Artikolu 25*

**Korpi nazzjonali tal-infurzar**

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar korp jew korpi ġodda jew eżistenti responsabbli għall-infurzar ta' dan ir-Regolament firrigward tas-servizzi tal-passiġġieri u l-kruċieri minn portijiet li jinsabu fit-territorju tiegħu u servizzi tal-passiġġieri minn pajjiż terz għal tali portijiet. Kull korp għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament.

Kull entità għandha, fl-organizzazzjoni, fid-deċiżjonijet ta' finanzjament, fl-istruttura legali u fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha, tkun indipendenti mill-interessi kummerċjali.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bilkorp jew il-korpi maħtura skont dan l-Artikolu.

3. Kwalunkwe passiġġier jista' jressaq ilment, skont il-liġi nazzjonali, lill-korp kompetenti maħtur skont il-paragrafu 1, jew lil kwalunkwe korp adatt ieħor maħtur minn Stat Membru, dwar ksur allegat ta' dan ir-Regolament. Il-korp kompetenti għandu jipprovdi lill-passiġġieri b'risposta ssostanzjata għall-ilment tagħhom f'perjodu taz-zmien raġonevoli.

Stat Membru jista' jiddeċiedi:

(a) li l-passiġġier bħala l-ewwel pass għandu jippreżenta l-ilment kopert minn dan ir-Regolament għat-trasportatur jew għall-operatur tat-terminal; u/jew

(b) li l-korp nazzjonali ta' infurzar jew kwalunkwe korp adatt ieħor maħtur mill-Istat Membru għandu jaġixxi bħala korp tal-appell għall-ilmenti li mhumiex riżolti taħt l-Artikolu 24.

4. L-Istati Membri li jkunu għażlu li jeżentaw ċerti servizzi skont l-Artikolu 2(4) għandhom jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmu komparabbli tal-infurzar tad-drittijiet tal-passiġġieri.

*Artikolu 26*

**Rapport dwar l-infurzar**

Sal-1 ta' Ġunju 2015 u kull sentejn wara din id-data, il-korpi talinfurzar maħturin skont l-Artikolu 25 għandhom jippubblikaw rapport dwar l-attivitajiet tagħhom fis-sentejn kalendarji preċedenti, li jkun fih, partikolarment, deskrizzjoni tal-azzjonijiet meħudin sabiex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, dettalji ta' sanzjonijiet applikati u statistika dwar l-ilmenti u s-sanzjonijiet applikati.

*Artikolu 27*

**Koperazzjoni bejn korpi tal-infurzar**

Il-korpi nazzjonali tal-infurzar kif imsemmijin fl-Artikolu 25(1) għandhom jiskambjaw l-informazzjoni dwar ħidmiethom u l-prinċipji u l-prattika tat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom sal-livell meħtieġ għall-implimentazzjoni koerenti ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tappoġġahom f'dak il-kompitu.

*Artikolu 28*

**Penali**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u diżwassivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u miżuri sat-18 ta' Diċembru 2012 u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

KAPITOLU VI

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 29*

**Rapport**

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sad-19 ta' Diċembru 2015, dwar l-operat u l-effetti ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jkun akkompanjat, fejn meħtieġ bi proposti leġislattivi li jimplimentaw b'aktar dettall id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jew li jemendawh.

*Artikolu 30*

**Emenda għar-Regolament (KE) Nru 2006/2004**

Fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004, għandu jiżdied il-punt li ġej:

"18. Ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw fuq il-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni (*).

(*) ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1."

*Artikolu 31*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-18 ta' Diċembru 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, l-24 ta' Novembru 2010.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
J. BUZEK

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
O. CHASTEL

*ANNESS I*

**DRITT GĦAR-RIMBORŻ JEW BDIL FIR-ROTTA GĦAL PERSUNI B'DIŻABBILTÀ U GĦAL PERSUNI B'MOBBILTÀ MNAQQSA, KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 8**

1. Meta ssir referenza għal dan l-Anness, il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa għandhom jiġu offruti l-għażla bejn:

(a) — rimborż fi żmien sebat ijiem, imħallas f'kontanti, permezz ta' trasferiment bankarju elettroniku, ordni bankarju jew ċekk bankarju, tal-ħlas kollu tal-biljett għall-prezz li bih inxtara, għall-parti jew il-partijiet tal-vjaġġ li ma jkunux saru, u għall-parti jew il-partijiet li jkunu diġà saru jekk il-vjaġġ ma jkunx għad fadallu skop fir-rigward tal-pjan oriġinali tal-vjaġġ tal-passiġġier, flimkien ma', fejn rilevanti,

— servizz ta' ritorn lejn l-ewwel punt tat-tluq, mal-ewwel opportunità; jew

(b) il-bdil tar-rotta lejn id-destinazzjoni finali kif stabbilit fil-kuntratt ta' trasport, mingħajr ebda spiża addizzjonali u taħt kondizzjonijiet komparabbli, mal-ewwel opportunità; jew

(c) bdil fir-rotta lejn id-destinazzjoni finali kif stabbilit fil-kuntratt ta' trasport, taħt kondizzjonijiet tat-trasport komparabbli, f'data aktar tard skont il-konvenjenza tal-passiġġier, suġġett għad-disponibbiltà tal-biljetti.

2. Il-paragrafu 1(a) għandu japplika wkoll għal passiġġieri li l-vjaġġi tagħhom jifformaw parti minn pakkett, ħlief għad-dritt għar-rimborż fejn dan id-dritt jirriżulta skont id-Direttiva 90/314/KEE.

3. Meta, fil-każ fejn belt jew reġjun huwa moqdi minn diversi portijiet, trasportatur joffri lil passiġġier vjaġġ għal port alternattiv għal dak li għalih saret il-prenotazzjoni, it-trasportatur għandu jsostni l-ispiża tat-trasferiment tal-passiġġier minn dak il-port alternattiv jew għal dak li għalih saret il-prenotazzjoni, jew għal destinazzjoni oħra fil-qrib miftiehma mal-passiġġier.

*ANNESS II*

## GĦAJNUNA FIL-PORTIJIET, INKLUŻI L-IMBARK U L-IŻBARK, KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLI 10 U 13

1. L-għajnuna u l-arranġamenti meħtieġa biex jippermettu lil persuni b'diżabbiltà u lil persuni b'mobbiltà mnaqqsa sabiex:

— jikkomunikaw il-wasla tagħhom f'terminal ta' port jew, jekk ikun possibbli, f'port, u t-talba tagħhom għall-għajnuna,

— jiċċaqalqu minn punt tad-dħul għal bank taċ-check-in, jekk ikun hemm, jew għall-vapur,

— jgħaddu mill-kontroll u jirreġistraw il-bagalji, jekk meħtieġ,

— jipproċedu mill-bank taċ-check-in, jekk ikun hemm għall-vapur, permezz tal-punti tal-emigrazzjoni u tas-sigurtà,

— jimbarkaw fuq il-vapur, permezz ta' liftijiet, siġġijiet tar-roti jew għajnuna oħra meħtieġa, skont il-każ,

— jipproċedu mill-bieb tal-vapur sas-siġġijiet/iż-żona tagħhom,

— iqiegħdu u jieħdu lura l-bagalji fuq il-vapur,

— jipproċedu mis-siġġijiet tagħhom sal-bieb tal-vapur,

— jiżbarkaw minn fuq il-vapur, permezz ta' lifts, siġġijiet tar-roti jew għajnuna oħra meħtieġa, skont il-każ,

— jieħdu lura l-bagalji, jekk meħtieġ, u jipproċedu mill-punti tal-immigrazzjoni u tad-dwana,

— jipproċedu mis-sala tal-bagalji jew mill-punt tal-iżbark għall-punt indikat tal-ħruġ,

— jekk ikun meħtieġ, imorru sal-faċilitajiet sanitarji (jekk ikun hemm).

2. Meta persuna b'diżabbiltà jew persuna b'mobbiltà mnaqqsa tkun megħjuna minn persuna li takkumpanjaha, dik il-persuna għandha, jekk mitluba, titħalla tipprovdi l-għajnuna meħtieġa fil-port u waqt l-imbark u l-iżbark.

3. Il-ġarr tat-tagħmir għall-mobbiltà kollu meħtieġ, inkluż tagħmir bħal siġġijiet tar-roti elettriċi.

4. Il-bdil temporanju tat-tagħmir għall-mobbiltà li tkun ġratlu xi ħsara jew li jkun intilef b'tagħmir li jkun alternattiva xierqa.

5. Ground handling ta' klieb ta' għajnuna rikonoxxuti, meta jkun rilevanti.

6. Il-komunikazzjoni f'formati aċċessibbli tal-informazzjoni meħtieġa għall-imbark u l-iżbark.

*ANNESS III*

**GĦAJNUNA ABBORD IL-VAPURI, KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLI 10 U 13**

1. Il-ġarr ta' klieb tal-għajnuna rikonoxxuti abbord il-vapur, suġġett għar-regolamenti nazzjonali.

2. Il-ġarr ta' tagħmir mediku u tat-tagħmir għall-mobbiltà meħtieġ għall-persuna b'diżabbiltà jew għall-persuna b'mobbiltà mnaqqsa, inklużi siġġijiet tar-roti elettriċi.

3. Il-komunikazzjoni tal-informazzjoni essenzjali li tikkonċerna rotta f'formati aċċessibbli.

4. L-isforzi kollha raġonevoli li jsiru biex isir arranġament ta' postijiet li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabbiltà jew persuni b'mobbiltà mnaqqsa fuq talba u suġġett għar-rekwiżiti tas-sigurtà u d-disponibbiltà.

5. Jekk ikun meħtieġ, l-għajnuna sal-faċilitajiet sanitarji (jekk ikun hemm).

6. Meta persuna b'diżabbiltà jew persuna b'mobbiltà mnaqqsa tkun megħjuna minn persuna li takkumpanjaha, it-trasportatur għandu jagħmel l-isforzi kollha raġonevoli biex jagħti lil din il-persuna post jew kabina maġenb il-persuna b'diżabbiltà jew il-persuna b'mobbiltà mnaqqsa.

*ANNESS IV*

**TAĦRIĠ RELATAT MAD-DIŻABBILTÀ, INKLUŻI L-ISTRUZZJONIJIET, KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 14**

A. Taħriġ relatat ma' għarfien dwar id-diżabbiltà, inklużi struzzjonijiet

It-taħriġ relatat ma' għarfien dwar id-diżabbiltà, inklużi struzzjonijiet, jinkludu:

— għarfien u mġiba xierqa fir-rigward tal-passiġġieri b'diżabbiltajiet fiżiċi, sensorjali (smigħ u vista), diżabbiltajiet ma jidhrux jew intelletwali, inkluż kif tiddistingwi bejn l-abbiltajiet differenti ta' persuni li l-mobbiltà, l-orjentazzjoni jew il-komunikazzjoni tagħhom tista' tkun imnaqqsa;

— xkiel iffaċċat minn persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa, inkluż xkiel ta' attitudni, ambjentali/fiżiku u organizzattiv;

— klieb tal-għajnuna rikonoxxuti, inklużi r-rwol u l-ħtiġijiet tal-kelb tal-għajnuna;

— indirizzar tal-affarijiet li jiġru bla mistenni;

— il-ħiliet interpersonali u l-metodi ta' komunikazzjoni ma' nies b'nuqqas ta' smigħ, ma' nies b'nuqqas ta' dawl jew ma' nies b'diffikultajiet fit-taħdit u ma' nies b'diżabbiltà intelletwali;

— għarfien ġenerali tal-linji gwida tal-IMO relatati mar-Rakkommandazzjoni għat-tfassil u l-operat tal-vapuri tal-passiġġieri biex iwieġbu għall-ħtiġijiet tal-anzjani u ta' persuni b'diżabbiltà.

B. Taħriġ relatat mal-għajnuna lil persuni b'diżabbiltà, inklużi struzzjonijiet

It-taħriġ relatat mal-għajnuna lil persuni b'diżabbiltà, inklużi struzzjonijiet, jinkludu:

— kif tgħin lil min juża siġġu tar-roti jpoġġi u jqum mis-siġġu tar-roti;

— ħiliet biex tingħata għajnuna lil persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa li jkunu qed jivvjaġġaw b'kelb tal-għajnuna rikonoxxut, inklużi r-rwol u l-ħtiġijiet ta' dawk il-klieb;

— metodi tekniċi ta' skorta għal passiġġieri b'nuqqasijiet fil-vista tagħhom u għat-trattament u l-ġarr ta' klieb tal-għajnuna rikonoxxuti;

— għarfien tat-tipi ta' tagħmir li jista' jgħin lil persuni b'diżabbiltà u lil persuni b'mobbiltà mnaqqsa u konoxxenza dwar kif tali apparat jiġi maneġġat b'attenzjoni;

— l-użu ta' tagħmir ta' għajnuna għall-imbark u l-iżbark li jkun użat u konoxxenza tal-proċeduri xierqa għall-għajnuna waqt l-imbark u l-iżbark li jissalvagwardja s-sigurtà u d-dinjità ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa;

— għarfien tal-ħtieġa tal-għajnuna affidabbli u professjonali. Għarfien ukoll tal-potenzjal ta' ċerti persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa li jesperjenzaw sensazzjonijiet ta' vulnerabbiltà matul il-vjaġġ minħabba d-dipendenza tagħhom fuq l-għajnuna pprovduta;

— konoxxenza tal-ewwel għajnuna.

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2010/75/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-24 ta' Novembru 2010**

**dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis)**
**(tfassil mill-ġdid)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Għandhom isiru għadd ta' bidliet sostanzjali għad-Direttiva tal-Kunsill 78/176/KEE tal-20 ta' Frar 1978 dwar skart mill-industrija tat-titanju diossidu ([4]), id-Direttiva tal-Kunsill 82/883/KEE tat-3 ta' Diċembru 1982 fuq il-proċeduri ta' sorveljanza u monitoraġġ ta' ambjenti milquta mill-iskart tal-industrija tad-diossidu tat-titanju ([5]), id-Direttiva tal-Kunsill 92/112/KEE tal-15 ta' Diċembru 1992 dwar proċeduri għall-armonizzar ta' programmi għat-tnaqqis u eventwali eliminazzjoni ta' tniġġis ikkawżat mill-iskart mill-industrija tad-diossidu tat-titanju ([6]), id-Direttiva tal-Kunsill 1999/13/KE tal-11 ta' Marzu 1999 dwar il-limitazzjoni ta' emissjonijiet ta' taħlit volatili organiku minħabba l-użu ta' solventi organiċi f'ċerti attivitajiet u installazzjonijiet ([7]), id-Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2000 dwar l-inċinerazzjoni ta' skart ([8]), u d-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar ta' kombustjoni ([9]), u d-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis ([10]). Dawk id-Direttivi għandhom jiġu mfasslin mill-ġdid fl-interess taċ-ċarezza.

(2) Sabiex ikun hemm prevenzjoni u tnaqqis u sa fejn hu possibbli l-eliminazzjoni ta' tniġġis li jkun ġej minn attivitajiet industrijali, b'konformità mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" u l-prinċipju tal-prevenzjoni tat-tniġġis, jeħtieġ li jiġi stabbilit qafas ġenerali għall-kontroll tal-attivitajiet industrijali ewlenin, billi tingħata prijorità lill-intervent f'ras il-għajn, tiġi żgurata l-ġestjoni prudenti tar-riżorsi naturali u jitqiesu, fejn ikun meħtieġ, is-sitwazzjoni ekonomika u l-karatteristiċi lokali speċifiċi tal-post fejn l-attività industrijali tkun qed titwettaq.

(3) Diversi modi ta' kontroll tal-emissjonijiet fl-arja, fl-ilma jew fil-ħamrija separatament jistgħu jħajru ċ-ċaqliq tat-tniġġis minn mezz ambjentali wieħed għal ieħor pjuttost milli jiġi protett l-ambjent kollu kemm hu. Jixraq, għalhekk, li jiġi pprovdut approċċ integrat għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-emissjonijiet fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija, għall-immaniġġjar tal-iskart, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-prevenzjoni tal-aċċidenti. Danl-approċċ se jikkontribwixxi wkoll għall-kisba ta' livell ugwali fl-Unjoni billi jallinja r-rekwiżiti tar-rendiment ambjentali għall-installazzjonijiet industrijali.

([1]) ĠU C 182, 4.8.2009, p. 46.
([2]) ĠU C 325, 19.12.2008, p. 60.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2009 (ĠU C 87 E, 1.4.2010, p. 191) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-15 ta' Frar 2010 (ĠU C 107 E, 27.4.2010, p. 1). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Lulju 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2010.
([4]) ĠU L 54, 25.2.1978, p. 19.
([5]) ĠU L 378, 31.12.1982, p. 1.
([6]) ĠU L 409, 31.12.1992, p. 11.
([7]) ĠU L 85, 29.3.1999, p. 1.
([8]) ĠU L 332, 28.12.2000, p. 91.
([9]) ĠU L 309, 27.11.2001, p. 1.
([10]) ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8.

(4) Jixraq li tiġi rriveduta l-leġiżlazzjoni marbuta mal-installazzjonijiet industrijali sabiex jiġu ssimplifikati u ċċarati d-dispożizzjonijiet eżistenti, jitnaqqas il-piż amministrattiv mhux meħtieġ u jiġu implimentati l-konklużjonijiet tal-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2005 dwar l-Istrateġija Tematika dwar it-Tniġġis tal-Arja (minn hawn 'il quddiem "l-Istrateġija Tematika dwar it-Tniġġis tal-Arja"), tat-22 ta' Settembru 2006 dwar l-Istrateġija Tematika għall-Ħarsien tal-Ħamrija u tal-21 ta' Diċembru dwar il-Prevenzjoni u r-Riċiklaġġ tal-Iskart adottati bħala segwitu għad-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 li tniżżel is-Sitt Programm ta' Azzjoni tal-Komunità Ambjentali ([1]). Dawk il-komunikazzjonijiet jistabbilixxu għanijiet għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent li ma jkunux jistgħu jintlaħqu mingħajr aktar tnaqqis tal-emissjonijiet li jirriżultaw mill-attivitajiet industrijali.

(5) Sabiex jiġu żgurati l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, kull installazzjoni għandha topera biss jekk ikollha permess jew, fil-każ ta' ċerti installazzjonijiet u attivitajiet li jużaw solventi organiċi, biss jekk ikollha permess jew jekk tkun irreġistrata.

(6) Huma l-Istati Membri li jistabbilixxu l-approċċ biex jiġu assenjati responsabbiltajiet lil operaturi ta' installazzjonijiet kemm-il darba tkun żgurata l-konformità ma' din id-Direttiva. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jagħtu permess lil operatur responsabbli wieħed għal kull installazzjoni jew li jispeċifikaw ir-responsabbiltà fost diversi operaturi ta' partijiet differenti ta' installazzjoni. Fejn is-sistema legali attwali ta' Stat Membru tipprevedi għal operatur responsabbli wieħed biss għal kull installazzjoni, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li jżomm din is-sistema.

(7) Sabiex jiġi ffaċilitat l-għoti tal-permessi, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti għal ċerti kategoriji ta' installazzjonijiet permezz ta' regoli ġenerali vinkolanti.

(8) Huwa importanti li jiġu pprevenuti aċċidenti u inċidenti u li jiġu limitati l-konsegwenzi tagħhom. Ir-responsabbiltà rigward il-konsegwenzi ambjentali ta' aċċidenti u inċidenti hija kwistjoni li taqa' taħt il-liġi nazzjonali rilevanti u, fejn applikabbli, taħt il-liġi rilevanti tal-Unjoni.

(9) Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-regolamentazzjoni, il-permess ta' installazzjoni koperta mid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti għall-emissjoni tal-gassijiet serra ġewwa l-Komunità ([2]) m'għandux għalfejn jinkludi valur limitu tal-emissjonijiet għall-emissjonijiet diretti ta' gassijiet serra speċifikati fl-Anness I għal din id-Direttiva għajr jekk meħtieġ sabiex jiġi żgurat li ma jiġi kkawżat l-ebda tniġġis lokali sinifikanti jew meta installazzjoni tkun temporanjament eskluża minn dik l-iskema.

(10) Skont l-Artikolu 193 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), din id-Direttiva ma twaqqafx lill-Istati Membri milli jżommu jew jintroduċu miżuri protettivi aktar rigorużi, pereżempju r-rekwiżiti għall-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, bil-kondizzjoni li dawn il-miżuri jkunu kompatibbli mat-Trattati u l-Kummissjoni tkun ġiet mgħarrfa.

(11) L-operaturi għandhom iressqu applikazzjonijiet għal permess li jkun fihom l-informazzjoni meħtieġa għall-awtorità kompetenti biex tistipula l-kondizzjonijiet għal permess. L-operaturi għandhom ikunu jistgħu jużaw informazzjoni li tirriżulta mill-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent ([3]) u d-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-kontroll ta' perikli ta' aċċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi ([4]) meta jitressqu applikazzjonijiet għal permess.

(12) Il-permess għandu jinkludi l-miżuri kollha meħtieġa biex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu u biex ikun żgurat li l-installazzjoni tiġi mħaddma skont il-prinċipji ġenerali li jirregolaw l-obbligi bażiċi tal-operatur. Il-permess għandu wkoll jinkludi valuri limitu tal-emissjonijiet għas-sustanzi niġġiesa, jew parametri jew miżuri tekniċi ekwivalenti, rekwiżiti xierqa għall-ħarsien tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art u rekwiżiti ta' monitoraġġ. Il-kondizzjonijiet għal permess għandhom ikunu msejsa fuq l-aħjar metodi tekniċi disponibbli.

(13) Sabiex jiġu ddeterminati l-aħjar metodi tekniċi disponibbli u sabiex jiġu limitati l-iżbilanċi fl-Unjoni fir-rigward tal-livell tal-emissjonijiet mill-attivitajiet industrijali, dokumenti ta' referenza għall-aħjar metodi tekniċi disponibbli (minn hawn 'il quddiem "dokumenti ta' referenza tal-BAT") għandhom jitfasslu, jiġu riveduti u fejn meħtieġ aġġornati permezz ta' skambju ta' informazzjoni bejn il-partijiet interessati u l-elementi prinċipali tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT (minn hawn 'il quddiem "konklużjonijiet tal-BAT") jiġu adottati permezz tal-proċedura ta' kumitat. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha, permezz tal-proċedura ta' kumitat, tistabbilixxi gwida dwar il-ġabra ta' data, dwar l-elaborazzjoni tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT u dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità tagħhom. Il-konklużjonijiet tal-BAT għandhom ikunu r-referenza għall-istipular tal-kondizzjonijiet għal permessi. Jistgħu jiġu ssupplimentati b'sorsi oħra. Il-Kummissjoni għandha timmira li taġġorna d-dokumenti ta' referenza tal-BAT sa mhux aktar tard minn tmien snin wara l-pubblikazzjoni tal-verżjoni preċedenti.

([1]) ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.
([3]) ĠU L 175, 5.7.1985, p. 40.
([4]) ĠU L 10, 14.1.1997, p. 13.

(14) Sabiex jiġi żgurat skambju ta' informazzjoni effettiv u attiv li jirriżulta f'dokumenti ta' referenza tal-BAT ta' kwalità għolja, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi forum li jaħdem b'mod trasparenti. Għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti prattiċi għall-iskambju ta' informazzjoni u l-aċċessibbiltà ta' dokumenti ta' referenza tal-BAT, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-Istati Membri u l-partijiet interessati jipprovdu data ta' kwalità u kwantità suffiċjenti bbażata fuq gwida stabbilita li tippermetti d-determinazzjoni tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli u metodi tekniċi emerġenti.

(15) Huwa importanti li tiġi pprovduta flessibbiltà suffiċjenti lill-awtoritajiet kompetenti biex jiġu stabbiliti valuri limitu tal-emissjonijiet li jiżguraw li, taħt kondizzjonijiet normali ta' tħaddim, l-emissjonijiet ma jaqbżux il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli. Għal dan il-għan, l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi limiti ta' emissjonijiet li jvarjaw mil-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli f'termini tal-valuri, il-perijodi ta' żmien u l-kondizzjonijiet ta' referenza applikati, bil-kondizzjoni li jkun jista' jintwera, permezz tar-riżultati tal-monitoraġġ ta' emissjonijiet, li l-emissjonijiet ma qabżux il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli. Il-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-permessi tirriżulta f'emissjonijiet taħt dawk il-valuri limitu tal-emissjonijiet.

(16) Sabiex jitqiesu ċerti ċirkostanzi speċifiċi fejn l-applikazzjoni tal-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli twassal għal spejjeż għolja b'mod disproporzjonat meta mqabbel mal-benefiċċji ambjentali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jistabbilixxu valuri limitu tal-emissjonijiet li jiddevjaw minn dawk il-livelli. Tali devjazzjonijiet għandhom ikunu msejsa fuq valutazzjoni li tqis kriterji definiti sew. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva m'għandhomx jinqabżu. Fi kwalunkwe każ, m'għandu jiġi kkawżat l-ebda tniġġis sinifikanti u għandu jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent fl-intier tiegħu.

(17) Sabiex l-operaturi jkunu jistgħu jittestjaw metodi tekniċi emerġenti li jkunu jistgħu jipprovdu livell ġenerali ogħla ta' protezzjoni ambjentali, jew tal-inqas, l-istess livell ta' protezzjoni ambjentali u ffrankar ogħla ta' spejjeż mill-aħjar metodi tekniċi disponibbli eżistanti, l-awtorità kompetenti għandha tkun tista' tagħti derogi temporanji mil-livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli.

(18) Bidliet f'installazzjoni jistgħu jagħtu lok għal livelli ogħla ta' tniġġis. L-operaturi għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti b'kull bidla ppjanata li tista' taffettwa l-ambjent. Bidliet sostanzjali għall-installazzjonijiet li jista' jkollhom effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent m'għandhomx isiru mingħajr permess mogħti f'konformità ma' din id-Direttiva.

(19) It-tifrix ta' demel jikkontribwixxi b'mod sinifikattiv għal emissjonijiet fl-arja u l-ilma ta' sustanzi li jniġġsu. Bil-ħsieb li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Istrateġija Tematika dwar it-Tniġġis tal-Arja u l-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-ilma, jeħtieġ li l-Kummissjoni teżamina l-ħtieġa li jiġu stabbiliti l-aktar kontrolli adatti ta' dawn l-emissjonijiet permezz tal-applikazzjoni tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli.

(20) It-trobbija intensiva tat-tjur u l-baqar tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-emissjonijiet fl-arja u fl-ilma ta' sustanzi li jniġġsu. Bil-ħsieb li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Istrateġija Tematika dwar it-Tniġġis tal-Arja u fil-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-ilma, huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tirrivedi l-ħtieġa li jiġu stabbiliti limiti ta' kapaċità ddivrenzjati għal speċi ta' tjur differenti biex ikun iddefinit il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u tiġi riveduta l-ħtieġa li jiġu stabbiliti l-kontrolli l-aktar adatti dwar l-emissjonijiet minn installazzjonijiet tat-trobbija tal-baqar.

(21) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi fl-aħjar metodi tekniċi disponibbli jew bidliet oħrajn f'installazzjoni, il-kondizzjonijiet għal permess għandhom jiġu kkunsidrati mill-ġdid regolarment u, fejn meħtieġ, aġġornati, b'mod partikolari meta jiġu adottati konklużjonijiet tal-BAT ġodda jew aġġornati.

(22) F'każijiet speċifiċi fejn ir-rikonsiderazzjoni u l-aġġornament tal-permessi juru li jista' jkun meħtieġ perijodu itwal minn erba' snin wara l-pubblikazzjoni ta' deċiżjoni dwar il-konklużjonijiet tal-BAT biex jiġu introdotti l-aħjar metodi tekniċi ġodda disponibbli, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistabbilixxu perijodu itwal fil-kondizzjonijiet tal-permess fejn dan ikun iġġustifikat abbażi tal-kriterji stabbiliti f'din id-Direttiva.

(23) Jeħtieġ li jiġi żgurat li t-tħaddim ta' installazzjoni ma jwassalx għal deterjorament tal-kwalità tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art. Il-kondizzjonijiet għal permess għandhom, għalhekk, jinkludu miżuri adatti għall-prevenzjoni ta' emissjonijiet fil-ħamrija u fl-ilma ta' taħt l-art u s-sorveljanza regolari ta' dawk il-miżuri biex jiġu evitati li nixxigħat, tixrid, inċidenti jew aċċidenti ma jseħħux matul l-użu tat-tagħmir u matul il-ħżin. Sabiex jiġi skopert it-tniġġis possibbli tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art fi stadju bikri u, għaldaqstant, jittieħdu l-miżuri korrettivi adatti qabel ma jinfirex it-tniġġis, huwa meħtieġ ukoll il-monitoraġġ tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art għal sustanzi perikolużi rilevanti. Meta tiġi determinata l-frekwenza tal-monitoraġġ, jista' jiġi kkunsidrat it-tip ta' miżuri ta' prevenzjoni u safejn tasal is-sorveljanza tagħhom u l-frekwenza tagħhom.

(24) Sabiex jiġi żgurat li t-tħaddim ta' installazzjoni ma jinvolvix deterjorament tal-kwalità tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art, huwa meħtieġ li, permezz ta' rapport ta' bażi, jiġi stabbilit l-istat ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art. Ir-rapport ta' bażi għandu jkun għodda prattika li tippermetti, safejn hu possibbli, tqabbil kwantifikat bejn l-istat tas-sit deskritt f'dak ir-rapport u l-istat tas-sit hekk kif jieqfu definittivament l-attivitajiet, sabiex jiġi aċċertat jekk kienx hemm żieda sinifikanti fit-tniġġis tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art. Għalhekk, ir-rapport ta' bażi għandu jinkludi informazzjoni li jagħmel użu minn data eżistenti dwar il-kejl tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art u d-data storika marbuta mal-użi fil-passat tas-sit.

(25) F'konformità mal-prinċipju li min iniġġes iħallas, fil-valutazzjoni tal-livell tas-sinifikat tat-tniġġis tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art ikkawżat mill-operatur li jġib miegħu l-obbligu li s-sit jirritorna għall-istat deskritt fir-rapport ta' bażi, l-Istati Membri għandhom iqisu l-kondizzjonijiet tal-permess li kienu japplikaw tul iż-żmien kollu tal-attività kkonċernata, il-miżuri għall-prevenzjoni tat-tniġġis adottati għall-installazzjoni, u ż-żieda relattiva fit-tniġġis meta mqabbel mal-ammont tat-tniġġis identifikat fir-rapport ta' bażi. Ir-responsabbiltà rigward it-tniġġis li mhux ikkawżat mill-operatur hija kwistjoni tal-liġi nazzjonali rilevanti u, fejn applikabbli, liġi rilevanti oħra tal-Unjoni.

(26) Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi ta' din id-Direttiva, l-operaturi għandhom regolarment jirrappurtaw lill-awtorità kompetenti dwar il-konformità mal-kondizzjonijiet għal permess. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kemm l-operatur kif ukoll l-awtorità kompetenti jieħdu l-miżuri meħtieġa fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' din id-Direttiva u jipprovdu għal sistema ta' spezzjonijiet ambjentali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun disponibbli persunal biżżejjed bil-ħiliet u l-kwalifiki meħtieġa biex jagħmlu dawk l-ispezzjonijiet b'mod effettiv.

(27) F'konformità mal-Konvenzjoni ta' Århus dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali [1], il-parteċipazzjoni effettiva min-naħa tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet tgħin lill-pubbliku biex jesprimi, u lil min jieħu d-deċiżjonijet li jqis, l-opinjonijiet u t-tħassib li jistgħu jkunu rilevanti għal dawk id-deċiżjonijiet, biex b'hekk jiżdiedu l-kontabbiltà u t-trasparenza tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u jikkontribwixxu għall-għarfien mill-pubbliku tal-kwistjonijiet ambjentali u l-appoġġ għad-deċiżjonijiet meħuda. Il-membri tal-pubbliku kkonċernati għandu jkollhom aċċess għall-ġustizzja sabiex jikkontribwixxu għall-ħarsien tad-dritt li wieħed jgħix f' ambjent li huwa xieraq għas-saħħa u l-benesseri personali.

(28) Il-kombustjoni ta' karburant f'installazzjonijiet b'kapaċità termali kklassifikata totali taħt il-50 MW tikkontribwixxi b'mod sinifikattiv għall-emissjonijiet fl-arja ta' sustanzi li jniġġsu. Bil-ħsieb li jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Istrateġija Tematika dwar it-Tniġġis tal-Arja, huwa meħtieġ li l-Kummissjoni teżamina l-ħtieġa li jiġu stabbiliti l-aktar kontrolli adatti fuq l-emissjonijiet minn installazzjonijiet bħal dawn. Dik ir-reviżjoni għandha tqis l-ispeċifiċitajiet tal-impjanti ta' kombustjoni użati fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu eċċezzjonali tagħhom f'każ ta' emerġenzi.

(29) L-impjanti kbar ta' kombustjoni jikkontribwixxu bil-kbir għall-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja u dan jissarraf f'impatt sinifikattiv fuq saħħet il-bniedem u fuq l-ambjent. Sabiex jitnaqqas dak l-impatt u ssir ħidma biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tad-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi [2] u l-għanijiet stabbiliti fl-Istrateġija Tematika dwar it-Tniġġis tal-Ajru, jeħtieġ li jiġu stabbiliti valuri limitu tal-emissjonijiet aktar stretti fuq il-livell tal-Unjoni għal ċerti kategoriji ta' impjanti ta' kombustjoni u s-sustanzi li jniġġsu.

(30) Il-Kummissjoni għandha tirrivedi l-ħtieġa li jiġu stabbiliti valuri ta' limitu għall-Unjoni kollha u li jiġu emendati l-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness V għal ċerti impjanti ta' kombustjoni kbar, b'kont meħud tar-reviżjoni u l-aġġornament tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT rilevanti. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-ispeċifiċità tas-sistemi tal-enerġija tar-raffineriji.

(31) Minħabba fil-karatteristiċi ta' ċerti karburanti solidi indiġeni, huwa adatt li jiġu applikati rati minimi ta' eliminazzjoni tal-kubrit pjuttost milli valuri ta' limitu tal-emissjonijiet għad-diossidu tal-kubrit għal impjanti tal-kombustjoni li jużaw tali karburanti. Barra minn hekk, billi l-karatteristiċi speċifiċi tax-shale taż-żejt jista' ma jippermettix l-applikazzjoni tal-istess metodi tekniċi ta' tnaqqis tal-kubrit jew il-kisba tal-istess effiċjenza fl-eliminazzjoni tal-kubrit bħal karburanti oħrajn, hija adatta rata minima ta' eliminazzjoni tal-kubrit ftit aktar baxxa għall-impjanti li jużaw dan il-karburant.

(32) Fil-każ ta' interruzzjoni għall-għarrieda fil-provvista ta' karburant jew gass b'kontenut baxx ta' kubrit li tirriżulta minn nuqqas serju fil-provvista, l-awtorità kompetenti għandha tkun tista' tagħti derogi temporanji sabiex tippermetti li l-emissjonijiet mill-impjanti ta' kombustjoni kkonċernati jaqbżu l-valuri limitu tal-emissjonijiet stipulati f'din id-Direttiva.

(1) ĠU L 124, 17.5.2005, p. 4.

(2) 1. ĠU L 309, 27.11.2001, p. 22.

(33) L-operatur ikkonċernat m'għandux jopera impjant ta' kombustjoni għal aktar minn 24 siegħa wara l-ħsara jew il-waqfien tal-apparat tat-tnaqqis u t-tħaddim mhux imnaqqas m'għandux jaqbeż il-120 siegħa f'perijodu ta' 12-il xahar sabiex jillimita l-effetti negattivi tat-tniġġis fuq l-ambjent. Madankollu, meta jkun hemm ħtieġa urġenti ta' provvisti tal-enerġija jew ikun hemm bżonn li tiġi evitata żieda ġenerali fl-emissjonijiet li jirriżultaw mill-operazzjoni minn impjant ieħor ta' kombustjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jagħtu deroga minn dawk il-limiti ta' żmien.

(34) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u tas-saħħa tal-bniedem u sabiex jiġi evitat ċaqliq transkonfinali ta' skart għal impjanti li joperaw bi standards ambjentali aktar baxxi, jeħtieġ li jiġu stabbiliti u jinżammu kondizzjonijiet ta' tħaddim, rekwiżiti tekniċi u valuri limitu tal-emissjonijiet stretti għall-impjanti li jinċineraw jew jikkoinċineraw l-iskart fi ħdan l-Unjoni.

(35) L-użu ta' solventi organiċi f'ċerti attivitajiet u installazzjonijiet jagħti lok għal emissjonijiet ta' komposti organiċi fl-arja li jikkontribwixxu għall-formazzjoni lokali u transkonfinali ta' ossidanti fotokimiċi li jikkawżaw ħsara lir-riżorsi naturali u li għandhom effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem. Huwa, għalhekk, meħtieġ li tittieħed azzjoni preventiva kontra l-użu ta' solventi organiċi u li tiġi stabbilita ħtieġa ta' konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet għall-komposti organiċi u kondizzjonijiet xierqa tat-tħaddim. L-operaturi għandhom ikunu permessi li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' skema ta' tnaqqis minflok jikkonformaw mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva meta miżuri oħra, bħall-użu ta' prodotti bi ftit solvent u prodotti jew metodi tekniċi mingħajr solvent, jipprovdu mezzi alternattivi biex jilħqu tnaqqis ta' emissjonijiet ekwivalenti.

(36) L-installazzjonijiet li jipproduċu d-diossidu tat-titanju jistgħu jagħtu lok għal tniġġis sinifikanti fl-arja u fl-ilma. Sabiex jitnaqqsu dawn l-impatti, jeħtieġ li fuq il-livell tal-Unjoni jkun hemm valuri limitu tal-emissjonijiet aktar stretti għal ċerti sustanzi li jniġġsu.

(37) Rigward l-inklużjoni ta' installazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li nġiebu fis-seħħ biex ikun hemm konformità ma' din id-Direttiva ta' installazzjonijiet għall-manifatturi ta' prodotti taċ-ċeramika li jinħmew, fuq il-bażi tal-karatteristiċi tas-settur industrijali nazzjonali tagħhom, u sabiex jagħtu interpretazzjoni ċara tal-kamp ta' applikazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk japplikawx kemm il-kriterji, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-kapaċità tal-forn, jew waħda biss miż-żewġ kriterji.

(38) Sabiex jiġi ssimplifikat ir-rappurtar u jitnaqqas il-piż amministrattiv mhux meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tidentifika metodi biex jiġi razzjonalizzat il-mod li bih id-data ssir disponibbli skont din id-Direttiva mar-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni, u b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti ([1]).

(39) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni, is-setgħat tal-implimentazzjoni għandhom jiġu konferiti lill-Kummissjoni biex tadotta gwida dwar il-ġbir tad-data, dwar it-tfassil ta' dokumenti ta' referenza tal-BAT u dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità tagħhom, inkluż jekk il-kontenut u l-format tagħhom huwiex adattat, sabiex jiġu adottati deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT, jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar id-determinazzjoni tal-perijodi ta' bidu u tmiem tat-tħaddim u għall-pjanijiet nazzjonali tranżizzjonali għall-impjanti l-kbar tal-kombustjoni, u jiġu stabbiliti t-tip, il-format u l-frekwenza tal-informazzjoni li l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 291 TFUE, ir-regoli u l-prinċipji ġenerali li jirrigwardaw il-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat tal-implimentazzjoni għandhom jiġu stipulati bil-quddiem b'regolament adottat skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Sakemm jiġi adottat dak ir-Regolament il-ġdid, tibqa' tapplika d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([2]), bl-eċċezzjoni tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, li mhix applikabbli.

(40) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tal-isabbiliment tad-data li minnha għandu jsir il-kejl kontinwu ta' emissjonijiet fl-arja ta' metalli tqal u dijossini u furani; u l-adattament ta' ċerti partijiet tal-Annessi V, VI u VII għall-progress xjentifiku u tekniku. Fil-każ tal-impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart u l-impjanti tal-koinċinerazzjoni tal-iskart, dan jista' jinkludi, inter alia, il-ħolqien ta' kriterji li jippermettu derogi mill-monitoraġġ kontinwu tal-emissjonijiet ta' trab totali. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti, matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell espert.

(41) Sabiex jiġi indirizzat it-tniġġis ambjentali sinifikanti, pereżempju mill-metalli tqal u d-dijossini u l-furani, il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli minn ċerti attivitajiet jew tal-impatt ta' dawn l-attivitajiet fuq l-ambjent b'mod ġenerali, tippreżenta proposti għal rekwiżiti minimi għall-valuri limitu ta' emissjonijiet u għal regoli dwar il-monitoraġġ u l-konformità għall-Unjoni kollha.

(42) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u jiżguraw li dawn ikunu implimentati. Dawn il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

([1]) ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1.

([2]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

(43) Sabiex l-installazzjonijiet eżistenti jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw teknikament għar-rekwiżiti l-ġodda ta' din id-Direttiva, xi wħud mir-rekwiżiti l-ġodda għandhom japplikaw għal dawk l-installazzjonijiet wara perijodu fiss mid-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. L-impjanti ta' kombustjoni għandhom bżonn żmien biżżejjed biex jinstallaw il-miżuri ta' tnaqqis meħtieġa sabiex jintlaħqu l-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness V.

(44) Ladarba l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u billi t-titjib tal-kwalità ambjentali ma jistgħux jinkisbu suffiċjentement mill-Istati Membri, u għaldaqstant, minħabba fin-natura transkonfinali tat-tniġġis mill-attivitajiet industrijali, jistgħu jinkisbu aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(45) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, dan ir-Regolament ifittex li jippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikolu 37 ta' dik il-Karta.

(46) L-obbligu tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali għandu jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla sostantiva meta mqabbla mad-Direttivi preċedenti. L-obbligu tat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet li ma ġewx emendati toħroġ mid-Direttivi preċedenti.

(47) Skont il-paragrafu 34 tal-Ftehim interistituzzjonali dwar regolamentazzjoni aħjar ([1]), l-Istati Membri huma mħeġġa sabiex ifasslu, għalihom infushom kif ukoll fl-interessi tal-Unjoni, it-tabelli tagħhom stess, li safejn ikun possibbli, juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u li jagħmlu dawk it-tabelli pubbliċi.

(48) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri marbuta mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi stipulati fil-Parti B tal-Anness IX,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

## KAPITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

### *Artikolu 1*

### Suġġett

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati ta' tniġġis li jinħoloq mill-attivitajiet industrijali.

Tippreskrivi wkoll regoli maħsuba għall-prevenzjoni jew, meta dan ma jkunx prattiku, għat-tnaqqis ta' emissjonijiet fl-arja, fl-ilma u fl-art u għall-prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart, sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu.

### *Artikolu 2*

### Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-attivitajiet industrijali li jagħtu lok għat-tniġġis imsemmi fil-Kapitoli II sa VI.

2. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal attivitajiet ta' riċerka, attivitajiet ta' żvilupp jew l-ittestjar ta' prodotti u proċessi ġodda.

### *Artikolu 3*

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "sustanza" tfisser kull element kimiku u l-komposti tiegħu, bl-eċċezzjoni tas-sustanzi li ġejjin:

(a) sustanzi radjuattivi kif definiti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/29 Euratom tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti ([2]);

(b) mikro-organiżmi modifikati ġenetikament kif definiti fil-punt (b) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-użu konfinat ta' mikro-organiżmi modifikati ġenetikament ([3]);

(c) organiżmi modifikati ġenetikament kif definiti fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament ([4]);

(2) "tniġġis" tfisser l-introduzzjoni diretta jew indiretta, bħala riżultat ta' attivita umana, ta' sustanzi, vibrazzjonijiet, sħana jew ħsejjes fl-arja, fil-baħar jew fl-art li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-kwalità tal-ambjent, li tirriżulta fi ħsara għal proprjetà materjali, jew tgħarraq jew tfixkel il-faċilitajiet u l-użi oħra leġittimi tal-ambjent;

([1]) ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

([2]) ĠU L 159, 29.6.1996, p. 1.

([3]) ĠU L 125, 21.5.2009, p. 75.

([4]) ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1.

(3) “installazzjoni” tfisser unità teknika stazzjonarja li fiha tit-wettaq attività waħda jew aktar minn dawk elenkati fl-Anness I jew fil-Parti I tal-Anness VII, u kull attività oħra direttament assoċjata fuq l-istess sit li jkollhom konnessjoni teknika mal-attivitajiet elenkati f’dawk l-Annessi u li jista’ jkollhom effett fuq l-emissjonijiet u t-tniġġis;

(4) “emissjoni” tfisser ir-rilaxx dirett jew indirett ta’ sustanzi, vibrazzjonijiet, sħanat jew ħsejjes minn sorsi individwali jew diffużi fl-installazzjoni għal ġewwa l-arja, l-ilma jew l-art;

(5) “valur limitu tal-emissjonijiet” tfisser il-massa, espressa f’termini ta’ ċerti parametri speċifiċi, konċentrazzjoni u/jew livell ta’ emissjoni, li ma jistgħux jinqabżu matul perijodu wieħed jew aktar ta’ żmien.

(6) “livell tal-kwalità ambjentali” tfisser is-sett ta’ rekwiżiti li għandhom jitħarsu fi żmien partikolari minn ambjent partikolari jew parti partikolari minnu, kif stabbilit fil-liġi tal-Unjoni;

(7) “permess” tfisser awtorizzazzjoni bil-miktub biex titħaddem installazzjoni jew impjant ta’ kombustjoni, impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart sħaħ jew parti minnhom;

(8) “regoli ġenerali vinkolanti” tfisser valuri limitu tal-emissjonijiet jew kondizzjonijiet oħrajn, mill-inqas fil-livell settorjali, li jiġu adottati bl-intenzjoni li jintużaw direttament biex jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet għal permess;

(9) “bidla sostanzjali” tfisser bidla fin-natura jew it-tħaddim, jew estensjoni, ta’ installazzjoni jew impjant ta’ kombustjoni, impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart li jista’ jkollha effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent;

(10) “l-aħjar metodi tekniċi disponibbli” tfisser l-istadju l-aktar effettiv u avanzat fl-iżvilupp ta’ attivitajiet u l-metodi tagħhom ta’ tħaddim li jindika l-adattabilità prattika ta’ metodi tekniċi partikolari li tipprovdi l-bażi għall-valuri limitu tal-emissjonijiet u kondizzjonijiet oħra tal-permessi maħsuba biex jiġu evitati u, fejn dan ma jkunx prattiku, li jitnaqqsu l-emissjonijiet u l-impatt fuq l-ambjent kollu kemm hu:

(a) “metodi tekniċi” tinkludi kemm it-teknoloġija użata kif ukoll il-mod li bih l-installazzjoni tkun iddisinjata, mibnija, imħaddma u dekommissjonata;

(b) “metodi tekniċi disponibbli” tfisser dawk żviluppati fuq skala li tkun tippermetti l-implimentazzjoni fis-settur rilevanti industrijali, taħt kondizzjonijiet ekonomiċi u teknikament vijabbli, waqt li jitqiesu l-ispejjeż u l-vantaġġi, sew jekk il-metodi tekniċi jkunu użati u prodotti ġewwa l-Istat Membru inkwistjoni sew jekk le, sakemm dawn ikunu raġonevolment aċċessibbli għall-operatur;

(c) “l-aħjar” tfisser l-aktar waħda effettiva biex jinkiseb livell ġenerali għoli ta’ protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu;

(11) “dokument ta’ referenza tal-BAT” tfisser dokument, li jirriżulta mill-iskambju ta’ informazzjoni organizzata skont l-Artikolu 13, imfassal għal attivitajiet definiti u li jiddeskrivi, b’mod partikolari, il-metodi tekniċi applikati, l-emissjonijiet preżenti u l-livelli ta’ konsum, il-metodi tekniċi kkunsidrati għad-determinazzjoni tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli kif ukoll il-konklużjonijiet tal-BAT u kwalunkwe teknika emerġenti, fejn tingħata konsiderazzjoni speċjali lill-kriterji elenkati fl-Anness III;

(12) “il-konklużjonijiet tal-BAT” tfisser dokument li jinkludi l-partijiet ta’ dokument ta’ referenza tal-BAT li jistabbilixxi l-konklużjonijiet dwar l-aħjar metodi tekniċi disponibbli, id-deskrizzjoni tagħhom, l-informazzjoni biex tiġi vvalutata l-applikabbiltà tagħhom, il-livelli ta’ emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, il-monitoraġġ assoċjat, il-livelli ta’ konsum assoċjati u, fejn adatt, il-miżuri rilevanti ta’ rimedjazzjoni tas-sit;

(13) “il-livelli ta’ emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli” tfisser il-firxa ta’ livelli ta’ emissjonijiet miksuba f’kondizzjonijiet normali ta’ tħaddim bl-użu tal-aħjar teknika disponibbli jew taħlita tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT, espressa bħala medja fuq perijodu ta’ żmien stabbilit f’kondizzjonijiet ta’ referenza speċifikati;

(14) “teknika emerġenti” tfisser teknika ġdida għal attività industrijali li, jekk żviluppata kummerċjalment, tista’ tipprovdi jew livell ġenerali ogħla ta’ protezzjoni tal-ambjent jew mill-anqas l-istess livell ta’ protezzjoni tal-ambjent u ffrankar akbar mill-aħjar metodi tekniċi disponibbli eżistenti;

(15) “operatur” tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li topera jew tikkontrolla l-installazzjoni jew impjant ta’ kombustjoni, impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart kollha jew parti minnhom jew, fejn dan hu previst fil-legislazzjoni nazzjonali, li għaliha jkun ġie delegat poter ekonomiku deċiżiv fuq il-funzjonament tekniku tal-installazzjoni jew l-impjant;

(16) “il-pubbliku” tfisser persuna waħda jew iktar fiżiċi jew ġuridiċi, u, skont il-leġiżlazzjoni jew il-prattika nazzjonali, l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi tagħhom;

(17) “il-pubbliku kkonċernat” tfisser il-pubbliku affettwat jew x’aktarx li jiġi affettwat bit-teħid ta’ deċiżjoni dwar il-ħruġ jew l-aġġornament ta’ permess jew ta’ kondizzjonijiet ta’ permess jew li għandu interess fihom; fis-sens tad-definizzjoni ta’ dan il-kunċett organizzazzjonijiet non-governattivi li jippenjaw ruħhom favur l-ambjent u li jissodisfaw ir-rekwiżiti li japplikaw skont il-liġijiet nazzjonali, għandhom interess;

(18) "sustanzi perikolużi" tfisser sustanzi jew taħlitiet kif definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet ([1]);

(19) "rapport ta' bażi" tfisser informazzjoni dwar il-qagħda tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art minn sustanzi perikolużi rilevanti;

(20) "ilma ta' taħt l-art" tfisser ilma ta' taħt l-art kif definit fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma ([2]);

(21) "ħamrija" tfisser is-saff ta' fuq nett tal-qoxra tad-Dinja li jinsab bejn il-qiegħ u l-wiċċ. Il-ħamrija hija magħmula minn partikoli minerali, materja organika, ilma, arja u organiżmi ħajjin;

(22) "spezzjoni ambjentali" tfisser l-azzjonijiet kollha, inklużi ż-żjarat fil-post, il-monitoraġġ tal-emissjonijiet u l-verifiki tar-rapporti interni u tad-dokumenti ta' segwitu, il-verifika tal-awtomonitoraġġ, il-verifika tal-metodi tekniċi użati u l-adegwatezza tal-ġestjoni ambjentali tal-installazzjoni, imwettqa mill-awtorità kompetenti jew f'isimha biex tivverifika u tippromwovi l-konformità tal-installazzjonijiet mal-kondizzjonijiet għal permess tagħhom u, fejn meħtieġ, biex tissorvelja l-impatt ambjentali tagħhom;

(23) "tjur" tfisser it-tjur kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 90/539/KEE dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fi, u l-importazzjonijiet ta' tjur u bajd tat-tfaqqis minn pajjiżi terzi ([3]);

(24) "karburant" tfisser kull materjal kombustibbli solidu, likwidu jew li fih il-gass;

(25) "impjant ta' kombustjoni" tfisser kull apparat tekniku fejn il-karburanti jiġu ossidizzati sabiex jużaw is-sħana li tiġi ġġenerata;

(26) "ċumnija" tfisser struttura li fiha tromba waħda jew aktar li jipprovdu passaġġ għall-gassijiet ta' skart sabiex jiġu skarikati fl-arja;

(27) "sigħat ta' tħaddim" tfisser iż-żmien, espress f'sigħat, li matulu impjant ta' kombustjoni, kollu kemm hu jew parti minnu, ikun qiegħed jiffunzjona u jitfa' emissjonijiet fl-arja, minbarra l-perijodi tal-bidu u tal-għeluq;

(28) "rata ta' tneħħija tal-kubrit" tfisser il-proporzjon, matul perijodu partikolari ta' żmien, tal-kwantità ta' kubrit li ma jintefax fl-arja minn impjant ta' kombustjoni għal kwantità ta' kubrit li jinsab fil-karburant solidu li hu introdott fil-faċilitajiet tal-impjant ta' kombustjoni u li jintuża fl-impjant matul l-istess perijodu ta' żmien;

(29) "karburant solidu indiġenu" tfisser karburant solidu magħmul b'mod naturali mqabbad f'impjant ta' kombustjoni mfassal speċifikament għal dak il-karburant u estratt lokalment;

(30) "karburant determinanti" tfisser il-karburant li, fost il-karburanti kollha f'impjant ta' kombustjoni multikarburant li juża d-distillazzjoni u r-residwi ta' konverżjoni mir-raffinament taż-żejt għall-konsum tiegħu proprju, waħdu jew b'karburnati oħrajn, għandu l-ogħla valur limitu tal-emissjonijiet kif stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness V, jew, fil-każ ta' diversi karburanti li għandhom l-istess valur limitu ta' emissjonijiet, il-karburant li għandu l-ogħla input termiku fost dawk il-karburanti;

(31) "bijomassa" tfisser kwalunkwe minn dawn:

(a) prodotti li jikkonsistu minn kwalunkwe materja veġetali mill-agrikoltura jew il-forestrija li tista' tiġi użata bħala karburant għall-iskop tal-irkuprar tal-kontenut tal-enerġija tagħha;

(b) l-iskart li ġej:

(i) skart veġetali mill-agrikoltura u l-forestrija;

(ii) skart veġetali mill-industrija tal-ipproċessar tal-ikel, jekk is-sħana ġenerata tiġi rkuprata;

(iii) skart veġetali fibruż mill-produzzjoni tal-polpa verġni u mill-produzzjoni ta' karta mill-polpa, jekk tiġi koinċinerata fil-post tal-produzzjoni u s-sħana ġenerata tiġi rkuprata;

(iv) skart tas-sufra;

(v) skart tal-injam ħlief għall-iskart tal-injam li jista' jkun fih komposti organiċi aloġenizzati jew metalli tqal bħala riżultat tat-trattament bi preservattiv jew kisi tal-injam u li jinkludi, b'mod partikolari, skart tal-injam bħal dak li joriġina mill-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni;

(32) "impjant ta' kombustjoni multikarburant" tfisser kwalunkwe impjant tal-kombustjoni li jista' jitqabbad simultanjament jew alternatament b' żewġ tipi ta' karburant jew iktar;

(33) "turbina tal-gass" tfisser kwalunkwe magna li ddur li taqleb l-enerġija termali f'xogħol mekkaniku, li tikkonsisti prinċipalment minn kumpressur, strument termiku fejn il-karburant huwa ossidizzat sabiex isaħħan il-fluwidu operattiv, u turbina;

(34) "magna tal-gass" tfisser magna ta' kombustjoni interna li tiffunzjona skont iċ-ċiklu ta' Otto u li tuża aċċensjoni bi xrar jew, f'każ ta' magni li jaħdmu b'żewġ tipi ta' karburant, aċċensjoni bil-kompressjoni biex jinħaraq il-karburant;

---
([1]) ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.
([2]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.
([3]) ĠU L 303, 31.10.1990, p. 6.

(35) "magna diżil" tfisser magna ta' kombustjoni interna li tiffunzjona skont iċ-ċiklu tad-diżil u tuża aċċensjoni bil-kompressjoni biex jinħaraq il-karburant;

(36) "sistema żgħira iżolata" tfisser sistema żgħira iżolata kif definita fil-punt 26 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku ([1]);

(37) "skart" tfisser skart kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart ([2]);

(38) "skart perikoluż" tfisser skart perikoluż kif definit fil-punt 2 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/98/KE;

(39) "skart muniċipali mħallat" tfisser skart mid-djar kif ukoll skart kummerċjali, industrijali u istituzzjonali li, minħabba fin-natura u l-kompożizzjoni tiegħu hu simili għall-iskart mid-djar, iżda li jeskludi l-frazzjonijiet indikati taħt l-intestatura 20 01 tal-Anness għad-Deċiżjoni 2000/532/KE ([3]) li jinġabru separatament mis-sors u li teskludi l-iskart l-ieħor imsemmi taħt l-intestatura 20 02 ta' dak l-Anness;

(40) "impjant ta' inċinerazzjoni tal-iskart" tfisser kull apparat u tagħmir tekniku stazzjonarju jew mobbli dedikat għat-trattament ta' sħana tal-iskart, bi jew mingħajr l-irkupru tas-sħana ġenerata, permezz tal-inċinerazzjoni bl-ossidazzjoni tal-iskart kif ukoll proċessi ta' trattamenti oħra tas-sħana, bħall-pirolisi, il-gassifikazzjoni jew il-proċess tal-plasma, jekk is-sustanzi li jirriżultaw mit-trattament jiġu sussegwentement inċinerati;

(41) "impjant ta' koinċinerazzjoni tal-iskart" tfisser kull unità teknika stazzjonarja jew mobbli li l-iskop ewlieni tagħha hu l-ġenerazzjoni ta' enerġija jew il-produzzjoni ta' prodotti materjali u li tuża skart bħala karburant regolari jew addizzjonali jew li fiha l-iskart huwa ttrattat permezz tas-sħana għall-iskop ta' tneħħija permezz tal-inċinerazzjoni bl-ossidazzjoni tal-iskart kif ukoll proċessi ta' trattamenti oħra tas-sħana, bħall-pirolisi, il-gassifikazzjoni jew il-proċess tal-plażma, jekk is-sustanzi li jirriżultaw mit-trattament jiġu sussegwentement inċinerati;

(42) "kapaċità nominali" tfisser it-total tal-kapaċitajiet ta' inċinerazzjoni tal-ifran li minnhom jiġi kompost impjant ta' inċinerazzjoni tal-iskart jew impjant ta' koinċinerazzjoni tal-iskart, kif speċifikat mill-kostruttur u kkonfermat mill-operatur, b'konsiderazzjoni għall-valur kalorifiku tal-iskart, espress bħala kwantità tal-iskart inċinerat fis-siegħa;

([1]) ĠU L 176, 15.7.2003, p. 37.

([2]) ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

([3]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż (ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3).

(43) "dijossini u furani" tfisser id-dijossini dibenżo-p-poliklorinati u dibenżofurani kollha elenkati fil-Parti 2 tal-Anness VI;

(44) "kompost organiku" tfisser kwalunkwe kompost li jkollu fih minn tal-anqas l-element karbonju u wieħed jew aktar ta' idroġenu, aloġeni, ossiġnu, kubrit, fosfru, silikon jew nitroġenu, bl-eċċezzjoni ta' ossidi tal-karbonju u karbonati u bikarbonati inorganiċi;

(45) "kompost organiku volatili" tfisser kull kompost organiku kif ukoll il-frazzjoni tal-krijożot, li jkollu 293,15 K pressjoni ta' fwar ta' 0,01 kPa jew aktar, jew li għandu volatilità korrispondenti taħt il-kondizzjonijiet partikolari tal-użu;

(46) "solvent organiku" tfisser kull kompost organiku volatili li hu użat għal kwalunkwe minn dan li ġej:

(a) waħdu jew magħqud ma' aġenti oħra, u mingħajr ma jgħaddi minn tibdil kimiku, biex jinħallu materjali mhux maħduma, prodotti jew materjali tal-iskart;

(b) bħala aġent tat-tindif biex iħoll kontaminanti;

(c) bħala sustanza għat-taħlil;

(d) bħala mezz ta' dispersjoni;

(e) bħala mezz għall-aġġustament tal-viskożità;

(f) bħala mezz għall-aġġustament tat-tensjoni;

(g) bħala plastiċizzatur;

(h) bħala preservattiv;

(47) "kisi" tfisser kisi kif definit fil-punt 8 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/42/CE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar il-limitazzjonijiet ta' emissjonijiet ta' kompożizzjonijiet organiċi volatili minħabba l-użu ta' solventi f'ċertu żebgħa u lostri u prodotti ta' lostru mill-ġdid ta' vetturi ([4]).

*Artikolu 4*

**Obbligu ta' pussess ta' permess**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ebda installazzjoni jew impjant ta' kombustjoni, impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart ma jithaddem mingħajr permess.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu proċedura għar-reġistrazzjoni tal-installazzjonijiet koperti biss mill-Kapitolu V.

Il-proċedura għar-reġistrazzjoni għandha tkun speċifikata f'att vinkolanti u li jinkludi minn tal-inqas notifika lill-awtorità kompetenti mill-operatur tal-intenzjoni li tiġi mħaddma installazzjoni.

([4]) ĠU L 143, 30.4.2004, p. 87.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jipprovdu li permess ikun ikopri żewġ installazzjonijiet jew aktar jew partijiet minn installazzjonijiet imħaddma mill-istess operatur fuq l-istess sit.

Meta permess ikun ikopri żewġ installazzjonijiet jew aktar, dan għandu jkun fih kondizzjonijiet li jiżguraw li kull installazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jipprovdu li permess ikun ikopri diversi partijiet ta' installazzjoni mħaddma minn operaturi differenti. F'każijiet bħal dawn, il-permess għandu jispeċifika r-responsabbiltajiet ta' kull operatur.

*Artikolu 5*

**Il-ħruġ ta' permess**

1. Mingħajr preġudizzju għal rekwiżiti oħrajn stabbiliti fil-liġi nazzjonali jew fil-liġi tal-Unjoni, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ permess jekk l-installazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-kondizzjonijiet ta', u l-proċeduri għall-ħruġ ta' permess jiġu koordinati kollha kemm huma meta aktar minn awtorità kompetenti waħda jew aktar minn operatur wieħed ikunu involuti jew meta jingħata aktar minn permess wieħed, sabiex jiġi garantit approċċ integrat effettiv mill-awtoritajiet kompetenti kollha għal din il-proċedura.

3. Fil-każ ta' installazzjoni ġdida jew bidla sostanzjali fejn japplika l-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/337/KEE, kwalunkwe informazzjoni rilevanti miksuba jew konklużjoni milħuqa skont l-Artikoli 5, 6, 7 u 9 ta' dik id-Direttiva għandhom jiġu eżaminati u użati għall-għanijiet tal-ħruġ tal-permess.

*Artikolu 6*

**Regoli ġenerali vinkolanti**

Mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' pussess ta' permess, l-Istati Membri jistgħu jinkludu rekwiżiti għal ċerti kategoriji ta' installazzjonijiet, impjant ta' kombustjoni, impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew impjanti tal-koinċinerazzjoni tal-iskart b'regoli ġenerali vinkolanti.

Meta jiġu adottati reġoli ġenerali vinkolanti, il-permess jista' sempliċement jinkludi referenza għal dawn ir-regoli.

*Artikolu 7*

**Inċidenti u aċċidenti**

Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam malprevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali ([1]), fil-każ ta' kwalunkwe inċident jew aċċident li jaffettwa lill-ambjent b'mod sinifikanti, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li:

(a) l-operatur jinforma minnufih lill-awtorità kompetenti;

(b) l-operatur jieħu l-miżuri minnufih sabiex jillimita l-konsegwenzi ambjentali u sabiex jipprevjeni aktar inċidenti jew aċċidenti possibbli;

(c) l-awtorità kompetenti teħtieġ li l-operatur jieħu kwalunkwe miżura kumplimentari adegwata li l-awtorità kompetenti tikkunsidra meħtieġa sabiex jillimita l-konsegwenzi ambjentali u sabiex jipprevjeni aktar inċidenti jew aċċidenti possibbli.

*Artikolu 8*

**Nuqqas ta' konformità**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-kondizzjonijiet għall-permess jiġu mħarsa

2. Fil-każ ta' ksur tal-kondizzjonijiet għal permess, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) l-operatur jinforma minnufih lill-awtorità kompetenti;

(b) l-operatur jieħu minnufih il-miżuri meħtieġa biex jiżgura li jerġa' jkun hemm konformità fl-inqas żmien possibbli;

(c) l-awtorità kompetenti teħtieġ lill-operatur li jieħu kwalunkwe miżura kumplimentari adegwata li l-awtorità kompetenti tikkunsidra meħtieġa biex il-konformità tiġi restawrata.

Fejn il-ksur tal-kondizzjonijiet għal permess ikun ta' periklu immedjat għas-saħħa tal-bniedem jew jhedded li jikkawża effett immedjat negattiv sinifikanti fuq l-ambjent, u sakemm ma jerġax ikun hemm konformità skont il-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu, it-tħaddim tal-installazzjoni, l-impjant ta' kombustjoni, l-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart, l-impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart jew parti rilevanti tiegħu għandha tkun sospiża.

*Artikolu 9*

**Emissjoni ta' gassijiet serra**

1. Meta l-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn installazzjoni jiġu speċifikati fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward ta' attività mwettqa f'dik l-installazzjoni, il-permess m'għandux jinkludi valur limitu tal-emissjonijiet għall-emissjonijiet diretti ta' dan il-gass, ħlief jekk meħtieġ sabiex jiġi żgurat li ma jiġi kkawżat l-ebda tniġġis lokali sinifikanti.

2. Għall-attivitajiet elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jimponux rekwiżiti relatati mal-effiċjenza tal-enerġija fir-rigward tal-unitajiet tal-kombustjoni jew emissjonijiet oħra li jemettu d-diossidu tal-karbonju fuq is-sit.

([1]) ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56.

3. Fejn meħtieġ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jemendaw il-permess kif xieraq.

4. Il-paragrafi 1 sa 3 m'għandhomx japplikaw għall-installazzjonijiet esklużi temporanjament mill-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni tal-gassijiet serra ġewwa l-Unjoni skont l-Artikolu 27 td-Direttiva 2003/87/KE.

KAPITOLU II

**DISPOŻIZZJONIJIET GĦALL-ATTIVITAJIET ELENKATI FL-ANNESS I**

*Artikolu 10*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan il-Kapitolu għandu japplika għall-attivitajiet stabbiliti fl-Anness I u li, fejn applikabbli, jilħqu l-limiti tal-kapaċità stabbiliti f'dak l-Anness.

*Artikolu 11*

**Prinċipji ġenerali li jirregolaw l-obbligi bażiċi tal-operatur**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprovdu li l-installazzjonijiet jitħaddmu skont il-prinċipji li ġejjin:

(a) jittieħdu l-miżuri preventivi kollha xierqa kontra t-tniġġis;

(b) jiġu applikati l-aħjar metodi tekniċi disponibbli;

(c) ma jiġi kkawżat ebda tniġġis sinifikanti;

(d) tiġi evitata l-ġenerazzjoni tal-iskart skont id-Direttiva 2008/98/KE;

(e) fejn jiġi ġġenerat l-iskart, dan, f'ordni ta' prijorità u skont id-Direttiva 2008/98/KE, jitħejja għal użu mill-ġdid, jiġi riċiklat, jinġabar lura jew, fejn dan mhux teknikament u ekonomikament possibbli, jintrema waqt li jiġi evitat jew jitnaqqas kull impatt fuq l-ambjent;

(f) l-enerġija tintuża b'mod effiċjenti;

(g) għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġu evitati aċċidenti u jiġu limitati l-konsegwenzi tagħhom;

(h) jittieħdu l-miżuri meħtieġa mal-waqfien definittiv ta' attivitajiet biex jiġi evitat kull riskju ta' tniġġis u biex is-sit tat-tħaddim jinġieb lura għall-istat sodisfaċenti definit skont l-Artikolu 22.

*Artikolu 12*

**Applikazzjonijiet għal permessi**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li applikazzjoni għal permess tkun tinkludi deskrizzjoni ta' dan li ġej:

(a) l-installazzjoni u l-attivitajiet tagħha;

(b) il-materja prima u dik awżiljari, sustanzi oħra u l-enerġija użata fi jew ġenerata mill-installazzjoni;

(c) is-sorsi tal-emissjonijiet mill-installazzjoni;

(d) il-kondizzjonijiet tas-sit tal-installazzjoni;

(e) fejn applikabbli, rapport ta' bażi skont l-Artikolu 22(2);

(f) in-natura u l-kwantitajiet ta' emissjonijiet imbassra mill-installazzjoni f'kull element ambjentali kif ukoll l-identifikazzjoni tal-effetti sinifikanti tal-emissjonijiet fuq l-ambjent;

(g) it-teknoloġija proposta u metodi tekniċi oħra għall-prevenzjoni jew, fejn dan ma jkunx possibbli, għat-tnaqqis ta' emissjonijiet mill-installazzjoni;

(h) il-miżuri għall-prevenzjoni, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru tal-iskart iġġenerat mill-installazzjoni;

(i) miżuri oħra maħsuba għat-tħaris tal-prinċipji ġenerali tal-obbligi bażiċi tal-operatur kif previsti fl-Artikolu 11;

(j) miżuri maħsuba għall-osservazzjoni tal-emissjonijiet fl-ambjent;

(k) l-alternattivi prinċipali għat-teknoloġija, il-metodi tekniċi u l-miżuri proposti studjati f'deskrizzjoni fil-qosor mill-applikant.

Applikazzjoni għal permess għandha tinkludi wkoll sommarju mhux tekniku tad-dettalji msemmijin fl-ewwel subparagrafu.

2. Meta informazzjoni mogħtija skont ir-rekwiżiti previsti fid-Direttiva 85/337/KEE jew rapport ta' sigurtà mħejji skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE jew informazzjoni oħra mogħtija b'konformità ma' leġiżlazzjoni oħra jkun jissodisfa kwalunkwe mir-rekwiżiti tal-paragrafu 1, dik l-informazzjoni tista' tiġi inkluża fi, jew mehmuża ma', l-applikazzjoni.

*Artikolu 13*

**Dokumenti ta' referenza tal-BAT u skambju ta' informazzjoni**

1. Sabiex tfassal, tirrivedi u, fejn meħtieġ, taġġorna d-dokumenti ta' referenza tal-BAT, il-Kummissjoni għandha torganizza skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, l-industriji kkonċernati l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent u l-Kummissjoni.

2. L-iskambju ta' informazzjoni għandu b'mod partikolari jindirizza dan li ġej:

(a) il-prestazzjoni tal-installazzjonijiet u l-metodi tekniċi f'termini ta' emissjonijiet, espressi bħala medji għal perijodu qasir u perijodu twil, fejn adatt, u l-kondizzjonijiet ta' referenza assoċjati, il-konsum u n-natura tal-materja prima, il-konsum tal-ilma, l-użu tal-enerġija u l-ġenerazzjoni tal-iskart;

(b) il-metodi tekniċi użati, il-monitoraġġ assoċjat, l-effetti transmedjali, il-vijabbiltà ekonomika u teknika u l-iżviluppi fihom;

(c) l-aħjar metodi tekniċi disponibbli u l-metodi tekniċi emerġenti identifikati wara li jiġu kkunsidrati l-kwistjonijiet imsemmijin fil-punti (a) u (b).

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u tlaqqa' regolarment forum magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, l-industriji kkonċernati u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent.

Il-Kummissjoni għandha tikseb l-opinjoni tal-forum dwar l-arranġamenti prattiċi għall-iskambju ta' informazzjoni u b'mod partikolari dwar dan li ġej:

(a) ir-regoli ta' proċedura tal-forum;

(b) il-programm ta' ħidma għall-iskambju ta' informazzjoni;

(c) gwida dwar il-ġbir ta' data;

(d) gwida dwar it-tfassil ta' dokumenti ta' referenza tal-BAT u dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità tagħhom inkluża l-adegwatezza tal-kontenut u l-format tagħhom.

Il-gwida msemmija fil-punti (c) u (d) tat-tieni subparagrafu għandha tqis l-opinjoni tal-forum u għandha tiġi adottata f'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 75(2).

4. Il-Kummissjoni għandha takkwista u tagħmel disponibbli pubblikament l-opinjoni tal-forum dwar il-kontenut propost tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT u għandha tqis din l-opinjoni għall-proċeduri stabbiliti fil-paragrafu 5.

5. Deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 75(2).

6. Wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni skont il-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tagħmel disponibbli pubblikament id-dokument ta' referenza tal-BAT u tiżgura li l-konklużjonijiet tal-BAT ikunu disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Istati Membri.

7. Sakemm issir l-adozzjoni ta' deċiżjoni rilevanti skont il-paragrafu 5, il-konklużjonijiet dwar l-aħjar metodi tekniċi disponibbli mid-dokumenti ta' referenza tal-BAT adottati mill-Kummissjoni qabel id-data msemmija fl-Artikolu 83 għandhom japplikaw bħala konklużjonijiet tal-BAT għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu ħlief għall-Artikolu 15(3) u (4).

*Artikolu 14*

**Kondizzjonijiet għal permess**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-permess ikun jinkludi l-miżuri kollha meħtieġa għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikoli 11 u 18.

Dawk il-miżuri għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:

(a) il-valuri limitu tal-emissjonijiet għal sustanzi li jniġġsu elenkati fl-Anness II, u għal sustanzi oħra li jniġġsu, li x'aktarx joħorġu mill-installazzjoni kkonċernata fi kwantitajiet sinifikanti, wara li tkun ikkunsidrata n-natura u l-potenzjal tagħhom li jitrasferixxu t-tniġġis minn element ambjentali għal ieħor;

(b) rekwiżiti adattati li jiżguraw il-protezzjoni tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art u miżuri li jikkonċernaw il-monitoraġġ u l-immaniġġar tal-iskart iġġenerat mill-installazzjoni;

(c) rekwiżiti adattati għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet, li jispeċifikaw:

(i) il-metodoloġija tal-kejl, il-frekwenza u l-proċedura ta' valutazzjoni; u

(ii) fejn jiġi applikat il-punt (b) tal-Artikolu 15(3), li r-riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet ikunu disponibbli għall-istess perijodi ta' żmien u kondizzjonijiet ta' referenza bħal-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli;

(d) regolarment u mill-anqas darba fis-sena obbligu biex l-awtorità kompetenti tkun fornuta bi:

(i) informazzjoni abbażi ta' riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet imsemmija fil-punt (c) u data oħra meħtieġa biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tivverifika l-konformità mal-kondizzjonijiet għal permess; u

(ii) fejn jiġi applikat il-punt (b) tal-Artikolu 15(3), sommarju tar-riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet li jippermetti li jsir paragun mal-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli;

(e) rekwiżiti adatti għaż-żamma fl-ordni u s-sorveljanza regolari ta' miżuri meħudin għall-prevenzjoni ta' emissjonijiet fil-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art skont il-punt (b) u rekwiżiti adatti li jikkonċernaw il-monitoraġġ perijodiku ta' ħamrija u ilma ta' taħt l-art fir-rigward ta' sustanzi perikolużi rilevanti li x'aktarx jinstabu fuq is-sit u b'konsiderazzjoni tal-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art fuq is-sit tal-installazzjoni;

(f) miżuri relatati ma' kondizzjonijiet minbarra l-kondizzjonijiet normali ta' tħaddim bħall-bidu u t-tmien tat-tħaddim, tnixxijiet, ħsara, waqfien momentarju, u waqfien definittiv tat-tħaddim;

(g) dispożizzjonijiet dwar it-tnaqqis ta' tniġġis f'distanzi fit-tul jew transkonfinali;.

(h) kondizzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet jew referenza għar-rekwiżiti applikabbli speċifikati x'imkien ieħor.

2. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1, il-valuri limitu tal-emissjonijiet jistgħu jiġu supplimentati jew mibdula b'parametri ekwivalenti jew miżuri tekniċi li jiżguraw livell ekwivalenti ta' protezzjoni tal-ambjent.

3. Il-konklużjonijiet tal-BAT għandhom ikunu r-referenza għall-istipular tal-kondizzjonijiet għal permessi.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19, l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi kondizzjonijiet aktar stretti għal permess minn dawk li jistgħu jinkisbu bl-użu tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li bihom l-awtorità kompetenti tista' tiffissa tali kondizzjonijiet aktar stetti.

5. Fejn l-awtorità kompetenti tistabbilixxi kondizzjonijiet għal permess abbażi tal-aħjar teknika disponibbli li ma hija deskritta fl-ebda waħda mill-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT, hija għandha tiżgura li:

(a) dik it-teknika hija ddeterminata billi tingħata konsiderazzjoni speċjali lill-kriterji elenkati fl-Anness III; u

(b) jiġu rispettati r-rekwiżiti tal-Artikolu 15.

Fejn il-konklużjonijiet tal-BAT imsemmija fl-ewwel subparagrafu ma jkunx fihom livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li t-teknika msemmija fl-ewwel subparagrafu tiżgura livell ta' protezzjoni ambjentali ekwivalenti għall-aħjar metodi tekniċi disponibbli deskritti fil-konklużjonijiet tal-BAT.

6. Fejn attività jew tip ta' proċess ta' produzzjoni imwettqa f'installazzjoni mhumiex koperti minn kwalunkwe waħda mill-konklużjonijiet tal-BAT jew fejn dawk il-konklużjonijiet ma jindirizzawx l-effetti ambjentali potenzjali kollha tal-attività jew il-proċess, l-awtorità kompetenti, wara konsultazzjoni minn qabel mal-operatur, għandha tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għal permess abbażi tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli li hi tkun iddeterminat għall-attivitajiet jew il-proċessi kkonċernati, billi tikkunsidra b'mod speċjali l-kriterji elenkati fl-Anness III.

7. Għall-installazzjonijiet imsemmija fil-punt 6.6 tal-Anness I, il-paragrafi 1 sa 6 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni relatata mat-trattament xieraq tal-annimali.

*Artikolu 15*

**Valuri limitu tal-emissjonijiet, parametri ekwivalenti u miżuri tekniċi**

1. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu għandhom japplikaw fil-punt fejn l-emissjonijiet iħallu l-installazzjoni u, kwalunkwe dilwizzjoni qabel dak il-punt għandha tkun injorata meta dawk il-valuri jkunu qed jiġu stabbiliti.

Fir-rigward ta' rilaxx indirett ta' sustanzi li jniġġsu fl-ilma, jista' jitqies l-effett ta' impjant ta' trattament tal-ilma meta jiġu stabbiliti l-valuri limitu tal-emissjonijiet tal-installazzjoni kkonċernata, bil-kondizzjoni li jiġi garantit livell ekwivalenti ta' protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu u bil-kondizzjoni li dan ma jwassalx għal livelli ogħla ta' tniġġis fl-ambjent.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19, il-valuri limitu tal-emissjonijiet u l-parametri ekwivalenti u l-miżuri tekniċi msemmijin fl-Artikolu 14(1) u (2) għandhom jiġu bbażati fuq l-aħjar metodi tekniċi disponibbli, mingħajr ma jiġi preskritt l-użu ta' xi teknika jew teknoloġija speċifika

3. L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet li jiguraw li, taħt kondizzjonijiet normali ta' tħaddim, l-emissjonijiet ma jaqbżux il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli kif stabbilit fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT imsemmijin fl-Artikolu 13(5) permezz ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) il-ħolqien ta' valuri limitu tal-emissjonijiet li ma jaqbżux il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli. Dawk il-valuri limitu tal-emissjonijiet għandhom ikunu espressi għall-istess perijodi jew perijodi ta' żmien aqsar u skont l-istess kondizzjonijiet ta' referenza bħal dawk il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli; jew

(b) il-ħolqien ta' valuri limitu tal-emissjonijiet differenti minn dawk imsemmijin taħt il-punt (a) f'termini ta' valuri, perijodi ta' żmien u kondizzjonijiet ta' referenza.

Fejn jiġi applikat il-punt (b), l-awtorità kompetenti għandha, mill-anqas darba fis-sena, tivvaluta r-riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet sabiex ikun żgurat li l-emissjonijiet f'kondizzjonijiet normali ta' tħaddim ma jkunux qabżu l-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli.

4. B'deroga mill-paragrafu 3 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18, l-awtorità kompetenti tista', f'każijiet speċifiċi, tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet inqas stretti. Deroga ta' dan it-tip tista' tapplika biss fejn hemm evalwazzjoni li turi li l-kisba ta' livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli kif deskritti fil-konklużjonijiet tal-BAT twassal għal spejjeż sproporzjonalment ogħla meta mqabbla mal-benefiċċji ambjentali minħabba:

(a) il-pożizzjoni ġeografika jew il-kondizzjonijiet ambjentali lokali tal-installazzjoni kkonċernata; jew

(b) il-karatteristiċi tekniċi tal-installazzjoni kkonċernata.

L-awtorità kompetenti għandha tiddokumenta f'anness għall-kondizzjonijiet għal permess ir-raġunijiet għall-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu inkluż ir-riżultat tal-valutazzjoni u l-ġustifikazzjoni għall-kondizzjonijiet imposti.

Il-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti b'konformità mal-ewwel subparagrafu, madankollu, m'għandhomx jaqbżu l-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Annessi għal din id-Direttiva, fejn applikabbli

L-awtorità kompetenti fi kwalunkwe każ għandha tiżgura li ma jiġi kkawżat l-ebda tniġġis sinifikanti u li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu.

Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri skont l-Artikolu 72(1), b'mod partikolari dwar l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni tista', fejn meħtieġ, tevalwa u tiċċara aktar, permezz ta' gwida, il-kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.

L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta mill-ġdid l-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu bħala parti minn kull rikonsiderazzjoni tal-kondizzjonijiet għal permess skont l-Artikolu 21.

5. L-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi temporanji mir-rekwiżiti tal-paragrafu 2 u 3 ta' dan l-Artikolu u mill-punti (a) u (b) tal-Artikolu 11 għall-ittestjar u l-użu ta' metodi tekniċi emerġenti għal perijodu totali ta' żmien li ma jaqbiżx id-disa' xhur, bil-kondizzjoni li wara l-perijodu speċifikat, jew it-teknika titwaqqaf jew inkella l-attività tilħaq il-livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli.

*Artikolu 16*

**Rekwiżiti tal-monitoraġġ**

1. Ir-rekwiżiti tal-monitoraġġ imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 14(1) għandhom, fejn applikabbli, ikunu bbażati fuq il-konklużjonijiet dwar il-monitoraġġ kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT.

2. Il-frekwenza tal-monitoraġġ perijodiku kif imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 14(1) għandha tiġi ddeterminata mill-awtorità kompetenti f'permess għal kull installazzjoni individwali jew f'regoli ġenerali vinkolanti.

Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, il-monitoraġġ perijodiku għandu jitwettaq mill-inqas darba kull ħames snin għall-ilma ta' taħt l-art u kull għaxar snin għall-ħamrija, sakemm tali monitoraġġ ma jkunx ibbażat fuq valutazzjoni sistematika tar-riskju ta' kontaminazzjoni.

*Artikolu 17*

**Regoli ġenerali vinkolanti għall-attivitajiet elenkati fl-Anness I**

1. Meta jiġu adottati regoli ġenerali vinkolanti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw approċċ integrat u livell għoli ta' protezzjoni għall-ambjent kollu kemm hu ekwivalenti għal dak li jista' jinkiseb b'kondizzjonijiet għal permess individwali.

2. Ir-regoli ġenerali vinkolanti għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar metodi tekniċi disponibbli, mingħajr il-preskrizzjoni tal-użu ta' kwalunkwe teknika jew teknoloġija speċifika sabiex tkun żgurata konformità mal-Artikoli 14 u 15.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli ġenerali vinkolanti jiġu aġġornati biex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi fl-aħjar metodi tekniċi disponibbli u sabiex tkun żgurata konformità mal-Artikoli 21.

4. Ir-regoli ġenerali vinkolanti adottati skont il-paragrafi 1 sa 3 għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom.

*Artikolu 18*

**Livelli ta' kwalità ambjentali**

Meta livell ta' kwalità ambjentali jeħtieġ kondizzjonijiet aktar iebsa minn dawk li jistgħu jinkisbu bl-użu tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, għandhom jiġu inklużi kondizzjonijiet addizzjonali fil-permess, mingħajr preġudizzju għal miżuri oħra li jistgħu jittieħdu biex jitħarsu l-livelli ta' kwalità ambjentali.

*Artikolu 19*

**Żviluppi fl-aħjar metodi tekniċi disponibbli**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti ssegwi jew tkun infurmata bl-aħjar metodi tekniċi disponibbli u bil-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe konklużjonijiet ġodda jew aġġornati tal-BAT u għandhom jagħmlu dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku kkonċernat.

*Artikolu 20*

**Bidliet minn operaturi għal installazzjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-operatur jinforma lill-awtorità kompetenti b'kull bidla ppjanata fin-natura jew il-funzjonament, jew estensjoni tal-installazzjoni li jista' jkollha konsegwenzi għall-ambjent. Meta jkun il-każ, l- awtorità kompetenti għandha taġġorna l-permess.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ebda tibdil sostanzjali ppjanat mill-operatur ma jsir mingħajr permess mogħti skont din id-Direttiva.

L-applikazzjoni għal permess u d-deċiżjoni mill-awtorità kompetenti għandhom ikopru dawk il-partijiet tal-installazzjoni u dawk id-dettalji elenkati fl-Artikolu 12 li jistgħu jiġu effettwati mill-bidla sostanzjali.

3. Kwalunkwe bidla fin-natura jew fil-funzjonament jew estensjoni ta' installazzjoni għandha titqies li tkun sostanzjali jekk il-bidla jew l-estensjoni fiha nfusha tilħaq il-limiti tal-kapaċità stabbiliti fl-Anness I.

*Artikolu 21*

**Rikonsiderazzjoni u aġġornament tal-kondizzjonijiet għal permess mill-awtorità kompetenti**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtorità kompetenti perijodikament tirrikunsidra, f'konformità mal-paragrafi 2 sa 5, il-kondizzjonijiet kollha għal permess u, fejn meħtieġ biex tiżgura konformità ma' din id-Direttiva, taġġorna dawk il-kondizzjonijiet.

2. Fuq it-talba tal-awtorità kompetenti, l-operatur għandu jippreżenta l-informazzjoni kollha meħtieġa bil-għan li l-kondizzjonijiet għal permess ikunu rrikunsidrati, inkluż, b'mod partikolari, riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet u data oħra, li tippermetti paragun tat-tħaddim tal-installazzjoni mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli deskritti fil-konklużjonijiet tal-BAT applikabbli u mal-livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli.

Meta tkun qed tirrikunsidra l-kondizzjonijiet għal permess, l-awtorità kompetenti għandha tuża kwalunkwe informazzjoni li toħroġ mill-monitoraġġ jew l-ispezzjonijiet.

3. Fi żmien erba' snin mill-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT skont l-Artikolu 13(5) rigward l-attività prinċipali ta' installazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li:

(a) il-kondizzjonijiet kollha għal permess għall-installazzjoni kkonċernata jiġu rrikunsidrati u, fejn meħtieġ, aġġornati biex tiġi żgurata l-konformità ma' din id-Direttiva u, b'mod partikolari, mal-Artikolu 15(3) u (4), fejn applikabbli;

(b) l-installazzjoni tikkonforma ma' dawk il-kondizzjonijiet għal permess.

Ir-rikunsiderazzjoni għandha tqis il-konklużjonijiet kollha tal-BAT ġodda jew aġġornati li japplikaw għall-installazzjoni u li ġew adottati skont l-Artikolu 13(5) minn meta l-permess inħareġ jew ġie rrikunsidrat l-aħħar.

4. Meta installazzjoni ma tkunx koperta minn kwalunkwe waħda mill-konklużjonijiet tal-BAT, il-kondizzjonijiet għal permess għandhom jiġu rrikunsidrati u, jekk meħtieġ, aġġornati meta l-iżviluppi fl-aħjar metodi tekniċi disponibbli jippermettu tnaqqis sinifikanti tal-emissjonijiet.

5. Il-kondizzjonijiet għal permess għandhom jiġu rikunsidrati u, fejn meħtieġ, aġġornati tal-anqas fil-każijiet li ġejjin:

(a) it-tniġġis ikkawżat mill-installazzjoni hu ta' sinifikat tali li jeħtieġ li l-valuri limitu eżistenti tal-emissjonijiet tal-permess jeħtieġ li jiġu riveduti jew jiġu inklużi valuri ġodda bħal dawn fil-permess;

(b) is-sigurtà fit-tħaddim titlob li jintużaw metodi tekniċi oħra;

(c) meta jkun meħtieġ li jkun hemm konformità ma' standard ġdid jew rivedut tal-kwalità ambjentali skont l-Artikolu 18.

*Artikolu 22*

**Għeluq tas-sit**

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2000/60/KE, għad-Direttiva 2004/35/KE, għad-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġiż u d-deterjorament ([1]), u għal-liġi rilevanti tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-ħamrija l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għal permess biex tkun żgurata l-konformità mal-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu mal-waqfien definittiv tal-attivitajiet.

([1]) ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19.

2. Meta l-attività tinvolvi l-użu, il-produzzjoni jew ir-rilaxx ta' sustanzi perikolużi rilevanti, u fir-rigward tal-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art fuq is-sit tal-installazzjoni, l-operatur għandu jħejji u jippreżenta lill-awtorità kompetenti rapport ta' bażi qabel ma jibda jħaddem installazzjoni jew qabel ma permess għal installazzjoni jiġi aġġornat għall-ewwel darba wara s-7 ta' Jannar 2013.

Ir- rapport ta' bażi għandu jinkludi l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi determinat l-istat ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art sabiex isir tqabbil kwantitattiv mal-istat mal-waqfien definittiv tal-attivitajiet previsti taħt il-paragrafu 3.

Ir-rapport ta' bażi għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) informazzjoni dwar l-użu preżenti u, fejn disponibbli, dwar l-użi tas-sit fil-passat;

(b) fejn disponibbli, l-informazzjoni eżistenti dwar il-miżuri tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art li jirriflettu l-istat fil-mument li r-rapport jiġi mfassal jew, alternattivament, miżuri ġodda tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art li jikkunsidraw il-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art b'dawk is-sustanzi perikolużi li għandhom jintużaw, fejn prodotti jew rilaxxati mill-installazzjoni kkonċernata.

Fejn l-informazzjoni li hija pprovduta skont liġi oħra nazzjonali jew tal-Unjoni tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu, dik l-informazzjoni tista' tiġi inkluża fi, jew annessa għar-rapport ta' bażi ppreżentat.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-gwida dwar il-kontenut tar-rapport ta' bażi.

3. Mal-waqfien definittiv tal-attivitajiet, l-operatur għandu jivvaluta l-istat tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art minn sustanzi perikolużi rilevanti użati, prodotti jew rilaxxati mill-installazzjoni. Meta l-installazzjoni tkun ikkawżat tniġġis sinifikattiv tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art permezz ta' sustanzi perikolużi rilevanti meta mqabbel mal-qagħda stabbilita fir-rapport ta' bażi msemmi fil-paragrafu 2, l-operatur għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex dak it-tniġġis jiġi indirizzat biex b'hekk is-sit imur lura għal dak l-istat. Għal dak il-għan, tista' titqies il-fattibbiltà teknika ta' miżuri bħal dawn.

Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, mal-waqfien definittiv tal-attivitajiet, u fejn il-kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art fuq is-sit ikun ta' riskju sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent bħala riżultat tal-attivitajiet permessi mill-operatur qabel mal-permess għall-installazzjoni jiġi aġġornat għall-ewwel darba wara s-7 ta' Jannar 2013 u b'kont meħud tal-kondizzjonijiet tas-sit tal-installazzjoni stabbiliti f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 12(1), l-operatur għandu jieħu l-azzjonijiet meħtieġa mmirati lejn it-tneħħija, il-kontroll, il-konteniment jew it-tnaqqis ta' sustanzi perikolużi rilevanti, sabiex is-sit, b'kont meħud tal-użu attwali jew futur approvat tiegħu, ma jibqax ikun ta' riskju.

4. Meta l-operatur ma jkunx meħtieġ iħejji rapport ta' bażi msemmi fil-paragrafu 2, l-operatur għandu, mal-waqfa definittiva tal-attivitajiet, jieħu l-azzjonijiet meħtieġa mmirati lejn it-tneħħija, il-kontroll, il-konteniment jew it-tnaqqis ta' sustanzi perikolużi rilevanti sabiex is-sit, b'kont meħud tal-użu attwali jew futur approvat tiegħu, ma jkomplix ikun ta' xi riskju sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent minħabba l-kontaminazzjoni tal-ħamrija jew tal-ilma ta' taħt l-art bħala riżultat tal-attivitajiet permessi u b'kont meħud tal-kondizzjonijiet tas-sit tal-installazzjoni stabbilit f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 12(1).

*Artikolu 23*

**Spezzjonijiet ambjentali**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' spezzjonijiet ambjentali tal-installazzjonijiet li tindirizza l-eżami tal-firxa sħiħa tal-effetti ambjentali rilevanti mill-installazzjonijiet ikkonċernati.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi joffru lill-awtoritajiet kompetenti l-għajnuna kollha meħtieġa biex jippermettu lil dawk l-awtoritajiet li jwettqu kwalunkwe żjara fuq is-sit, jieħdu kampjuni u jiġbru kull informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-installazzjonijiet kollha jkunu koperti minn pjan ta' spezzjoni ambjentali fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali u għandhom jiżguraw li l-pjan jiġi eżaminat regolarment u fejn adatt, aġġornat.

3. Kull pjan ta' spezzjoni ambjentali għandu jinkludi dan li ġej:

(a) valutazzjoni ġenerali ta' kwistjonijiet ambjentali sinifikanti rilevanti;

(b) iż-żona ġeografika koperta mill-pjan ta' spezzjoni;

(c) reġistru tal-installazzjonijiet koperti mill-pjan;

(d) proċeduri għat-tfassil ta' programmi ta' spezzjonijiet ambjentali ta' rutina skont il-paragrafu 4;

(e) proċeduri għal spezzjonijiet ambjentali mhux ta' rutina skont il-paragrafu 5;

(f) fejn meħtieġ, dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni bejn awtoritajiet ta' spezzjoni differenti.

4. Abbażi tal-pjani ta' spezzjoni, l-awtorità kompetenti għandha regolarment tfassal programmi għal spezzjonijiet ambjentali ta' rutina, inkluża l-frekwenza taż-żjarat fuq is-siti għal tipi differenti ta' installazzjonijiet.

Il-perijodu bejn żewġ żjarat fuq is-siti għandu jkun ibbażat fuq stima sistematika tar-riskji ambjentali tal-installazzjonijiet ikkonċernati u m'għandux jaqbeż is-sena għall-installazzjonijiet tal-ogħla riskju u tliet snin għall-installazzjonijiet tal-anqas riskju.

Jekk spezzjoni tkun identifikat każ importanti ta' nuqqas ta' konformità mal-kondizzjonijiet tal-permess, għandha ssir żjara addizzjonali tas-sit fi żmien sitt xhur minn dik l-ispezzjoni.

L-istima sistematika tar-riskji ambjentali għandha tkun ibbażata, mill-anqas, fuq il-kriterji li ġejjin:

(a) l-impatti potenzjali u reali tal-installazzjonijiet ikkonċernati fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent b'kont meħud tal-livelli u t-tipi ta' emissjonijiet, is-sensitività tal-ambjent lokali u r-riskju ta' aċċidenti;

(b) ir-reġistru tal-konformità mal-kondizzjonijiet għal permess;

(c) il-Partiċipazzjoni tal-operatur fl-iskema tal-Unjoni ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS), b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 ([1]).

Il-Kummissjoni tista' tadotta gwida dwar il-kriterji għall-valutazzjoni tar-riskji ambjentali.

5. Għandhom jitwettqu spezzjonijiet ambjentali li mhumiex ta' rutina biex jiġu investigati malajr kemm jista' jkun ilmenti ambjentali serji, aċċidenti ambjentali serji, inċidenti u ġrajjiet ta' nuqqas ta' konformità u, fejn xieraq, qabel il-ħruġ, il-konsiderazzjoni mill-ġdid jew l-aġġornament ta' permess.

6. Wara kull żjara fuq il-post, l-awtorità kompetenti għandha tħejji rapport li jiddeskrivi s-sejbiet rilevanti fir-rigward tal-konformità tal-installazzjoni mal- kondizzjonijiet għal permess u l-konklużjonijiet dwar jekk hijiex meħtieġa aktar azzjoni.

Ir-rapport għandu jiġi notifikat lill-operatur ikkonċernat fi żmien xahrejn li fih tkun saret iż-żjara fuq il-post. Ir-rapport għandu jsir pubblikament disponibbli mill-awtorità kompetenti skont id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali ([2]) fi żmien erba' xhur wara li ssir iż-żjara fuq il-post.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(2), l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-operatur jieħu l-azzjonijiet meħtieġa kollha identifikati fir-rapport f'perijodu raġonevoli.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1).

([2]) ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26.

*Artikolu 24*

**Aċċess għal informazzjoni u partieċipazzjoni pubblika fil-proċedura għal permess**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku interessat jingħata opportunitajiet minn kmieni u effettivi sabiex jippartieċipa fil-proċeduri li ġejjin:

(a) il-ħruġ ta' permess għal installazzjonijiet ġodda;

(b) il-ħruġ ta' permess għal kwalunkwe bidla sostanzjali;

(c) il-ħruġ jew l-aġġornament ta' permess għal installazzjoni fejn l-applikazzjoni tal-Artikolu 15 (4) hija proposta;

(d) l-aġġornament ta' permess jew il-kondizzjonijiet għal permess għal installazzjoni skont il-punt (a) tal-Artikolu 21(5).

Il-proċedura stabbilita fl-Anness IV għandha tapplika għal din il-partieċipazzjoni.

2. Meta tkun ittieħdet deċiżjoni dwar il-ħruġ, il-konsiderazzjoni mill-ġdid jew l-aġġornament ta' permess, l-awtorità kompetenti għandha tagħmel disponibbli lill-pubbliku, inkluż permezz tal-Internet fir-rigward tal-punti (a), (b) u (f), l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-kontenut tad-deċiżjoni, inkluża kopja tal-permess u ta' kwalunkwe aġġornament sussegwenti;

(b) ir-raġunijiet li fuqhom tkun imsejsa d-deċiżjoni;

(c) ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet li saru qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni u spjegazzjoni ta' kif tqiesu f'dik id-deċiżjoni;

(d) it-titolu tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT rilevanti għall-installazzjoni jew l-attività kkonċernata;

(e) kif il-kondizzjonijiet għal permess imsemmija fl-Artikolu 14, inklużi l-valuri limitu tal-emissjonijiet ikunu ġew determinati f'relazzjoni mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli u l-livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli;

(f) meta tingħata deroga skont l-Artikolu 15(4), ir-raġunijiet speċifiċi għal dik id-deroga bbażati fuq il-kriterji stabbiliti f'dak il-paragrafu u l-kondizzjonijiet imposti;

3. L-awtorità kompetenti għandha wkoll tagħmel disponibbli għall-pubbliku, inkluż permezz tal-Internet u mill-inqas fir-rigward tal-punt (a):

(a) informazzjoni rilevanti dwar il-miżuri meħudin mill-operatur mal-waqfien definittiv tal-attivitajiet f'konformità mal-Artikolu 22;

(b) ir-riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet kif meħtieġ skont il-kondizzjonijiet għal permess u miżmumin mill-awtorità kompetenti.

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw suġġett għar-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva 2003/4/KE.

*Artikolu 25*

**Aċċess għall-ġustizzja**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, skont is-sistema legali nazzjonali rilevanti, il-membri tal-pubbliku interessati jkollhom aċċess għal proċedura ta' reviżjoni quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali ta' deċiżjonijiet, atti jew omissjonijiet suġġetti għall-Artikolu 24 meta titwettaq waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikollhom interess suffiċjenti;

(b) iżommu t-tnaqqir ta' dritt, meta l-liġi amministrattiva proċedurali ta' Stat Membru teħtieġ dan bħala prekondizzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu f'liema stadju jistgħu jiġu kkontestati d-deċiżjonijiet, l-atti jew l-omissjonijiet.

3. Dak li jikkostitwixxi interess suffiċjenti u tnaqqir ta' dritt għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, b'mod konsistenti mal-għan li jingħata aċċess għall-ġustizzja lill-pubbliku interessat.

Għal dan il-fini, l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-il-ħarsien ambjentali u li tissodisfa kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali għandu jitqies biżżejjed għall-għan tal-punt (a) tal-paragrafu 1.

Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet li huma kapaċi li jiġu mnaqqra għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 1.

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 m'għandhomx jeskludu l-possibbiltà ta' proċedura ta' reviżjoni preliminari quddiem awtorità amministrattiva u m'għandhomx jaffettwaw ir-rekwiżit tal-eżawriment tal-proċeduri tar-reviżjoni amministrattiva qabel ir-rikors għall-proċeduri tar-reviżjoni ġudizzjarja, meta jeżisti dan ir-rekwiżit taħt il-liġi nazzjonali.

Kwalunkwe proċedura bħal din għandha tkun ġusta, ekwa, f'waqtha u ma tiswiex tant li tkun projbittiva.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni prattika ssir disponibbli lill-pubbliku dwar l-aċċess għall-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji tar-reviżjoni.

*Artikolu 26*

**Effetti transkonfinali**

1. Meta Stat Membru jkun konxju li l-ħidma ta' installazzjoni x'aktarx li jkollha effetti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent ta' Stat Membru ieħor, jew meta Stat Membru li x'aktarx li jiġi affettwat b'mod sinifikanti hekk jitlob, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu kienet sottomessal-applikazzjoni għal permess skont l-Artikolu 4 jew l-Artikolu 20(2) għandu jibgħat lill-Istat Membru l-ieħor kwalunkwe informazzjoni meħtieġa li trid tingħata jew tkun magħmula disponibbli skont l-Anness IV fl-istess waqt li jagħmlu disponibbli lill-pubbliku.

Dik l-informazzjoni għandha sservi bħala bażi għal kwalunkwe konsultazzjoni meħtieġa fil-qafas tar-relazzjonijiet bilaterali bejn iż-żewġ Stati Membri fuq bażi reċiproka u ekwivalenti.

2. Fil-qafas tar-relazzjonijiet bilaterali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każijiet msemmijin fil-paragrafu 1, l-applikazzjonijiet jitqiegħdu wkoll għal perijodu xieraq ta' żmien għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tal-Istat Membru li x'aktarx jiġi affettwat sabiex dan ikollu d-dritt li jikkummenta dwarhom qabel ma l-awtorità kompetenti tasal għad-deċiżjoni tagħha.

3. Għandhom jitqiesu r-riżultati ta' kull konsultazzjoni skont il-paragrafi 1 u 2 meta l-awtorità kompetenti tasal għal deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

4. L-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lil kwalunkwe Stat Membru, li jkun ġie kkonsultat skont il-paragrafu 1 bid-deċiżjoni meħuda dwar l-applikazzjoni u għandha tibgħatlu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 24(2). Dak l-Istat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li din l-informazzjoni tiġi magħmula disponibbli b'mod xierqa lill-pubbliku interessat fit-territorju tiegħu nnifsu.

*Artikolu 27*

**Metodi tekniċi emerġenti**

1. L-Istati Membri għandhom, fejn adatt, jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' metodi tekniċi emerġenti, b'mod partikolari għal dawk il-metodi tekniċi emerġenti identifikati fid-dokumenti ta' referenza tal-BAT.

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi gwida biex tassisti lill-Istati Membri jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' metodi tekniċi emerġenti kif imsemmi fil-paragrafu 1.

KAPITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-IMPJANTI TA' KOMBUSTJONI**

*Artikolu 28*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan il-Kapitolu għandu japplika għall-impjanti ta' kombustjoni, li l-kapaċità termali kklassifikata totali tagħhom hija ugwali għal, jew ikbar minn, 50 MW, irrispettivament mit-tip ta' karburant użat.

Dan il-Kapitolu m'għandux japplika għall-impjanti ta' kombustjoni li ġejjin:

(a) impjanti fejn il-prodotti tal-kombustjoni huma użati biex isaħħnu direttament, inixxfu, jew xi trattament ieħor ta' oġġetti jew materjali;

(b) impjanti ta' post-kombustjoni disinjati biex jippurifikaw il-gassijiet tal-iskart bil-kombustjoni li mhumiex imħaddma bħala impjanti ta' kombustjoni indipendenti;

(c) faċilitajiet għar-riġenerazzjoni ta' katalizzaturi għall-qsim katalitiku;

(d) faċilitajiet għall-konverżjoni ta' sulfide tal-idroġenu f'kubrit;

(e) reatturi użati fl-industrija kimika;

(f) fran tat-tip coke battery;

(g) cowpers;

(h) kull apparat tekniku użat fil-propulsjoni ta' vettura, vapur jew ajruplan;

(i) turbini tal-gass u magni tal-gass użati fuq pjattaformi lil hinn mill-kosta;

(j) impjanti li jużaw kwalunkwe skart solidu jew likwidu bħala karburant minbarra l-iskart imsemmi fil-punt (b) tal-punt 31 tal-Artikolu 3.

*Artikolu 29*

**Regoli ta' aggregazzjoni**

1. Meta l-gassijiet ta' skart ta' żewġ impjanti ta' kombustjoni separati jew aktar, joħorġu minn ċumnija komuni, il-kombinazzjoni ffurmata minn dawn l-impjanti għandha titqies bħala impjant ta' kombustjoni uniku u jingħaddu l-kapaċitajiet tagħhom għall-finijiet li tiġi kkalkulata l-kapaċità termali kklassifikata totali.

2. Meta żewġ impjanti jew iktar ta' kombustjoni separati li nħarġilhom permess għall-ewwel darba fi jew wara l-1 ta' Lulju 1987, jew li l-operaturi tagħhom ippreżentaw applikazzjoni kompluta għal permess fi jew wara dik id-data, jiġu installati b'mod li, meta wieħed iqis il-fatturi tekniċi u ekonomiċi, il-gassijiet ta' skart tagħhom jistgħu fil-ġudizzju tal-awtorità kompetenti, ikunu skarikati permezz ta' ċumnija komuni, il-kombinazzjoni ffurmata minn dawn l-impjanti għandha titqies bħala impjant ta' kombustjoni uniku u jingħaddu l-kapaċitajiet tagħhom għall-finijiet li tiġi kkalkulata l-kapaċità termali kklassifikata totali.

3. Għall-finijiet li tiġi kkalkulata l-kapaċità termali kklassifikata totali ta' kombinazzjoni ta' impjanti ta' kombustjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2, m'għandhomx ikunu kkunsidrati impjanti individwali ta' kombustjoni b'kapaċità termali kklassifikata taħt il-15-il MW.

*Artikolu 30*

**Valuri limitu tal-emissjonijiet**

1. Gassijiet ta' skart minn impjanti tal-kombustjoni għandhom jiġu mneħħija b'mod kontrollat permezz ta' ċumnija, li jkollha tromba jew tnejn, li l-għoli tagħha jkun kalkulat b'mod li jħares is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.

2. Il-permessi kollha għall-installazzjonijiet li għandhom impjanti ta' kombustjoni li ngħataw permess qabel is-7 ta' Jannar 2013, jew li l-operaturi tagħhom ippreżentaw applikazzjoni kompluta għal permess qabel dik id-data, bil-kondizzjoni li dawn l-impjanti jibdew jitħaddmu mhux aktar tard mis-7 ta' Jannar 2014, għandhom jinkludu kondizzjonijiet li jiżguraw li l-emissjonijiet fl-arja minn dawn l-impjanti ma jaqbżux il-valuri limitu tal-emissjonijiet imniżżla fil-Parti 1 tal-Anness V.

Il-permessi kollha għal installazzjonijiet li jinkludu impjanti ta' kombustjoni li kienu ngħataw eżenzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/80/KE u li jitħaddmu wara l-1 ta' Jannar 2016, għandhom jinkludu kondizzjonijiet li jiżguraw li l-emissjonijiet fl-arja minn dawn l-impjanti ma jaqbżux il-valuri limitu tal-emissjonijiet imniżżla fil-Parti 2 tal-Anness V.

3. Il-permessi kollha għall-installazzjonijiet li għandhom impjanti ta' kombustjoni mhux koperti mill-paragrafu 2 għandhom jinkludu kondizzjonijiet li jiżguraw li l-emissjonijiet lejn l-ajru minn dawn l-impjanti ma jaqbżux il-valuri limitu tal-emissjonijiet imniżżla fil-Parti 2 tal-Anness V.

4. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet li jinsabu fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness V kif ukoll ir-rati minimi tat-tneħħija tal-kubrit stabbiliti fil-Parti 5 ta' dak l-Anness għandhom japplikaw għall-emissjonijiet ta' kull ċumnija komuni u fir-rigward tal-kapaċità termali kklassifikata totali tal-impjant ta' kombustjoni. Fejn l-Anness V jipprevedi li l-valuri limitu tal-emissjonijiet jistgħu jiġu applikati għal Parti ta' impjant ta' kombustjoni b'għadd limitat ta' sigħat ta' tħaddim, dawk il-valuri limitu għandhom japplikaw għall-emissjonijiet ta' dik il-Parti tal-impjant, iżda għandhom jiġu stabbiliti relattivament għall-kapaċità termali kklassifikata totali tal-impjant ta' kombustjoni kollu.

5. L-awtorità kompetenti tista' tagħti deroga għal massimu ta' sitt xhur mill-obbligu ta' konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet previsti fil-paragrafi 2 u 3 għad-diossidu tal-kubrit fir-rigward ta' impjant ta' kombustjoni li għal dan l-iskop normalment juża karburant ta' kubrit baxx, f'każijiet fejn l-operatur ma jistax jikkonforma ma' dawk il-valuri limitu minħabba interruzzjoni fil-forniment ta' karburant ta' kubrit baxx kawżat minn nuqqas serju.

L-Istati Membri għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni b'kull deroga mogħtija taħt l-ewwel suparagrafu.

6. L-awtorità kompetenti tista' tagħti deroga mill-obbligu ta' konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet previsti fil-paragrafi 2 u 3 f'każijiet fejn impjant ta' kombustjoni li juża biss karburant ta' gass, f'każ eċċezzjonali, irid idur għall-użu ta' karburanti oħra minħabba interruzzjoni f'daqqa fil-forniment tal-gass u għal din ir-raġuni jkollu bżonn ikun mgħammar b'faċilità ta' purifikazzjoni ta' gass ta' skart. Il-perijodu li għalih tingħata deroga bħal din m'għandux jaqbeż l-10 ijiem ħlief fejn ikun hemm bżonn urġenti li jinżammu l-provvisti tal-enerġija.

L-operatur għandu minnufih jgħarraf lill-awtorità kompetenti b'kull każ speċifiku msemmi fl-ewwel subparagrafu

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni immedjatament b'kull deroga mogħtija taħt l-ewwel subparagrafu.

7. Meta impjant tal-kombustjoni jkun estiż, il-valuri limitu tal-emissjonijiet imniżżla fil-Parti 2 tal-Anness V għandhom japplikaw għall-Parti estiża tal-impjant affettwata minn din il-bidla u għandhom jiġu stabbiliti skont il-kapaċità termali kklassifikata totali tal-impjant ta' kombustjoni kollu. Fil-każ ta' bidla magħmula lil impjant ta' kombustjoni, li jista' jkollha konsegwenzi fuq l-ambjent u li qed taffettwa parti tal-impjant b'kapaċità termali kklassifikata ta' 50 MW jew aktar, il-valuri limitu tal-emissjonijiet kif stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness V għandhom japplikaw għall-parti tal-impjant li nbidlet fir-rigward tal-kapaċità termali kklassifikata totali tal-impjant ta' kombustjoni kollu.

8. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet imniżżla fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness V m'għandhomx japplikaw għall-impjanti ta' kombustjoni li ġejjin:

(a) magni bid-diżil;

(b) bojlers ta' rkupru fl-installazzjonijiet għall-produzzjoni tal-polpa.

9. Għall-impjanti ta' kombustjoni li ġejjin, abbażi tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-ħtieġa li jiġu stabbiliti valuri limitu tal-emissjonijiet madwar l-Unjoni u biex jiġu emendati l-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness V għal:

(a) l-impjanti ta' kombustjoni msemmijin fil-paragrafu 8;

(b) l-impjanti ta' kombustjoni fir-raffineriji alimentati mir-residwi ta' distillazzjoni u konverżjoni mir-raffinar ta' żejt mhux raffinat għall-konsum tagħhom stess, waħdu jew ma' karburanti oħrajn, b'kont meħud tal-ispeċifiċità tas-sistemi ta' enerġija tar-raffineriji;

(c) l-impjanti ta' kombustjoni alimentati minn gassijiet li mhumiex gass naturali;

(d) l-impjanti ta' kombustjoni fl-installazzjonijiet kimiċi li jużaw residwi ta' produzzjoni likwidi bħala karburant mhux kummerċjali għall-konsum proprju.

Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2013, tirrapporta r-riżultati ta' din ir-reviżjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill akkumpanjati, jekk adatt, bi proposta leġiżlattiva.

*Artikolu 31*

**Rata tat-tneħħija tal-kubrit**

1. Għall-impjanti ta' kombustjoni alimentati b'karburant solidu indiġenu, li ma jistgħux jikkonformaw mal-valuri limitu tal-emissjonijiet għad-diossidu tal-kubrit, imsemmi fl-Artikolu 30(2) u (3) minħabba l-karatteristiċi ta' dan il-karburant, l-Istati Membri jistgħu japplikaw minflok ir-rati minimi tat-tneħħija tal-kubrit stabbiliti fil-Parti 5 tal-Anness V, skont ir-regoli ta' konformità stabbiliti fil-Parti 6 ta' dak l-Anness u b'validazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti tar-rapport tekniku msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 72(4).

2. Għal impjanti ta' kombustjoni alimentati b'karburant solidu indiġenu, li qed jagħmlu ko-inċinerazzjoni tal-iskart, u li ma jistgħux jikkonformaw mal-valuri $C_{proc}$ għad-dijossidu tal-kubrit stipulati fil-punti 3.1 jew 3.2 tal-Parti 4 tal-Anness VI minħabba fil-karatteristiċi tal-karburant solidu indiġenu, l-Istati Membri jistgħu, minflok, japplikaw ir-rati minimi tat-tneħħija tal-kubrit stipulati fil-Parti 5 tal-Anness V, skont ir-regoli ta' konformità stabbiliti fil-Parti 6 ta' dak l-Anness. Jekk l-Istati Membri jagħżlu li japplikaw dan il-paragrafu, $C_{skart}$ kif imsemmi fil-punt 1 tal-Parti 4 tal-Anness VI għandu jkun ugwali għal 0 mg/$Nm^3$.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-possibbiltà tal-applikazzjoni tar-rati minimi ta' tneħħija tal-kubrit stabbiliti fil-Parti 5 tal-Anness V, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari. l-aħjar metodi tekniċi disponibbli u l-benefiċċji miksuba minn emissjonijiet imnaqqsa ta' dijossidu tal-kubrit.

*Artikolu 32*

**Pjan Nazzjonali Transitorju**

1. Matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2016 sat-30 ta' Ġunju 2020, l-Istati Membri jistgħu jfasslu u jimplimentaw pjan nazzjonali transitorju li jkopri impjanti ta' kombustjoni li ngħataw l-ewwel permess qabel is-27 ta' Novembru 2002 jew li l-operaturi tagħhom kienu ppreżentaw applikazzjoni kompluta għal permess qabel dik id-data, bil-kondizzjoni li l-impjant ma bediex jopera aktar tard mis-27 ta' Novembru 2003. Għal kull impjant ta' kombustjoni kopert mill-pjan, il-pjan għandu jkopri emissjonijiet ta' waħda jew aktar mis-sustanzi li jniġġsu li ġejjin: ossidi tan-nitroġenu, diossidu tal-kubrit u trab. Għat-turbini tal-gass, l-emissjonijiet tal-ossidu tan-nitroġenu biss għandhom ikunu koperti mill-pjan.

Il-pjan nazzjonali transitorju m'għandux jinkludi kwalunkwe mill-impjanti ta' kombustjoni li ġejjin:

(a) dawk li għalihom japplika l-Artikolu 33(1);

(b) dawk f'raffineriji alimentati minn gassijiet kalorifiċi baxxi mill-gassifikazzjoni ta' residwi ta' raffineriji jew ir-residwi ta' distillazzjoni u konverżjoni mir-raffinar ta' żejt mhux raffinat għall-konsum tagħhom stess, waħdu jew ma' karburanti oħrajn;

(c) dawk li għalihom japplika l-Artikolu 35;

(d) dawk li jingħataw eżenzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/80/KE.

2. L-impjanti ta' kombustjoni koperti mill-pjan jistgħu jiġu eżentati mill-konformità mal-valuri għal-limitu ta' emissjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 30(2) għas-sustanzi li jniġġsu li huma suġġetti għall-pjan jew, fejn applikabbli, mar-rati tat-tneħħija tal-kubrit imsemmijin fl-Artikolu 31.

Il-valuri limitu tal-emissjonijiet għad-diossidu tal-kubrit, l-ossidi tan-nitroġenu u trab imniżżlin fil-permess tal-impjant ta' kombustjoni applikabbli fil-31 ta' Diċembru 2015, skont b'mod partikolari r-rekwiżiti tad-Direttivi 2001/80/KE u 2008/1/KE, għandhom mill-inqas jinżammu.

L-impjanti ta' kombustjoni b'input termiku kkwalifikat totali ta' aktar minn 500 MW alimentati minn karburanti solidi, li ngħataw l-ewwel permess wara l-1 ta' Lulju 1987, għandhom jikkonformaw mal-valuri limitu tal-emissjonijiet għall-ossidi tan-nitroġenu stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness V.

3. Għal kull waħda mis-sustanzi li jniġġsu li huwa jkopri, il-pjan nazzjonali transitorju għandu jistabbilixxi limitu li jiddefinixxi l-emissjonijiet totali massimi ta' kull sena għall-impjanti kollha koperti mill-pjan abbażi tal-input termali kkwotat totali ta' kull impjant fil-31 ta' Diċembru 2010, is-sigħat tiegħu ta' tħaddim annwali attwali u l-użu tiegħu ta' karburant, bil-medja tal-aħħar għaxar snin ta' tħaddim sal-2010 u inkluża l-2010.

Il-limitu għas-sena 2016 għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-valuri limitu ta' emissjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Annessi III sa VII għad-Direttiva 2001/80/KE jew, fejn applikabbli, abbażi tar-rati tat-tneħħija tal-kubrit stabbiliti fl-Anness III għad-Direttiva 2001/80/KE. Fil-każ tat-turbini tal-gass, għandhom jintużaw il-valuri limitu ta' emissjonijiet għall-ossidi tan-nitroġenu stabbiliti għal impjanti bħal dawn fil-Parti B tal-Anness VI għad-Direttiva 2001/80/KE. Il-limiti għas-snin 2019 u 2020 għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-valuri limitu ta' emissjonijiet rilevanti stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness V għal din id-Direttiva jew, fejn applikabbli, ir-rati tat-tneħħija tal-kubrit rilevanti stabbiliti fil-Parti 5 tal-Anness V għal din id-Direttiva. Il-limiti għas-snin 2017 u 2018 għandhom jiġu stabbiliti b'mod li jipprovdu tnaqqis lineari tal-limiti bejn l-2016 u l-2019.

Fejn impjant inkluż fil-pjan nazzjonali transitorju jingħalaq jew ma jaqax aktar fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu III, dan m'għandux jirriżulta f'żieda f'emissjonijiet totali annwali mill-impjanti li jifdal koperti mill-pjan.

4. Il-pjan nazzjonali transitorju għandu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar li jikkonformaw mar-regoli implimentattivi stabbiliti skont il-punt (b) tal-Artikolu 41, kif ukoll il-miżuri previsti għal kull wieħed mill-impjanti sabiex tiġi żgurata konformità f'waqtha mal-valuri limitu tal-emissjonijiet li ser japplikaw mill-1 ta' Lulju 2020.

5. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw il-pjani nazzjonali transitorji tagħhom lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2013.

Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-pjanijiet u, fejn il-Kummissjoni ma tkun qajmet l-ebda oġġezzjoni fi żmien 12-il xahar minn meta tirċievi l-pjan, l-Istat Membru kkonċernat għandu jqis il-pjan tiegħu bħala wieħed li jkun ġie aċċettat.

Meta l-Kummissjoni tqis li l-pjan ma jkunx skont ir-regoli implimentattivi stabbiliti f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 41, hija għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat li l-pjan tiegħu ma jistax jiġi aċċettat. Fir-rigward tal-evalwazzjoni ta' verżjoni ġdida ta' pjan li Stat Membru jikkomunika lill-Kummissjoni, il-perijodu ta' żmien imsemmi fit-tieni subparagrafu għandu jkun ta' sitt xhur.

6. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla sussegwenti għall-pjan.

*Artikolu 33*

**Deroga għal tul ta' ħajja limitat**

1. Matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2023, l-impjanti ta' kombustjoni jistgħu jiġu eżentati mill-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 30(2) u mar-rati tat-tneħħija tal-kubrit imsemmijin fl-Artikolu 31, fejn applikabbli, u mill-inklużjoni tagħhom fil-pjan nazzjonali transitorju msemmi fl-Artikolu 32 bil-kondizzjoni li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-operatur tal-impjant ta' kombustjoni jimpenja ruħu, f'dikjarazzjoni bil-miktub ippreżentata sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2014 lill-awtorità kompetenti, li ma jħaddimx l-impjant għal aktar minn 17 500 siegħa ta' tħaddim, li jibdew mill-1 ta' Jannar 2016 u jispiċċaw mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023;

(b) kull sena l-operatur huwa meħtieġ jippreżenta lill-awtorità kompetenti reġistru tal-għadd ta' sigħat ta' tħaddim mill-1 ta' Jannar 2016;

(c) il-valuri limitu tal-emissjonijiet għad-diossidu tal-kubrit, l-ossidi tan-nitroġenu u trab imniżżlin fil-permess tal-impjant ta' kombustjoni applikabbli fil-31 ta' Diċembru 2015, skont b'mod partikolari r-rekwiżiti tad-Direttivi 2001/80/KE u 2008/1/KE, għandhom mill-inqas jinżammu matul il-ħajja operattiva li jkun għad fadal tal-impjant ta' kombustjoni. L-impjanti ta' kombustjoni b'input termiku kkwalifikat totali ta' aktar minn 500 MW alimentati minn karburanti solidi, li ngħataw l-ewwel permess wara l-1 ta' Lulju 1987, għandhom jikkonformaw mal-valuri limitu tal-emissjonijiet għall-ossidi tan-nitroġenu stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness V; u

(d) l-impjant ta' kombustjoni ma ngħatax eżenzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/80/KE.

2. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2016, kull Stat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni lista ta' kwalunkwe impjant ta' kombustjoni li għalih japplika l-paragrafu 1, inkluż il-kapaċità termali kklassifikat totali tiegħu, it-tipi ta' karburanti użati u l-valuri limitu tal-emissjonijiet applikabbli għad-diossidu tal-kubrit, l-ossidu tan-nitroġenu u trab. Għal impjanti suġġetti għall-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw kull sena lill-Kummissjoni reġistru tal-għadd ta' sigħat ta' tħaddim mill-1 ta' Jannar 2016.

3. Fil-każ ta' impjant ta' kombustjoni, li fis-6 ta' Jannar 2011, kien parti minn sistema iżolata żgħira u li f'dik id-data kien jammonta għal ta' mill-inqas 35 % tal-provvista tal-elettriku f'dik is-sistema, li minħabba l-karatteristiċi tekniċi tiegħu ma jistax jikkonforma mal-valuri limitu tal-emissjonijiet imsemmijin fil-Artikolu 30(2), l-għadd ta' sigħat ta' tħaddim imsemmijin fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkun ta' 18 000, li jibda mill-1 ta' Jannar 2020 u li jispiċċa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023, u d-data msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 u l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tkun l-1 ta' Jannar 2020.

4. Fil-każ ta' impjant ta' kombustjoni b'input termiku kkwalifikat totali ta' aktar minn 1 500 MW li beda jitħaddem qabel il-31 ta' Diċembru 1986 u alimentat minn karburant solidu indiġenu b'valur kalorifiku nett ta' inqas minn 5 800 kJ/kg, b'kontenut kalorifiku nett ogħla minn 45 % bil-piż, b'kontenut ikkombinat ta' rtuba u rmied ogħla minn 60 % bil-piż u kontenut tal-ossidu tal-kalċju fl-irmied akbar minn 10 %, l-għadd ta' siegħat ta' tħaddim imsemmijin fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu jkun ta' 32 000.

*Artikolu 34*

**Sistemi iżolati żgħar**

1. Sal 31 ta' Diċembru 2019, l-impjanti ta' kombustjoni li, fis-6 ta' Jannar 2011, ikunu Parti minn sistema iżolata żgħira jistgħu jiġu eżentati mill-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 30(2) u r-rati tat-tneħħija tal-kubrit imsemmijin fl-Artikolu 31, fejn applikabbli. Sal-31 ta' Diċembru 2019, il-valuri limitu tal-emissjonijiet imniżżlin fil-permessi ta' dawn l-impjanti ta' kombustjoni, skont b'mod partikolari r-rekwiżiti tad-Direttivi 2001/80/KE u 2008/1/KE, għandhom tal-inqas jinżammu.

2. L-impjanti ta' kombustjoni b'input termiku kkwalifikat totali ta' aktar minn 500 MW alimentati minn karburanti solidi, li ngħataw l-ewwel permess wara l-1 ta' Lulju 1987, għandhom jikkonformaw mal-valuri limitu tal-emissjonijiet għall-ossidi tan-nitroġenu stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness V.

3. Meta fit-territorju ta' Stat Membru hemm impjanti ta' kombustjoni koperti minn dan il-Kapitolu li huma parti minn sistema iżolata żgħira, dak l-Istat Membru għandu jirrapporta lill-Kummissjoni, qabel is-7 ta'Jannar 2013 lista ta' dawk l-impjanti ta' kombustjoni, il-konsum totali tal-enerġija annwali tas-sistema iżolata żgħira u l-ammont ta' enerġija miksuba permezz ta' interkonnessjoni ma' sistemi oħrajn.

*Artikolu 35*

**Impjanti tat-tisħin distrettwali**

1. Sal-31 ta' Diċembru 2022, impjant ta' kombustjoni jista' jiġi eżentat mill-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 30(2) u r-rati tat-tneħħija tal-kubrit imsemmijin fl-Artikolu 31 bil-kondizzjoni li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-input termali kklassifikat totali tal-impjant ta' kombustjoni ma jaqbiżx il-200 MW;

(b) l-impjant kien ingħata l-ewwel permess qabel is-27 ta' Novembru 2002 jew li l-operatur ta' dak l-impjant kien ippreżenta applikazzjoni kompluta għall-permess qabel dik id-data, bil-kondizzjoni li l-impjant beda jitħaddem mhux aktar tard mis-27 ta' Novembru 2003;

(c) mill-inqas 50 % tal-produzzjoni tas-sħana utli tal-impjant, bħala medja attwali matul perijodu ta' ħames snin, titwassal fil-forma ta' fwar jew misħun lil netwerk pubbliku għat-tisħin distrettwali; u

(d) il-valuri limitu tal-emissjonijiet għad-diossidu tal-kubrit, l-ossidu tan-nitroġenu u trab imniżżlin fil-permess tiegħu applikabbli fil-31 ta' Diċembru 2015, skont b'mod partikolari r-rekwiżiti tad-Direttivi 2001/80/KE u2008/1/KE, jinżammu mill-inqas sal-31 ta' Diċembru 2022.

2. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2016, kull Stat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni lista ta' kwalunkwe impjant ta' kombustjoni li għalih japplika l-paragrafu 1, inkluż il-kapaċità termali kklassifikat totali tiegħu, it-tipi ta' karburanti użati u l-valuri limitu tal-emissjonijiet applikabbli għad-diossidu tal-kubrit, l-ossidu tan-nitroġenu u trab. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom, għal kwalunkwe impjant ta' kombustjoni li għalih japplika l-paragrafu 1 u matul il-perijodu msemmi f'dak il-paragrafu, jinforma lill-Kummissjoni annwalment dwar il-proporzjon ta' produzzjoni ta' sħana utli ta' kull impjant li titwassal fil-forma ta' fwar jew misħun lil netwerk pubbliku għat-tisħin distrettwali, espress bħala medja rikorrenti matul il-ħames snin preċedenti.

*Artikolu 36*

**Ħżin ġeoloġiku ta' diossidu tal-karbonju**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi talimpjanti kollha ta' kombustjoni b'output elettriku kklassifikat ta' 300 megawatts jew aktar li għalihom il-liċenzja oriġinali għall-kostruzzjoni jew, fin-nuqqas ta' tali proċedura, il-liċenzja oriġinali għat-tħaddim tingħata wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewopew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku ta' diossidu tal-karbonju [1], ivvalutaw jekk ġewx sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) siti adatti għall-ħżin huma disponibbli,

(b) il-faċilitajiet ta' trasport huma fattibbli teknikament u ekonomikament,

(c) huwa fattibbli teknikament u ekonomikament li jsiru modifiki għall-qbid ta' diossidu tal-karbonju.

2. Jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li fis-sit tal-installazzjoni għandu jkun hemm spazju adatt għat-tagħmir meħtieġ biex jinqabad u jiġi ppressat id-diossidu tal-karbonju. L-awtorità kompetenti għandha tiddetermina jekk il-kondizzjonijiet intlaħqux abbażi tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u informazzjoni disponibbli oħra, b'mod partikolari rigward il-protezzjoni tal-ambjent u s-saħħa tal-bniedem.

*Artikolu 37*

**Ħsara jew waqfien tat-tagħmir ta' tnaqqis**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ssir dispożizzjoni filpermessi għal proċeduri li għandhom x'jaqsmu ma' ħsara jew waqfien tat-tagħmir għat-tnaqqis.

2. Fil-każ ta' waqfien, l-awtorità kompetenti għandha teħtieġ li l-operatur inaqqas jew jagħlaq l-operazzjonijiet jekk fi żmien 24 siegħa ma jirritornax għal tħaddim normali, jew li jopera l-impjant bl-użu ta' karburanti li jniġġsu anqas.

L-operatur għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti fi żmien 48 siegħa wara l-ħsara jew il-waqfien tat-tagħmir għat-tnaqqis.

It-tul kumulattiv ta' tħaddim mhux imnaqqas m'għandux jaqbeż il-120 siegħa fi kwalunkwe perijodu ta' 12-il xahar.

L-awtorità kompetenti tista' tagħti deroga mil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel u t-tielet subparagrafi f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) ikun hemm bżonn kbir li jkunu miżmuma l-provvisti tal-enerġija;

(b) l-impjant ta' kombustjoni li jieqaf ikun sostitwit għal perijodu limitat minn impjant ieħor li jikkawża żieda globali fl-emissjonijiet.

*Artikolu 38*

**Monitoraġġ ta' emissjonijiet fl-arja**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitwettaq il-monitoraġġ ta' sustanzi li jniġġsu l-ajru, skont il-Parti 3 tal-Anness V.

2. L-installazzjoni u l-funzjonament tat-tagħmir awtomatizzat tal-monitoraġġ għandhom ikunu suġġetti għall-kontroll u għal testijiet annwali ta' sorveljanza kif stabbilit fil-Parti 3 tal-Anness V.

3. L-awtorità kompetenti għandha tiddetermina il-lok tal-punti tat-teħid ta' kampjuni jew kejl li għandhom jintużaw għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet.

4. Ir-riżultati kollha tal-monitoraġġ għandhom ikunu rreġistrati, ipproċessati u ppreżentati b' tali mod li l-awtorità tkun tista' tivverifika l-qbil mal-kondizzjonijiet tal-ħidma u mal-valuri limitu tal-emissjonijiet li huma inklużi fil-permess.

*Artikolu 39*

**Konformità mal-limitu tal-emissjonijiet**

Il-valuri limitu tal-emissjonijiet għall-arja għandhom jitqiesu mħarsa jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Parti 4 tal-Anness V huma sodisfatti.

*Artikolu 40*

**Impjanti ta' kombustjoni multi-karburant**

1. Fil-każ ta' impjant ta' kombustjoni multi-karburant li jinvolvi l-użu simultanju ta' żewġ karburanti jew iktar, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-valuri limitu tal-emissjonijiet skont il-passi li ġejjin:

(a) billi jittieħed il-valur limitu tal-emissjonijiet rilevanti għal kull karburant u sustanza li tniġġes individwali li jikkorrispondi għall-kapaċità termali kkwalifikata totali tal-impjant ta' kombustjoni sħiħ kif stabbilit fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness V;

(b) billi jiġu ddeterminati l-valuri limitu tal-emissjonijiet skont il-karburant, li jinkisbu bil-multiplikazzjoni tal-valuri limitu tal-emissjonijiet individwali msemmija fil-punt (a) bl-input termiku mogħti minn kull karburant, bir-riżultat talmultiplikazzjoni jkun diviż bis-somma tal-inputs termiċi mogħtija mill-karburanti kollha;

(c) billi jiġu aggregati l-valuri limitu tal-emissjonijiet b'koeffiċjent korrettiv skont il-karburant.

(1) ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114.

2. Fil-każ tal-impjanti ta' kombustjoni multi-karburant koperti bl-Artikolu 30(2), li jużaw ir-residwi ta' distillazzjoni u konverżjoni mir-raffinar ta' żejt mhux raffinat għall-konsum tagħhom stess, waħdu jew ma' karburanti oħrajn, jistgħu jiġu applikati l-valuri limitu tal-emissjonijiet li ġejjin minflok il-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti skont il-paragrafu 1:

(a) fejn, matul it-tħaddim tal-impjant ta' kombustjoni, il-proporzjon ikkontribwit mill-karburant determinanti lis-somma tal-inputs termiċi mogħtija mill-karburanti kollha hija ta' 50 % jew aktar, il-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness V għall-karburant determinanti;

(b) fejn il-proporzjon ikkontribwit mill-karburant determinanti lis-somma tal-inputs termiċi mogħtija mill-karburanti kollha hija anqas minn 50 %, il-valur limitu tal-emissjonijiet iddeterminat skont il-passi li ġejjin:

(i) billi jittieħdu l-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness V għal kull karburant użat, korrispondenti għall-input termiku kkwalifikat totali tal-impjant ta' kombustjoni;

(ii) billi jiġi kkalkulat il-valur limitu tal-emissjonijiet tal-karburanti determinanti billi timmultiplika l-valur limitu tal-emissjonijiet, iddeterminat għal dak il-karburant skont il-punt (i), b'fattur ta' tnejn, u tnaqqas minn dan il-prodott il-valur limitu tal-emissjonijiet tal-karburant użat li għandu l-anqas valur limitu tal-emissjonijiet kif stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness V, korrispondenti għall-input termiku kkwalifikat totali tal-impjant ta' kombustjoni;

(iii) billi jiġi determinat il-valur limitu tal-emissjonijiet skont il-karburant għal kull karburant użat billi timmultiplika l-valur limitu tal-emissjonijiet iddeterminat taħt il-punti (i) u (ii) bl-input termali tal-karburant ikkonċernat u billi tiddiviedi l-prodott ta' din il-multiplikazzjoni bis-somma tal-inputs termiċi mogħtija mill-karburanti kollha;

(iv) billi jiġu aggregati l-valuri tal-limiti ta' emissjonijiet skont il-karburant iddeterminati taħt il-punt (iii).

3. Fil-każ tal-impjanti ta' kombustjoni multi-karburant koperti bl-Artikolu 30(2), li qed jużaw ir-residwi ta' distillazzjoni u konverżjoni mir-raffinar ta' żejt mhux raffinat għall-konsum tagħhom stess, waħdu jew ma' karburanti oħrajn, jistgħu jiġu applikati l-valuri limitu medji tal-emissjonijiet għad-diossidu tal-kubrit stabbiliti fil-Parti 7 tal-Anness V minflok il-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti skont il-paragrafi 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 41*

**Regoli implimentattivi**

Għandhom jiġu stabbiliti regoli implimentattivi dwar:

(a) id-determinazzjoni tal-perijodi tal-bidu u tat-tmiem imsemmijin fil-punt 27 tal-Artikolu 3 u fil-punt 1 tal-Parti 4 tal-Anness V; u

(b) il-pjani transitorji nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 32 u, b'mod partikolari, il-ħolqien ta' limiti massimi tal-emissjonijiet u l-monitoraġġ u r-rappurtar relatati.

Dawk ir-regoli implimentattivi għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 75(2). Il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti adatti mhux aktar tard mis-7 ta'Lulju 2011.

KAPITOLU IV

**DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-IMPJANTI TA' INĊINERAZZJONI TAL-ISKART U L-IMPJANTI TA' KOINĊINERAZZJONI TAL-ISKART**

*Artikolu 42*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan il-Kapitolu għandu japplika għall-impjanti ta' inċinerazzjoni tal-iskart jew ta' koinċinerazzjoni tal-iskart li jinċineraw jew jikkoinċineraw skart solidu jew likwidu.

Dan il-Kapitolu m'għandux japplika għall-impjanti ta' gassifikazzjoni jew ta' pirolisi, jekk il-gassijiet li jirriżultaw minn dan it-trattament termali tal-iskart huma ppurifikati sal-punt li huma m'għadhomx aktar skart qabel l-inċinerazzjoni tagħhom u dawn jistgħu jikkawżaw emissjonijiet li ma jkunux ogħla minn dawk li jirriżultaw mill-ħruġ ta' gass naturali.

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu impjanti ta' inċinerazzjoni tal-iskart u impjanti ta' koinċinerazzjoni tal-iskart għandhom jinkludu l-linji kollha tal-inċinerazzjoni jew il-linji ta' koinċinerazzjoni, il-post fejn jintefa' l-iskart, il-ħżin, il-faċilitajiet ta' trattament minn qabel fuq is-sit, sistemi ta' provvista tal-iskart, tal-karburant u tal-arja, bojlers, faċilitajiet għat-trattamenti tal-gassijiet skart, faċilitajiet fuq is-sit għat-trattament jew ħżin tar-residwi u ta' dranaġġ, ċmieni, apparat u sistemi għall-kontroll ta' operazzjonijiet tal-inċinerazzjoni jew tal-koinċinerazzjoni, ir-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ tal-kondizzjonijiet tal-inċinerazzjoni jew tal-koinċinerazzjoni.

Jekk jiġu applikati proċessi minbarra l-ossidazzjoni, bħall-pirolisi, il-gassifikazzjoni jew il-proċess tal-plażma, għat-trattament termali tal-iskart, l-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew l-impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart għandu jinkludi kemm il-proċess ta' trattament termali kif ukoll il-proċess ta' inċinerazzjoni sussegwenti.

Jekk il-koinċinerazzjoni tal-iskart isseħħ b'tali mod li l-iskop ewlieni tal-impjant mhuwiex il-ġenerazzjoni tal-enerġija jew il-produzzjoni ta' prodotti materjali iżda aktar it-trattament termali tal-iskart, l-impjant għandu jitqies bħala impjant ta' inċinerazzjoni tal-iskart.

2. Dan il-Kapitolu m'għandux japplika għall-impjanti li ġejjin:

(a) impjanti li jittrattaw biss dan l-iskart li ġej:

(i) skart elenkat fil-punt (b) tal-punt 31 tal-Artikolu 3;

(ii) skart radjuattiv;

(iii) karkassi ta' annimali kif regolat mir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman [1];

[1] ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

(iv) skart li jirriżulta minn esplorazzjoni għal, u esplojtazzjoni ta', riżorsi ta' żjut u gass minn installazzjonijiet lilhinn mill-kosta u inċinerati abbord l-installazzjonijiet;

(b) impjanti tal-esperimenti li huma użati għar-riċerka, l-iżvilupp u l-ittestjar sabiex b'hekk ikun jista' jitjieb il-proċess ta' inċinerazzjoni u li jitrattaw anqas minn 50 tunnellata metrika ta' skart kull sena.

*Artikolu 43*

**Definizzjoni ta' residwu**

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "residwu" għandha tfisser kwalunkwe skart likwidu jew solidu li huwa ġġenerat minn impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart.

*Artikolu 44*

**Applikazzjonijiet għal permessi**

Applikazzjoni għal permess għal impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew tal-koinċinerazzjoni tal-iskart għandu jinkludi deskrizzjoni tal-miżuri li huma maħsuba li jiggarantixxu li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-impjant huwa mfassal, mgħammar u ser jinżamm u jiġi mħaddem b'mod li r-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu jiġu sodisfatti, filwaqt li jitqiesu l-kategoriji tal-iskart li għandu jiġi inċinerat jew koinċinerat;

(b) is-sħana ġġenerata waqt il-proċess tal-inċinerazzjoni u koinċinerazzjoni tiġi miġbura kemm-il darba jkun prattikabbli permezz tal-ġenerazzjoni tas-sħana, tal-fwar jew tal-enerġija elettrika;

(c) ir-residwi jitnaqqsu fl-ammont u fil-ħsara tagħhom u jiġu riċiklati fejn xieraq;

(d) ir-rimi tar-residwi li ma jistgħux jiġu mħarsa, imnaqqsa jew riċiklati għandhom jiġu mwettqa bi qbil mal-liġi nazzjonali u mal-liġi tal-Unjoni.

*Artikolu 45*

**Kondizzjonijiet tal-permess**

1. Il-permess għandu jinkludi dan li ġej:

(a) lista tat-tipi kollha ta' skart li jistgħu jiġu ttrattati li juża mill-inqas, it-tipi ta' skart stabbiliti fil-Lista Ewropea tal-Iskart stabbilita mid-Deċiżjoni 2000/532/KE, jekk possibbli, u li jkun fih informazzjoni dwar il-kwantità ta' kull tip ta' skart, fejn xieraq;

(b) il-kapaċità totali tal-iskart li l-impjant jista' jinċinera jew jikkoinċinera;

(c) il-valuri limitu tal-emissjonijiet għall-emissjonijiet fl-arja u fl-ilma;

(d) ir-rekwiżiti għall-pH, it-temperatura u l-fluss tal-iskariki tad-dranaġġ;

(e) il-proċeduri u l-frekwenzi tal-kampjunament u l-kejl użati biex ikun hemm konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet;

(f) il-perijodu massimu permissibbli ta' kull tip ta' twaqqif tekniku inevitabbli, disturbanzi, jew waqfien tal-apparat ta' purifikazzjoni jew l-apparat ta' kejl, li matulu l-emissjonijiet fl-arja u l-iskariki tad-dranaġġ jistgħu jaqbżu l-valuri limitu tal-emissjonijiet preskritti.

2. Flimkien mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, il-permess maħruġ lil impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew koinċinerazzjoni tal-iskart li juża l-iskart perikoluż, għandu jinkludi dan li ġej:

(a) lista tal-kwantitajiet tal-kategoriji differenti tal-iskart perikoluż li jista' jiġi ttrattat;

(b) il-flussi minimi u massimi tal-massa tal-iskart perikoluż, l-inqas u l-ogħla valuri kalorifiċi u l-kontenuti massimi ta' bifenili poliklorinati, pentaklorofenol, klorin, florin, kubrit, u metalli tqal u sustanzi oħra li jniġġsu.

3. L-Istati Membri jistgħu jelenkaw il-kategoriji tal-iskart li għandhom jiġu inklużi fil-permess li jistgħu jiġu koinċinerati f'ċerti kategoriji ta' impjanti tal-koinċinerazzjoni tal-iskart.

4. L-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra perijodikament u, fejn neċessarju, taġġorna l-kondizzjonijiet għal permessi.

*Artikolu 46*

**Kontroll tal-emissjonijiet**

1. Il-gassijiet ta' skart minn impjanti ta' inċinerazzjoni tal-iskart jew impjanti ta' koinċinerazzjoni tal-iskart għandhom jiġu mormija b'mod kontrollat permezz ta' ċumnija b'tul li huwa kkalkulat b'tali mod li jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.

2. L-emissjonijiet fl-arja minn impjanti ta' inċinerazzjoni tal-iskart u impjanti tal-koinċinerazzjoni tal-iskart m'għandhomx jaqbżu l-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-partijiet 3 u 4 tal-Anness VI jew determinati skont il-Parti 4 ta' dak l-Anness.

Jekk f'impjant ta' koinċinerazzjoni tal-iskart jirriżulta li iżjed minn 40 % tal-ħelsien tas-sħana riżultanti jiġi minn skart perikoluż, jew l-impjant jikkoinċinera skart muniċipali mħallat mhux ittrattat, il-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-Parti 3 tal-Anness VI għandhom japplikaw.

3. Skariki fl-ambjent akkwatiku, ta' dranaġġ li jirriżulta mit-tindif tal-gassijiet tal-iskart għandu jiġi llimitat, sa fejn prattikabbli u l-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu m'għandhomx jaqbżu l-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-Parti 5 tal-Anness VI.

4. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet għandhom ikunu applikabbli fiż-żmien meta d-dranaġġ li jiġi mit-tindif tal-gassijiet tal-iskart huma skarikati mill-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew l-impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart.

Meta d-dranaġġ li ġej mit-tindif tal-gassijiet ta' skart huwa ttrattat barra mill-impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew impjanti tal-koinċinerazzjoni tal-iskart f'impjant tat-trattament maħsub biss għat-trattament ta' dan it-tip ta' dranaġġ, il-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-Parti 5 tal-AnnessVI għandhom jiġu applikati fil-punt fejn id-dranaġġ joħroġ mill-impjant tat-trattament. Meta d-dranaġġ li ġej mit-tindif tal-gassijiet ta' skart jiġi ttrattat kollettivament ma' sorsi oħra ta' dranaġġ, fil-post jew le, l-operatur għandu jagħmel il-kalkoli tal-bilanċ tal-massa xierqa, billi juża r-riżultati tal-kejl stabbiliti fil-punt 2 tal-Parti 6 tal-Anness VI sabiex jistabbilixxi l-livelli tal-emissjonijiet fl-aħħar skariku tad-dranaġġ li jistgħu jiġu attribwiti lid-dranaġġ li ġej mit-tindif tal-gassijiet ta' skart.

Taħt l-ebda ċirkostanzi m'għandu jkun hemm dilwizzjoni ta' dranaġġ għar-raġunijiet ta' konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-Parti 5 tal-Anness VI.

5. Siti tal-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew koinċinerazzjoni tal-iskart, inklużi ż-żoni ta' ħżin assoċjati għall-iskart, għandhom jitfasslu u jitħaddmu b'tali mod biex jevitaw kull rilaxx mhux awtorizzat jew aċċidentali ta' sustanzi li jniġġsu fil-ħamrija, fl-ilma tal-wiċċ u fl-ilma ta' taħt l-art.

Għandha tkun ipprovduta kapaċità ta' ħażna għall-ilma tax-xita ġieri kontaminat li jiskarika minn siti ta' impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew koinċinerazzjoni tal-iskart jew għall-ilma kontaminat li jiskarika mit-tixrid jew mill-operazzjonijiet tat-tifi tan-nar. Il-kapaċità ta' ħżin għandha tkun adegwata sabiex tiżgura li dan l-ilma jista' jiġi eżaminat u ttrattat qabel ma jiġi skarikat fejn ikun meħtieġ.

6. Mingħajr preġudizzju għall-punt (c) tal-Artikolu 50(4), l-impjant ta' inċinerazzjoni tal-iskart jew koinċinerazzjoni tal-iskart jew fran individwali li jkunu Parti minn impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew impjant ta' koinċinerazzjoni tal-iskart m'għandhomx taħt l-ebda ċirkostanza jkomplu jinċeneraw l-iskart għall-perijodu ta' iktar minn erbgħa sigħat mingħajr interruzzjoni fejn il-valuri limitu tal-emissjonijiet jinqabżu.

Id-dewmien kumulattiv tat-tħaddim taħt dawn il-kondizzjonijiet f'temp ta' sena m'għandux jaqbeż is-60 siegħa.

Il-limitu ta' żmien stabbilit fit-tieni subparagrafu għandu japplika għal dawk il-fran li huma konnessi mal-apparat uniku tat-tindif tal-gass ta' skart taċ-ċumnija.

*Artikolu 47*

**Ħsara**

Fil-każ ta' ħsara, l-operatur għandu jnaqqas jew jagħlaq l-operazzjonijiet kemm jista' jkun malajr sakemm l-operazzjoni normali tkun tista' tiġi rrestawrata.

*Artikolu 48*

**Monitoraġġ tal-emissjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-monitoraġġ tal-emissjonijiet isehh skont il-Partijiet 6 u 7 tal-Anness VI.

2. L-installazzjoni u l-funzjonament tas-sistemi awtomatizzati għall-kejl għandhom ikunu suġġetti għal kontroll u għal testijiet ta' kull sena tas-sorveljanza kif stabbilit fil-punt 1 tal-Parti 6 tal-Anness VI.

3. L-awtorità kompetenti għandha tiddetermina fejn jitqiegħdu l-punti ta' kampjunament jew ta' kejl li għandhom jintużaw għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet.

4. Ir-riżultati kollha tal-monitoraġġ għandhom ikunu rreġistrati, ipproċessati u ppreżentati b' tali mod li l-awtorità tkun tista' tivverifika l-qbil mal-kondizzjonijiet tal-ħidma u mal-valuri limitu tal-emissjonijiet li huma inklużi fil-permess.

5. Hekk kif tkun disponibbli fl-Unjoni t-teknika adatta għall-kejl, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati b'konformità mal-Artikolu 76 u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 77 u 78, tistabbilixxi d-data minn meta għandu jitwettaq il-kejl tal-emissjonijiet fl-arja ta' metalli tqal, diossini u furani.

*Artikolu 49*

**Konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet**

Il-valuri limitu tal-emissjonijiet għall-arja u għall-ilma għandhom jitqiesu mħarsa jekk il-kondizzjonijiet deskritti fil-Parti 8 tal-Anness VI jiġu osservati.

*Artikolu 50*

**Kondizzjonijiet tat-tħaddim**

1. L-impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart għandhom jitħaddmu b'tali mod li jinkiseb livell tal-inċinerazzjoni biex il-kontenut tal-karbonju organiku totali tal-gagazza u tal-irmied ta' taħt ikun inqas minn 3 % jew it-telf tagħhom meta jitqabbdu bin-nar huwa inqas minn 5 % tal-piż tal-materjal niexef. Jekk huwa neċessarju, għandhom jiġu użati metodi tekniċi ta' trattamenti minn qabel tal-iskart.

2. L-impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart għandhom ikunu mfassla, mgħammra, mibnija u mħaddma b'tali mod li l-gass li jirriżulta mill-inċinerazzjoni tal-iskart jittella', wara l-aħħar injezzjoni ta' arja tal-kombustjoni, b'mod kontrollat u omoġenju u anke taħt l-iżjed kondizzjonijiet sfavorevoli, għal temperatura ta' mill-inqas 850 °C għal mill-inqas żewġ sekondi.

L-impjanti tal-koinċinerazzjoni tal-iskart għandhom jitfasslu, jiġu mgħammra, jinbnew, u jiġu mħaddma b'tali mod li l-gass li jirriżulta mill-koinċinerazzjoni tal-iskart jittella', b'mod kontrollat u omoġenju u anke taħt l-iżjed kondizzjonijiet sfavorevoli, għal temperatura ta' mill-inqas 850 °C għal mill-inqas żewġ sekondi.

Jekk skart perikoluż b'kontenut ta' iżjed minn 1 % ta' sustanzi aloġenati organiċi, espressi bħala klorin, jiġi inċinerat jew koinċinerat, it-temperatura meħtieġa għall-konformità mal-ewwel u t-tieni subparagrafi għandha tkun ta' mill-inqas 1 100 °C.

F'impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart, it-temperaturi stabbiliti fl-ewwel u t-tielet subparagrafi għandhom jitkejlu qrib tal-ħajt ta' ġewwa tal-kamra tal-kombustjoni. L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-kejl f'punt rappreżentattiv ieħor tal-kamra tal-kombustjoni.

3. Kull kamra tal-kombustjoni tal-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart għandha tkun mgħammra mill-inqas b'berner awżiljarju wieħed. Dan il-berner għandu jixtegħel awtomatikament meta t-temperatura tal-gassijiet kombustibbli, wara l-aħħar injezzjoni ta' arja kombustibbli, taqa' taħt it-temperaturi stabbiliti fil-paragrafu 2. Dan jiġi użat ukoll waqt l-operazzjonijiet ta' bidu tat-tħaddim u ta' tifi tal-impjant sabiex jiġi żgurat li dawk it-temperaturi jinżammu il-ħin kollu matul dawn l-operazzjonijiet u sakemm hemm skart mhux maħruq fil-kamra tal-kombustjoni.

M'għandhomx jingħataw karburanti lill-berner awżiljarju, li jistgħu jikkawżaw emissjonijiet ogħla minn dawk li jirriżultaw mill-ħruq taż-żejt tal-gass kif imniżżel fil-punt(2) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KEE tas-26 ta' April 1999 dwar it-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi ([1]), gass likwidu jew gass naturali.

4. L-impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart u l-impjanti ta' koinċinerazzjoni tal-iskart għandhom joperaw sistema awtomatika li tipprevjeni l-iskart li jidħol f'dawn is-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) fil-bidu tat-tħaddim, sakemm jilħqu t-temperatura stabbilit fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jew it-temperatura speċifikata skont l-Artikolu 51(1);

(b) kull meta ma tinżammx it-temperatura stabbilita fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jew it-temperatura speċifikata skont l-Artikolu 51(1);

(c) kull meta l-miżuri kontinwi juru li xi valur limitu tal-emissjonijiet inqabeż minħabba disturbi jew nuqqasijiet tal-mezzi ta' tindif tal-gass ta' skart.

5. Kwalunkwe tip ta' sħana ġġenerata mill-impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew impjanti tal- koinċinerazzjoni tal-iskart għandha tiġi rkuprata sa fejn ikun prattikabbli.

6. L-iskart kliniku infettiv għandu jitpoġġa direttament fil-fran, mingħajr ma jiġi mħallat ma' kategoriji oħra ta' skart u mingħajr manipulazzjoni diretta.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart u koinċinerazzjoni tal-iskart tkun operata minn persuna fiżika li hija kompetenti li tamministra l-impjant.

([1]) ĠU L 121, 11.5.1999, p. 13.

*Artikolu 51*

**Awtorizzazzjoni biex jinbidlu l-kondizzjonijiet tat-tħaddim**

1. Kondizzjonijiet differenti minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 50(1), (2) u (3) u, fir-rigward tat-temperatura, il-paragrafu 4 ta' dak l-Artikolu u speċifikat fil-permess għal ċerti kategoriji ta' skart jew għal ċerti proċessi termiċi, jistgħu jiġu awtorizzati mill-awtorità kompetenti bil-kondizzjoni li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Kapitolu. L-Istati Membri jsitgħu jistabbilixxu regoli li jirregolaw dawn l-awtorizzazzjonijiet.

2. Għall-impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart, il-bidla fil-kondizzjonijiet tat-tħaddim m'għandhiex tikkawża iżjed residwi jew residwi b'kontenut ogħla ta' sustanzi li jniġġsu meta mqabbla ma' dawk ir-residwi li jistgħu jkunu mistennija taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 50(1), (2) u (3).

3. L-emissjonijiet ta' karbonju organiku totali u tal-monossidu tal-karbonju mill-impjanti ta' koinċinerazzjoni tal-iskart awtorizzati li jibdlu l-kondizzjonijiet tat-tħaddim skont il-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw ukoll mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-Parti 3 tal-Anness VI.

L-emissjonijiet ta' karbonju organiku totali minn bark boilers fl-industrija tal-karta u l-polpa li jikkoinċineraw skart fil-post tal-produzzjoni tagħha li kienu qed joperaw u li kellhom permess qabel it-28 ta' Diċembru 2002 u li huma awtorizzati jibdlu l-kondizzjonijiet tat-tħaddim skont il-paragrafu 1 għandhom ukoll jikkonformaw mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-Parti 3 tal-Anness VI.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-kondizzjonijiet kollha tat-tħaddim awtorizzati skont il-paragrafi 1, 2 u 3 u r-riżultati ta' verifiki magħmula bħala parti mill-informazzjoni prevista skont ir-rekwiżiti tar-rappurtar taħt l-Artikolu 72.

*Artikolu 52*

**Kunsinna u riċeviment tal-iskart**

1. L-operatur tal-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew tal-koinċinerazzjoni tal-iskart għandu jieħu l-prekawzjonijiet kollha neċessarji li jikkonċernaw il-kunsinna u r-riċeviment tal-iskart sabiex jipprevjeni jew jillimita sa fejn hu prattikabbli t-tniġġis tal-arja, tal-ħamrija, tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art, kif ukoll effetti negattivi oħra fuq l-ambjent, l-irwejjaħ u l-istorbju, u r-riskji diretti għas-saħħa tal-bniedem.

2. Qabel jiġi aċċettat l-iskart fl-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew l-impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart jiġi aċċettat, l-operatur għandu jistabbilixxi l-massa ta' kull tip ta' skart jekk possibbli skont il-lista Ewropea tal-Iskart stabbilita mid-Deċiżjoni 2000/532/KE.

3. Qabel skart perikoluż jiġi aċċettat fl-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew l-impjant tal- koinċinerazzjoni tal-iskart, l-operatur għandu jiġbor informazjoni dwar l-iskart bil-għan li jivverifika l-konformità mar-rekwiżiti speċifikati fl-Artikolu 45(2).

Dik l-informazzjoni għandha tkopri dan li ġej:

(a) l-informazzjoni amministrattiva kollha dwar il-proċess tal-ġenerazzjoni li tinsab fid-dokumenti msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 4;

(b) il-kompożizzjoni fiżika u sa fejn huwa prattikabbli, il-kompożizzjoni kimika tal-iskart u l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġi evalwat kemm ikun tajjeb għall-proċess maħsub tal-inċinerazzjoni:

(c) il-karatteristiċi perikolużi tal-iskart, is-sustanzi perikolużi li magħhom ma jistax jitħallat, u l-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu fl-immaniġġjar tal-iskart.

4. Qabel l-iskart perikoluż jiġi aċċettat fl-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew l-impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart, l-operatur għandu jwettaq, mill-inqas, il-proċeduri li ġejjin:

(a) il-kontroll tad-dokumenti meħtieġa mid-Direttiva 2008/98/KE u, fejn applikabbli, dawk meħtieġa mir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart ([1]) u mil-leġiżlazzjoni dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi;

(b) it-teħid ta' kampjuni rappreżentattivi, sakemm dan ma jkunx inopportun kemm jista' jkun qabel l-iżbark, biex tiġi vverifikata l-konformità mal-informazzjoni prevista fil-paragrafu 3 permezz tat-twettiq ta' kontrolli u biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jidentifikaw in-natura tal-iskart ittrattat.

Il-kampjuni msemmija fil-punt (b) għandhom jinżammu mill-inqas xahar wara l-inċinerazzjoni jew koinċinerazzjoni tal-iskart ikkonċernat.

5. L-awtorità kompetenti tista' tagħti eżenzjonijiet mill-paragrafi 2, 3 u 4 lill-impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew l-impjanti tal-koinċinerazzjoni tal-iskart li huma parti minn installazzjoni koperta mill-Kapitolu II u li jinċineraw jew jikkoinċineraw biss skart iġġenerat f'dik l-installazzjoni.

*Artikolu 53*

### Residwi

1. Ir-residwi għandhom jiġi minimizzati fl-ammont tagħhom u fir-rigward tal-ħsara li jikkawżaw. Ir-residwi għandhom jiġu riċiklati, fejn xieraq, direttament fl-impjant jew barra.

2. It-trasport u l-ħżin intermedju tar-residwi nexfin f'forma ta' trab għandu jsir b'tali mod li jevitaw it-tixrid fl-ambjent ta' dawk ir-residwi.

3. Qabel ma jiġu stabbiliti ir-rotot għat-tneħħija jew ir-riċiklaġġ tar-residwi, għandhom jsiru testijiet xierqa biex jiġu stabbiliti l-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi u l-potenzjal tat-tniġġis ta' residwi. Dawk it-testijiet għandhom jirrigwardaw il-frazzjoni solubbli totali u l-frazzjoni solubbli tal-metalli tqal.

*Artikolu 54*

### Tibdil sostanzjali

Bidla fit-tħaddim tal-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew impjant tal-koinċinerazzjoni li jittratta biss skart mhux perikoluż f'installazzjoni koperta mill-Kapitolu II li tinvolvi l-inċinerazzjoni jew koinċinerazzjoni ta' skart perikoluż għandha titqies bħala bidla sostanzjali.

*Artikolu 55*

### Rappurtar u informazzjoni pubblika dwar impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart u impjanti tal-koinċinerazzjoni tal-iskart

1. Applikazzjonijiet għal permessi ġodda ta' impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew impjanti tal-koinċinerazzjoni tal-iskart għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku f'post wieħed jew aktar li huma aċċessibbli għall-pubbliku għal perijodu xieraq sabiex il-pubbliku jista' jikkummenta dwar l-applikazzjonijiet qabel l-awtorità kompetenti tilħaq deċiżjoni. Dik id-deċiżjoni, li tinkludi mill-anqas kopja waħda tal-permess, u kwalunkwe aġġornamenti li jiġu wara, għandom ukoll isiru disponibbli għall-pubbliku.

2. Għall-impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew l-impjanti tal-koinċinerazzjoni tal-iskart b'kapaċità nominali ta' żewġ tunnellati metriċi jew aktar fis-siegħa, ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 72 għandu jinkludi informazzjoni dwar il-ħidma u l-monitoraġġ tal-impjant u jagħti kont tal-ġestjoni tal-proċess tal-inċinerazzjoni jew tal-koinċinerazzjoni u l-livell tal-emissjonijiet fl-arja u fl-ilma bi tqabbil mal-valuri limitu tal-emissjonijiet. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli għall-pubbliku.

3. Lista tal-impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew impjanti tal-koinċinerazzjoni tal-iskart b'kapaċità nominali ta' inqas minn żewġ tunnellati metriċi fis-siegħa għandha tkun imħejjija mill-awtorità kompetenti u għandha tkun disponibbli għall-pubbliku.

KAPITOLU V

## DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-INSTALLAZZJONIJIET U L-ATTIVITAJIET LI JUŻAW SOLVENTI ORGANIĊI

*Artikolu 56*

### Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Kapitolu għandu japplika għall-attivitajiet elenkati fil-Parti 1 tal-Anness VII u, fejn applikabbli, dawk li jilħqu l-limiti tal-konsum stabbiliti fil-Parti 2 ta' dak l-Anness.

([1]) ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.

*Artikolu 57*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "installazzjoni eżistenti" tfisser installazzjoni li kienet qed tit-ħaddem fid-29 ta' Marzu 1999 jew li ngħatat permess jew kienet irreġistrata qabel l-1 ta' April 2001 jew l-operatur tagħha ippreżenta applikazzjoni kompluta għall-permess qabel l-1 ta' April 2001, bil-kondizzjoni li dik l-installazzjoni bdiet topera mhux aktar tard mill-1 ta' April 2002;

(2) "gassijiet ta' skart" tfisser l-iskariku aħħari minn ċumnija jew tagħmir għat-tnaqqis lejn l-arja f'forma ta' gass li jkollu fih komposti volatili organiċi jew sustanzi oħra li jniġġsu;

(3) "emissjonijiet maħruba" tfisser kwalunkwe emissjonijiet mhux f'gassijiet ta' skart ta' komposti volatili organiċi fl-arja, fil-ħamrija u fl-ilma, kif ukoll solventi li jinsabu fi kwalunkwe prodott ħlief jekk iddikjarat mod ieħor fil-Parti 2 tal-Anness VII;

(4) "emissjonijiet totali" tfisser is-somma ta' emissjonijiet maħruba f'gassijiet ta' skart;

(5) "taħlita" tfisser taħlita kif iddefinita fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ([1]);

(6) "adeżiv" tfisser kwalunkwe taħlita, inklużi s-solventi organiċi kollha jew taħlitiet li jkollhom fihom solventi organiċi neċessarji għall-applikazzjoni xierqa tagħha, li hi użata biex twaħħal partijiet separati ta' prodott;

(7) "linka" tfisser taħlita, inkluż kull solvent organiku jew preparazzjonijiet li jkollhom fihom solventi organiċi neċessarji għall-applikazzjoni xierqa tagħha, li hi użata fl-attività tal-istampar biex tistampa test jew immaġni fuq wiċċ;

(8) "verniċ" tfisser kisja trasparenti;

(9) "konsum" tfisser l-input totali ta' solventi organiċi f'installazzjoni għall kull sena kalendarja, jew kull perijodu ta' 12-il xahar, bit-tnaqqis ta' kwalunkwe kompost organiku volatili li huwa rkuprat biex jerġa' jintuża;

(10) "input" tfisser il-kwantità ta' solventi organiċi u l-kwalità tagħhom fit-taħlitiet użati meta ssir attività, inkluż is-solventi reċiklati fi u barra mill-installazzjoni, u li huma magħduda kull darba li jintużaw biex issir l-attività;

(11) "użu mill-ġdid" tfisser l-użu ta' solventi organiċi miġbura minn installazzjoni għal kull għan tekniku jew kummerċjali u inkluż użu bħala karburant imma mingħajr ir-rimi finali ta' solventi bħal dawn miġbura bħala skart;

(12) "kondizzjonijiet taż-żamma" tfisser kondizzjonijiet taħt liema installazzjoni hi mħaddma b'mod li l-komposti organiċi volatili maħruġa mill-attività huma kkontrollati u mormija f'mod kontrollat jew permezz ta' ċumnija jew tagħmir ta' tnaqqis u huma, għalhekk, mhux għal kollox maħruba;

(13) "operazzjonijiet ta' bidu tat-tħaddim u ta' tifi" tfisser operazzjonijiet minbarra faċilitjiet ta' attività regolarment oxxillanti waqt li attività, parti ta' tagħmir jew tank ikunu qed jinġiebu jaħdmu jew ma jaħdmux jew fi stat wieqaf jew le.

*Artikolu 58*

**Sostituzzjoni ta' sustanzi perikolużi**

Is-sustanzi jew taħlitiet li, minħabba l-kontenut tagħhom ta' komposti organiċi volatili kklassifikati bħala karċinoġeni, mutaġeni, jew tossiċi għar-riproduzzjoni taħt ir-Regolament 1272/2008, huma assenjati jew jeħtieġ li jkollhom fuqhom id-dikjarazzjonijiet ta' periklu H340, H350, H350i, H360D jew H360F, għandhom jinbidlu, safejn hu possibbli b'sustanzi jew taħlitiet inqas dannużi fl-iqsar żmien possibbli.

*Artikolu 59*

**Kontroll tal-emissjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li kull installazzjoni tikkonforma ma' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-emissjonijiet ta' komposti volatili organiċi minn installazzjonijiet m'għandhomx jaqbżu l-valuri limitu ta' emissjoni f'gassijiet ta' skart u valuri ta' emissjonijiet maħruba, jew il-valuri limitu totali ta' emissjonijiet, u rekwiżiti oħra stabbiliti fil-Partijiet 2 u 3 tal-Anness VII jiġu osservati;

(b) ir-rekwiżiti tal-iskema ta' tnaqqis stabbiliti fil-Parti 5 tal-Anness VII bil-kondizzjoni li jinkiseb tnaqqis ekwivalenti ta' emissjonijiet meta mqabbel ma' dak miksub permezz tal-applikazzjoni tal-valuri limitu tal-emissjonijiet imsemmija fil-punt (a).

L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 72(1) dwar il-progress fil-ksib tat-tnaqqis ekwivalenti tal-emissjonijiet imsemmija fil-punt (b).

2. B'deroga mill-punt (a) tal-paragrafu 1, meta l-operatur juri lill-awtorità kompetenti li għall-installazzjoni individwali l-valur limitu tal-emissjonijiet għal emissjonijiet maħruba m'humiex teknikament u ekonomikament possibbli, l-awtorità kompetenti tista' tippermetti li l-emissjonijiet jaqbżu l-valur limitu tal-emissjonijiet sakemm ir-riskji partikolari għas-saħħa umana u l-ambjent m'humiex mistennija u li l-operatur juri lill-awtorità kompetenti li qed jintużaw l-aħjar metodi tekniċi disponibbli.

([1]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, għall-attivitajiet ta' kisi koperti mill-punt 8 tat-tabella fil-Parti 2 tal-Anness VII li ma jistgħux jit-wettqu f'kondizzjonijiet ikkontrollati, l-awtorità kompetenti tista' tippermetti li l-emissjonijiet tal-installazzjoni ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu jekk l-operatur juri lill-awtorità kompetenti li din il-konformità mhix teknikament jew ekonomikament vijabbli u li qed jintużaw l-aħjar metodi tekniċi disponibbli.

4. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar id-derogi msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu skont l-Artikolu 72(2).

5. L-emissjonijiet ta' jew komposti organiċi volatili li huma assenjati jew jeħtieġ li jkollhom fuqhom id-dikjarazzjonijiet ta' periklu H340, H350, H350i, H360D jew H360F jew komposti organiċi volatili aloġenati li huma assenjati jew jeħtieġ li jkollhom fuqhom id-dikjarazzjonijiet li juru periklu H341 jew H351, għandhom ikunu kkontrollati taħt kondizzjonijiet stretti safejn hu fattibbli teknikament u ekonomikament biex jiġu mħarsa s-saħħa pubblika u l-ambjent u m'għandhomx jaqbżu l-valuri dwar il-limitu tal-emissjonijiet rilevanti stabbiliti fil-Parti 4 tal-Anness VII.

6. Installazzjonijiet fejn qed issir attività waħda jew aktar, li kull waħda minnhom taqbeż il-limiti fil-Parti 2 tal-Anness VII għandhom:

(a) fir-rigward tas-sustanzi speċifikati fil-paragrafu 5, jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dak il-paragrafu għal kull attività individwalment;

(b) fir-rigward tas-sustanzi kollha l-oħra, jew:

(i) jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1 għal kull attività individwalment; jew

(ii) ikollhom emissjonijiet totali ta' komposti organiċi volatili li ma jaqbżux dawk li kieku rriżultaw kieku kien applikat il-punt (i).

7. Il-prekawzjonijiet kollha xierqa għandhom jittieħdu biex jit-naqqsu emissjonijiet ta' komposti volatili organiċi waqt operazzjonijiet ta' bidu tat-tħaddim u ta' tifi.

*Artikolu 60*

**Monitoraġġ ta' emissjonijiet**

L-Istati Membri għandhom, jew bi speċifikazzjoni tal-kondizzjonijiet għal permess jew b'regoli ġenerali vinkolanti, jiż-guraw li l-kejl tal-emissjonijiet jitwettaq skont il-Parti 6 tal-Anness VII.

*Artikolu 61*

**Konformità ma' valuri limitu tal-emissjonijiet**

Il-valuri limitu tal-emissjonijiet għandhom jitqiesu bħala li qed jiġu osservati jekk jitwettqu l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Parti 8 tal-Anness VII.

*Artikolu 62*

**Rappurtar dwar il-konformità**

L-operatur għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti, fuq talba, bid-data li tippermetti lill-awtorità kompetenti tivverifika l-konformità ma' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) valuri limitu tal-emissjonijiet f'gassijiet ta' skart, valuri limitu tal-emissjonijiet maħruba u valuri limitu tal-emissjonijiet totali;

(b) ir-rekwiżiti tal-iskema tat-tnaqqis taħt il-Parti 5 tal-Anness VII;

(c) id-derogi mogħtija skont l-Artikolu 59(2) u (3).

Dan jista' jinkludi pjanijiet ta' ġestjoni tas-solventi mħejjija skont il-Parti 7 tal-Anness VII.

*Artikolu 63*

**Bidla sostanzjali għal installazzjonijiet eżistenti**

1. Bidla fl-input ta' massa massima ta' solventi organiċi minn installazzjoni eżistenti bħala medja fuq ġurnata, fejn l-installazzjoni hija mħaddma b'rendiment li għalih ġiet disinjata taħt kondizzjonijiet għajr ta' operazzjonijiet ta' bidu tat-tħaddim u ta' tifi u manutenzjoni ta' tagħmir, għandha titqies bħala sos-tanzjali jekk twassal għal żieda fl-emissjonijiet tal-komposti orga-niċi volatili ta' aktar minn:

(a) 25 % għal installazzjoni li twettaq jew attivitajiet li jidħlu fil-limitu l-baxx tal-grupp ta' oġġetti 1, 3, 4, 5, 8, 10, 13, 16 jew 17 tat-tabella fil-Parti 2 tal-Anness VII jew, attivitajiet li jidħlu taħt wieħed mill-punti l-oħrajn tal-Parti 2 tal-Anness VII, u li għandhom konsum tas-solvent ta' anqas minn 10 tunnellati metriċi fis-sena;

(b) 10 % għall-installazzjonijiet l-oħra kollha.

2. Fejn installazzjoni eżistenti tgħaddi minn tibdil sostanzjali, jew taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għall-ewwel darba wara t-tibdil sostanzjali, dik il-parti tal-installazzjoni li tgħaddi minn tibdil sostanzjali għandha tiġi trattata jew bħala installazzjoni ġdida jew bħala installazzjoni eżistenti, bil-kondizzjoni li l-emissjonijiet totali tal-installazzjoni kollha ma jaqbżux dawk li jirriżultaw li kellhom il-parti mibdula sostanzjal-ment u li jiġu trattati bħala installazzjoni ġdida.

3. Fil-każ ta' tibdil sostanzjali, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-konformità tal-installazzjoni mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 64*

**Skambju ta' informazzjoni dwar is-sostituzzjoni ta' solventi organiċi**

Il-Kummissjoni għandha torganizza skambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri, l-industrija kkonċernata u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent dwar l-użu ta' solventi orġaniċi u s-sostituzzjonijiet potenzjali tagħhom u l-metodi tekniċi li għandhom l-inqas effetti potenzjali fuq l-arja, l-ilma, il-ħamrija, l-ekosistemi u s-saħħa tal-bniedem.

L-iskambju tal-informazzjoni għandu jiġi organizzat għal dawn li ġejjin kollha:

(a) li huma tajbin għall-użu;

(b) l-effetti potenzjali fuq is-saħħa tal-bniedem u l-espożizzjoni fil-post tax-xogħol b'mod partikolari;

(c) l-effetti potenzjali fuq l-ambjent;

(d) il-konsegwenzi ekonomiċi, partikolarment l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-għażliet disponibbli.

*Artikolu 65*

**Aċċess għall-informazzjoni**

1. Id-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti, inkluża minn tal-inqas kopja tal-permess, u kwalunkwe aġġornamenti ta' wara, għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

Ir-regoli ġenerali vinkolanti applikabbli għall-installazzjonijiet u l-lista ta' installazzjonijiet suġġetti għall-permessi u r-reġistrazzjoni għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

2. Ir-riżultati tal-monitoraġġ ta' emissjonijiet kif meħtieġa taħt l-Artikolu 60 u miżmuma mill-awtorità kompetenti għandhom ikunu disponibbli lill-pubbliku.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw, suġġett għar-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva 2003/4/KE.

KAPITOLU VI

**DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-INSTALLAZZJONIJIET LI JIPPRODUĊU D-DIOSSIDU TAT-TITANJU**

*Artikolu 66*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan il-Kapitolu għandu japplika għall-installazzjonijiet li jipproduċu d-diossidu tat-titanju.

*Artikolu 67*

**Projbizzjoni tar-rimi ta' skart**

L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu r-rimi tal-iskart li ġej fi kwalunkwe ilmijiet, baħar jew oċean:

(a) l-iskart solidu;

(b) il-likuri omm li jirriżultaw mill-fażi ta' filtrazzjoni wara l-idroliżi tas-soluzzjoni tas-sulfat tat-titanil minn installazzjonijiet li japplikaw il-proċess tas-sulfat; inkluż l-iskart aċidu assoċjat ma' dawn il-likuri, li kumplessivament ikollu aktar minn 0,5 % aċidu sulfuriku ħieles u diversi metalli tqal u inkluż tali likuri omm li jkunu ġew dilwiti sakemm dawn ikun fihom 0,5 % jew inqas aċidu sulfuriku ħieles;

(c) skart minn installazzjonijiet li japplikaw il-proċess tal-kloru li jkun fih aktar minn 0,5 % aċidu idrokloriku ħieles u diversi metalli tqal, inkluż skart bħal dan li jkun ġie dilwit sakemm ikunn fih 0,5 % jew inqas aċidu idrokloriku ħieles;

(d) melħ tal-filtrazzjoni, ħama u skart likwidu li jirriżulta mit-trattament (konċentrazzjoni jew newtralizzazzjoni) tal-iskart imsemmi fil-punti (b) u (c) u li jkun fih diversi metalli tqal, iżda ma jinkludix skart newtralizzat u iffiltrat jew imferra' li jkun fih biss traċċi ta' metall tqil u li, qabel kull taħlit, ikollu valur ta' pH aktar minn 5,5.

*Artikolu 68*

**Kontroll tal-emissjonijiet fl-ilma**

L-emissjonijiet fl-ilma mill-installazzjonijiet m'għandhomx jaqbżu l-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness VIII.

*Artikolu 69*

**Prevezjoni u kontroll ta' emissjonijiet fl-arja**

1. L-emissjoni ta' qtar aċiduż mill-installazzjonijiet għandha tinżamm milli sseħħ;

2. L-emissjonijiet mill-installazzjonijiet fl-ilma m'għandhomx jaqbżu l-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness VIII.

*Artikolu 70*

**Monitoraġġ ta' emissjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-monitoraġġ tal-emissjonijiet fl-ilma sabiex jippermettu lill-awtorità kompetenti tivverifika l-konformità mal-kondizzjonijiet għal permess u mal-Artikolu 68.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-monitoraġġ tal-emissjonijiet fl-ilma sabiex jippermettu lill-awtorità kompetenti tivverifika l-kondizzjonijiet għal permess u għall-Artikolu 69. Monitoraġġ bħal dan għandu jinkludi tal-anqas monitoraġġ tal-emissjonijiet kif stabbilit fil-Parti 3 tal-Anness VIII.

3. Il-monitoraġġ għandu jitwettaq skont l-istandards CEN jew, jekk l-istandards CEN mhumiex disponibbli, l-istandards ISO, l-istandards nazzjonali jew standards internazzjonali oħra li jiżguraw il-forniment ta' data ta' kwalità xjentifika ekwivalenti.

KAPITOLU VII

## DISPOŻIZZJONIJIET TAL-KUMITAT, TRANŻITORJI U FINALI

*Artikolu 71*

### Awtoritajiet kompetenti

L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mit-twettiq tal-obbligi li joriġinaw minn din id-Direttiva.

*Artikolu 72*

### Rappurtaġġ mill-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ssir disponibbli għall-Kummissjoni informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva, dwar data rappreżentattiva dwar l-emissjonijiet u forom oħra ta’ tniġġis, dwar il-valuri limitu tal-emissjonijiet, dwar l-applikazzjoni tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli skont l-Artikoli 14 u 15 b’mod partikolari dwar il-ħruġ ta’ eżenzjonijiet skont l-Artikolu 15(4), u dwar il-progress li sar rigward l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta’ metodi tekniċi emerġenti skont l-Artikolu 27. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni disponibbli f’format elettroniku.

2. It-tip, il-format u l-frekwenza tal-informazzjoni li għandha ssir disponibbli skont il-paragrafu 1 għandhom jiġu stabbiliti skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 75(2). Dan għandu jinkludi d-determinazzjoni tal-attivitajiet speċifiċi u s-sustanzi li jniġġsu li għalihom għandha ssir disponibbli d-data msemmija fil-paragrafu 1

3. Għall-impjanti kollha ta’ kombustjoni koperti mill-Kapitolu III ta’ din id-Direttiva, l-Istati Membri, mill-1 ta’ Jannar 2016, għandhom jistabbilixxu inventarju annwali tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-kubrit, tal-ossidi tan-nitroġenu u tat-trab u l-input ta’ enerġija.

B’kont meħud tar-regoli tal-aggregazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 29, l-awtorità kompetenti għandha tikseb għal kull impjant ta’ kombustjoni d-data li ġejja:

(a) il-kapaċità termali kklassifikata (MW) totali tal-impjant ta’ kombustjoni;

(b) it-tip ta’ impjant ta’ kombustjoni: bojler, turbina tal-gass, magna tal-gass, magna diżil, oħrajn (billi wieħed jispeċifika t-tip);

(c) id-data tal-bidu tat-tħaddim tal-impjant tal-kombustjoni;

(d) it-total ta’ emissjonijiet annwali (tunnellati fis-sena) tad-diossidu tal-kubrit, tal-ossidi tan-nitroġenu u trab (bħala total ta’ partikoli sospiżi);

(e) l-għadd ta’ sigħat ta’ tħaddim tal-impjant ta’ kombustjoni;

(f) it-total tal-ammont annwali tad-dħul ta’ enerġija, b’riferiment għall-valur kalorifiku nett (TJ kull sena), imqassam f’termini tal-kategoriji li ġejjin: faħam, linjite, bijomassa, pit, karburanti solidi oħrajn (billi wieħed jispeċifika t-tip), karburanti likwidi, gass naturali, gassijiet oħrajn (billi wieħed jispeċifika t-tip).

Id-data (l-informazzjoni) ta’ kull sena għal kull impjant li tinsab f’dawn l-inventarji għandha ssir disponibbli lill-Kummissjoni fuq talba.

Is-sommarju tal-inventarji għandu jsir disponibbli lill-Kummissjoni kull tliet snin fi żmien 12-il xahar minn tmiem il-perijodu ta’ tliet snin ikkunsidrat. Dan is-sommarju għandu juri b’mod separat id-data għall-impjanti ta’ kombustjoni fir-raffineriji.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli lill-Istati Membri u lill-pubbliku sommarju tal-paragun u l-evalwazzjoni ta’ dawk l-inventarji f’konformità mad-Direttiva 2003/4/KE fi żmien 24 xahar mit-tmiem tal-perijodu ta’ tliet snin ikkunsidrat.

4. Mill-1 ta’ Jannar 2016, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw kull sena d-data li ġejja lill-Kummissjoni:

(a) għall-impjanti ta’ kombustjoni li għalihom japplika l-Artikolu 31, il-kontenut tal-kubrit tal-karburant solidu indiġenu użat u r-rata tat-tneħħija tal-kubrit miksuba, b’medja għal kull xahar; Għall-ewwel sena meta l-Artikolu 31 jiġi applikat, il-ġustifikazzjoni teknika tan-nuqqas ta’ fattibilità tal-konformità mal-valuri ta’ limitu tal-emissjonijiet imsemmija fl-Artikolu 30(2) u (3) għandhom ukoll jiġu rrappurtati; u

(b) għall-impjanti ta’ kombustjoni li ma joperawx aktar minn 1 500 siegħa ta’ tħaddim kull sena bħala medja attwali matul perijodu ta’ ħames snin, l-għadd ta’ sigħat ta’ tħaddim kull sena.

*Artikolu 73*

### Reviżjoni

1. Sas-7 ta’ Jannar 2016, u kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill rapport li jirrivedi l-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva abbażi tal-informazzjoni msemmija fl- Artikolu 72.

Dak ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-ħtieġa ta’ azzjoni tal-Unjoni permezz tal-istabbiliment jew l-aġġornar tar-rekwiżiti minimi madwar l-Unjoni għall-valuri limitu tal-emissjonijiet u għar-regoli dwar il-monitoraġġ u l-konformità għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-konklużjonijiet tal-BAT adottati waqt il-perjodu ta’ tliet snin preċedenti, abbażi tal-kriterji li ġejjin:

(a) l-impatt tal-attivitajiet ikkonċernati fuq l-ambjent b’mod ġenerali; u

(b) il-qagħda tal-implimentazzjoni tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli għall-attivitajiet ikkonċernati.

Dik il-valutazzjoni għandha tqis l-opinjoni tal-forum imsemmija fl-Artikolu 13(4).

Il-Kapitolu III u l-Anness V għal din id-Direttiva għandhom jitqiesu li jirrappreżentaw ir-rekwiżiti minimi għall-Unjoni kollha fil-każ ta’ impjanti kbar ta’ kombustjoni.

Fejn ikun xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva. Meta l-valutazzjoni msemmija skont subparagrafu tidentifika ħtieġa bħal din, il-proposta leġsżlattiva għandha tinkludi dispożizzjonijiet li jistabbilixxu jew jaġġornaw ir-rekwiżiti minimi madwar l-Unjoni għall-valuri limitu tal-emissjonijiet u għar-regoli dwar l-evalwazzjoni tal-monitoraġġ u tal-konformità għall-attivitajiet ikkonċernati.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni għandha teżamina l-ħtieġa li tikkontrolla l-emissjonijiet:

(a) mill-kombustjoni ta' karburanti f'installazzjonijiet b'kapaċità termali kklassifikata totali taħt il-50 MW;

(b) mit-trobbija intensiva tal-baqar; u

(c) mit-tifrix ta' demel.

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta r-riżultati ta' dak l-eżami lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien ma' proposta leġiżlattiva, jekk ikun il-każ.

3. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sal-31 ta' Diċembru 2011, dwar l-istabbiliment fl-Anness I ta':

(a) limiti ddifferenzjati ta' kapaċità għat-trobbija ta' speċi differenti ta' tjur, inkluż il-każ speċifiku tas-summien;

(b) limiti ta' kapaċità għat-trobbija simultanja ta' tipi differenti ta' annimali fl-istess installazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta r-riżultati ta' dak l-eżami lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien ma' proposta leġiżlattiva, jekk ikun il-każ.

*Artikolu 74*

**Emendi tal-Annessi**

Sabiex id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jkunu jistgħu jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku abbażi tal-aħjar teknika disponibbli, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 76 u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 77 u 78 fir-rigward tal-adattament tal-Partijiet 3 u 4 tal-Anness V, il-Partijiet 2, 6, 7 u 8 tal-Anness VI u l-Partijiet 5, 6, 7 u 8 tal-Anness VII għal dan il-progress xjentifiku u tekniku.

*Artikolu 75*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

*Artikolu 76*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikoli 48(5) u 74 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mis-6 ta' Jannar 2011. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar is-setgħa tad-delega mhux iktar tard minn sitt xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġġedded awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jirrevokawha skont l-Artikolu 77.

2. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati tingħata lill-Kummissjoni taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Artikoli 77 u 78.

*Artikolu 77*

**Revoka tad-delega**

1. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 48(5) u 74 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

2. L-istituzzjoni li tibda proċedura interna sabiex jiġi deċiż jekk tiġix irrevokata delega ta' setgħa għandha tagħmel ħilitha biex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, filwaqt li tindika s-setgħat delegati li jistgħu jkunu s-suġġett ta' revoka kif ukoll ir-raġunijiet possibbli għal revoka.

3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'din id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ immedjatament jew f'data ulterjuri stipulata minnha. Din m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li huma diġà fis-seħħ. Din għandha tiġi pubblikata *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 78*

**Oġġezzjonijiet għall-atti delegati**

1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat f'perijodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika.

Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dak il-perijodu għandu jittawwal b'xahrejn.

2. Jekk, meta jiskadi l-perijodu msemmi fil-paragrafu 1, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att iddelegat, dan għandu jiġi ppubblikat *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ fid-data stabbilita fih.

L-att delegat jista' jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jressqux oġġezzjonijiet.

3. Jekk jew il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għall-att delegat fil-perijodu msemmi fil-paragrafu 1, dan m'għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li tesprimi oġġezzjonijiet għall-att delegat għandha tispjega r-raġunijiet għall-oġġezzjoni.

*Artikolu 79*

**Pieni**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. Il-pieni hekk previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u disswassivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sas-7 ta' Jannar 2013 u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

*Artikolu 80*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji għall-konformità mal-Artikolu 2, il-punti (8), (11) sa (15), (18) sa (23), (26) sa (30) u (34) sa (38) u (41) tal-Artikolu 3, l-Artikolu 4(2) u (3), l-Artikolu 7, l-Artikoli 8 u 10, il-punti (e) u (h) tal-Artikolu 11, il-punti (e) u (h) tal-Artikolu 12(1), l-Artikolu 13(7), il-punt (ii) tal-punt (c) tal-Artikolu 14(1), il-punti (d), (e), (f) u (h) tal-Artikolu 14(1), l-Artikolu 14(2) u (7), l-Artikolu 15(2) sa (5), l-Artikoli 16, 17 u 19, l-Artikolu 21(2) sa (5), l-Artikoli 22, 23, 24, 27, 28 u 29, l-Artikolu 30(1), (2), (3), (4), (7) u (8), l-Artikoli 31, 32, 33, 34, 35, 36, 38 u 39, l-Artikolu 40(2) u (3), l-Artikoli 42 u 43, l-Artikolu 45(1), l-Artikolu 58, l-Artikolu 59(5), l-Artikolu 63, l-Artikolu 65(3), l-Artikoli 69, 70, 71, 72 u 79, u l-ewwel subparagrafu u l-punti 1.1, 1.4, 2.5(b), 3.1, 4, 5, 6.1(c), 6.4(b), 6.10, u 6.11 tal-Anness I, l-Anness II, l-punt 12 tal-Anness III, l-Anness V, il-punt (b) tal-Parti 1, il-punti 2.2, 2.4, 3.1 u 3.2 tal-Parti 4, il-punti 2.5 u 2.6 tal-Parti 6 u l-punt 1.1(d) tal-Parti 8 tal-Anness VI, il-punt 2 tal-Parti 4, ial-punt 1 tal-Parti 5, il-punt 3 tal-Parti 7 tal-Anness VII, il-punti 1 u 2(c) tal-Parti 1, il-punti 2 u 3 tal-Parti 2 u l-Parti 3 tal-Anness VIII sas-7 ta' Jannar 2013.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri minn dik id-data stess.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew referenza bħal din għandha takkumpanjahom meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 81*

**Tħassir**

1. Id-Direttivi 78/176/KEE, 82/883/KEE, 92/112/KEE, 1999/13/KE, 2000/76/KE u 2008/1/KE, kif emendati bl-atti elenkati fl-Anness IX, il-Parti A huma mħassra b'effett mis-7 ta' Jannar 2014, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness IX, il-Parti B.

2. Id-Direttiva 2001/80/KE, kif emendata bl-atti elenkati fl-Anness IX, il-Parti A, hija mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-limiti ta' żmien għat-trasposizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness IX, il-Parti B.

3. Referenzi magħmula għad-Direttivi mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness X.

*Artikolu 82*

**Dispożizzjonijiet transizzjonali**

1. Fir-rigward tal-installazzjonijiet li jwettqu attivitajiet imsemmija fl-Anness I, il-punt 1.1 għall-attivitajiet b'kapaċità termali totali li jeċċedi l-50 MW, il-punti 1.2 u 1.3, il-punt 1.4(a), il-punti 2.1 2.6, il-punti 3.1 sa 3.5, il-punti 4.1 sa 4.6 għall-attivitajiet li jikkonċernaw il-produzzjoni permezz ta' pproċessar kimiku, il-punti 5.1 u 5.2 għall-attivitajiet koperti mid-Direttiva 2008/1/KE, il-punt 5.3(a)(i) u (ii), il-punt 5.4, il-punt 6.1(a) u (b), il-punti 6.2 u 6.3, il-punt 6.4(a), il-punt 6.4(b) għall-attivitajiet koperti mid-Direttiva 2008/1/KE, il-punt 6.4(c) u l-punti 6.5 sa 6.9 li qegħdin jitħaddmu u li jkollhom permess qabel is-7 ta'Jannar 2013 jew li l-operaturi tagħhom ippreżentaw applikazzjoni kompleta għal permess qabel dik id-data, bil-kondizzjoni li dawk l-installazzjonijiet jibdew jitħaddmu mhux aktar tard mis-7 ta'Jannar 2014, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi adottati skont l-Artikolu 80(1) mis-7 ta'Jannar 2014 bl-eċċezzjoni tal-Kapitolu III u IV u l-Annessi V u VI.

2. Fir-rigward tal-installazzjonijiet li jwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-Anness I, il-punt 1.1 għall-attivitajiet b'kapaċità termali totali li jeċċedi l-50 MW, il-punt 1.4(b), il-punti 4.1 sa 4.6 għall-attivitajiet li jikkonċernaw il-produzzjoni bi proċessi bijoloġiċi, il-punti 5.1 u 5.2 għall-attivitajiet mhux koperti mid-Direttiva 2008/1/KE, il-punt 5.3(a)(iii) sa (v), il-punt 5.3(b), il-punti 5.5 u 5.6, il-punt 6.1(c), il-punt 6.4(b) għall-attivitajiet mhux koperti mid-Direttiva 2008/1/KE u l-punti 6.10 u 6.11 li qegħdin jitħaddmu qabel is-7 ta' Jannar 2013, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi adottati skont din id-Direttiva mis-7 ta' Lulju 2015 bl-eċċezzjoni għall-Kapitoli III u IV u l-Annessi V u VI.

3. Fir-rigward tal-impjanti ta' kombustjoni msemmijin fl-Artikolu 30(2), l-Istati Membri għandhom, mill-1 ta' Jannar 2016, japplikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi adottati skont l-Artikolu 80(1) biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III u l-Anness V.

4. Fir-rigward tal-impjanti ta' kombustjoni msemmijin fl-Artikolu 30(3) l-Istati Membri m'għandhomx japplikaw aktar id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/80/KE mis-7 ta' Jannar 2013.

5. Fir-rigward tal-impjanti ta' kombustjoni li jikkoinċineraw l-iskart, il-punt 3.1 tal-Parti 4 tal-Anness VI għandu japplika sa:

(a) il-31 ta' Diċembru 2015, għall-impjanti ta' kombustjoni msemmijin fl-Artikolu 30(2);

(b) is-7 ta' Jannar 2013, għall-impjanti ta' kombustjoni msemmijin fl-Artikolu 30(3).

6. Il-punt 3.2 tal-Parti 4 tal-Anness VI għandu japplika fir-rigward tal-impjanti ta' kombustjoni li jikkoinċineraw l-iskart minn:

(a) l-1 ta' Jannar 2016, għall-impjanti ta' kombustjoni msemmijin fl-Artikolu 30(2);

(b) is-7 ta'Jannar 2013, għall-impjanti ta' kombustjoni msemmijin fl-Artikolu 30(3).

7. L-Artikolu 58 għandu japplika mill-1 ta' Ġunju 2015. Sa dik id-data, sustanzi jew taħlitiet li, minħabba l-kontenut ta' komposti organiċi volatili tagħhom ikklassifikati bħala karċinoġeni, mutaġeniċi, jew tossiċi għar-riproduzzjoni skont ir-Regolament 1272/, huma assenjati jew jeħtieġ li jkollhom id-dikjarazzjonijiet ta' perikolu H340, H350, H350i, H360D jew H360F jew il-frażijiet ta' riskju R45, R46, R49, R60 jew R61, għandhom jinbidlu, sakemm huwa possibbli, minn sustanzi jew taħlitiet anqas ta' ħsara fl-anqas ħin possibbli.

8. L-Artikolu 59(5) għandu japplika mill-1 ta' Ġunju 2015. Sa dik id-data l-emissjonijiet ta' jew il-komposti organiċi volatili li huma assenjati jew li jeħtieġu jkollhom fuqhom id-dikjarazzjonijiet ta' periklu H340, H350, H350i, H360D jew H360F jew il-frażijiet ta' riskju R45, R46, R49, R60 jew R61 jew komposti organiċi volatili aloġeniċi li huma assenjati jew jeħtieġ li jkollhom fuqhom id-dikjarazzjonijiet ta' periklu H341 jew H351 jew il-frażijiet ta' riskju R40 jew R68, għandhom ikunu kontrollati taħt kondizzjonijiet kontenuti, sakemm ikun teknikament u ekonomikament possibbli biex tigi mħarsa s-saħħa pubblika u l-ambjent u m'għandhomx jaqbżu l-valuri limitu tal-emissjonijiet rilevanti stabbiliti fil-Parti 4 tal-Anness VII.

9. Il-Punt 2 tal-Parti 4 tal-Anness VII għandu japplika mill-1 ta' Ġunju 2015. Sa dik id-data, għall-emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili alloġenati li huma assenjati jew jeħtieġ li jkollhom fuqhom id-dikjarazzjonijiet ta' periklu H341 jew H351 jew il-frażijiet ta' riskju R40 jew R68, fejn il-fluss tal-massa tas-somma tal-taħlit li jikkawża d-dikjarazzjonijiet ta' periklu H341 jew H351 jew it-tikkettar R40 jew R68 huwa akbar minn, jew daqs, 100 g/h, valur limitu tal-emissjonijiet ta' 20 mg/$Nm^3$ għandhom jitharsu. Il-valur limitu tal-emissjonijiet jirriferi għas-somma massima tal-komposti individwali.

*Artikolu 83*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 84*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, l-24 ta' Novembru 2010.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | O. CHASTEL |

*ANNESS I*

**Kategoriji ta’ attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 10**

Il-valuri tal-limiti minimi mogħtija hawn taħt ġeneralment jirriferu għall-kapaċitajiet jew ir-rendiment tal-produzzjoni. Meta diversi attivitajiet li jidħlu taħt l-istess deskrizzjoni tal-attività li fiha limitu minimu jitħaddmu fl-istess installazzjoni, il-kapaċitajiet ta’ dawn l-attivitajiet jiġu miżjuda flimkien. Għall-attivitajiet ta’ ġestjoni tal-iskart, dan il-kalkolu għandu japplika fil-livell tal-attivitajiet 5.1, 5.3(a) u 5.3(b).

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi gwida dwar:

(a) ir-relazzjoni bejn l-attivitajiet tal-ġestjoni tal-iskart deskritti f’dan l-Anness u dawk deskritti fl-Annessi I u II għad-Direttiva 2008/98/KE; u

(b) l-interpretazzjoni tat-terminu “skala industrijali” fir-rigward tad-deskrizzjoni tal-attivitajiet tal-industrija tas-sustanzi kimiċi deskritti f’dan l-Anness.

1. L-industriji tal-enerġija

1.1. Kombustjoni ta’ karburanti f’installazzjonijiet b’kapaċità termali totali ta’ 50 MW jew aktar

1.2. Raffinar taż-żejt minerali u l-gass

1.3. Produzzjoni tal-faħam

1.4. Gassifikazzjoni jew tidwib ta’:

(a) faħam;

(b) karburanti oħra f’installazzjonijiet b’kapaċità termali kklassifikata totali ta’ 20 MW jew aktar.

2. Il-produzzjoni u l-ipproċessar tal-metalli

2.1. Xiwi jew tagħqid bis-sħana tal-minerali tal-metall (inkluż il-mineral tas-sulfid)

2.2. Produzzjoni ta’ ħadid mill-forġa jew azzar (fużjoni primarja jew sekondarja) inkluż l-ikkastjar kontinwu, b’kapaċità li teċċedi t-2,5 tunellati fis-siegħa

2.3. Ipproċessar tal-metalli tal-ħadid:

(a) it-tħaddim ta’ hot-rolling mills b’kapaċità li teċċedi l-20 tunellata metrika ta’ azzar mhux maħdum fis-siegħa;

(b) it-tħaddim ta’ foroġ bl-imrietel li l-enerġija tagħhom teċċedi l-50 kilojoule kull martell, meta l-enerġija kalorifika użata teċċedi l-20 MW;

(c) l-applikazzjoni ta’ passati protettivi ta’ metall magħqud b’input li jeċċedi 2 tunnellati metriċi ta’ azzar mhux maħdum fis-siegħa.

2.4. It-tħaddim ta’ funderiji ta’ metall tal-ħadid b’kapaċità ta’ produzzjoni li teċċedi l-20 tunnellata metrika kull jum

2.5. Ipproċessar tal-metalli mhux tal-ħadid:

(a) produzzjoni ta’ metalli mhux tal-ħadid mis-sors ta’ metall mhux maħdum, konċentrati jew materja mhux maħduma sekondarja bi proċessi metallurġiċi, kimiċi jew elettrolitiċi;

(b) tidwib, inkluż it-taħlit ma’ metalli oħra, ta’ metalli mhux tal-ħadid, inklużi prodotti rkuprati u t-tħaddim ta’ funderiji ta’ metall li mhux ħadid b’kapaċità ta’ tidwib li teċċedi l-4 tunnellati metriċi kull jum għal ċomb u kadmju jew 20 tunnellata metrika kull jum għall-metalli l-oħra kollha.

2.6. Trattament tal-wiċċ ta’ metalli jew materjali tal-plastik bl-użu ta’ proċess elettrolitiku jew kimiku fejn il-volum tal-btieti tat-trattament jeċċedi t-30 $m^3$

3. L-industrija minerarja

3.1. Produzzjoni ta' siment, ġir u ossidu tal-manjesju:

(a) produzzjoni ta' gagazza tas-siment fi fran li jduru b'kapaċità ta' produzzjoni li teċċedi l-500 tunnellata metrika kull jum jew fran oħra b'kapaċità ta' produzzjoni li teċċedi l-50 tunnellata metrika kull jum;

(b) produzzjoni ta' ġir fi fran b'kapaċità li teċċedi l-50 tunnellata metrika kull jum;

(c) produzzjoni ta' ossidu tal-manjesju fi fran b'kapaċità ta' produzzjoni li teċċedi l-50 tunnellata metrika kull jum.

3.2. Produzzjoni tal-asbestos jew l-manifattura ta' prodotti bażati fuq l-asbestos

3.3. Manifattura tal-ħġieġ inkluża fibra tal-ħġieġ b'kapaċità ta' tidwib li teċċedi l-20 tunnellata metrika kull jum

3.4. Tidwib ta' sustanzi minerali inkluża l-produzzjoni ta' fibra minerali b'kapaċità ta' tidwib li teċċedi l-20 tunnellata metrika kull jum

3.5. Manifattura bin-nar ta' prodotti taċ-ċeramika, mod partikolari madum tal-bjut, knaten, katen ta' tip refrattorju, madum, oġġetti tal-ġebel jew porċellana b'kapaċità ta' produzzjoni li teċċedi l-75 tunnellata metrika kull jum u/jew b'kapaċità ta' forn li teċċedi l-4 $m^3$ u b'densità ta' ssettjar għal kull forn li teċċedi t-300 $kg/m^3$

4. L-industrija tal-kimika

Għall-finijiet ta' din it-taqsima, produzzjoni skont it-tifsira tal-kategoriji ta' attivitajiet li jinsabu f'din it-taqsima tfisser il-produzzjoni fuq skala industrijali permezz ta' pproċessar kimiku jew bijoloġiku tas-sustanzi jew gruppi ta' sustanzi elenkati punti 4.1 sa 4.6

4.1. Produzzjoni ta' kimiki organiċi, bħal:

(a) idrokarburi sempliċi (lineari jew ċikliċi, saturati jew mhux saturati, alifatiċi jew aromatiċi);

(b) idrokarburi li jkun fihom l-ossiġnu bħal alkoħol, aldeidi, ketoni, aċidi karbosiliċi, esteri u taħlitiet ta' esteri, aċetati, eteri, perossidi u reżini epossidiċi;

(c) idrokarburi bil-kubrit;

(d) idrokarburi tan-nitroġenu bħal amini, amidi, komposti nitrużi, komposti nitro jew komposti tan-nitrati, nitrili, ċjanati, isoċjanati;

(e) idrokarburi li jkun fihom il-fosfru;

(f) idrokarburi aloġeniċi;

(g) komposti organometalliċi;

(h) materjali tal-plastik (polimeri, fibri sintetiċi u fibri b'bażi taċ-ċellulojde);

(i) lastiku sintetiku;

(j) koloranti (żebgħat) u pigmenti;

(k) aġenti attivi tal-wiċċ u surfattanti.

4.2. Produzzjoni ta' kimiċi inorganiċi, bħal:

(a) gassijiet, bħall-ammonja, il-klorin jew klorur tal-idroġenu, fluworin jew fluworidu tal-idroġenu, ossidi tal-faham, komposti tal-kubrit, ossidi tan-nitroġenu, idroġenu, diossidu tal-kubrit, klorur tal-karbonil;

(b) aċidi, bħal aċidu kromiku, aċidu idrofluworiku, aċidu fosforiku, aċidu nitriku, aċidu idrokloriku, aċidu tal-kubrit, oleu, aċidi bil-kubrit;

(c) bażijiet bħal idrossidu tal-ammonju, idrossidu tal-potassju, idrossidu tas-sodju;

(d) melħ, bħal klorut tal-ammonju, klorat tal-potassju, karbonat tal-potassju, karbonat tas-sodju, perborat, nitrat tal-fidda;

(e) in-non-metalli, ossidi tal-metall jew komposti inorganiċi oħra bħal karbur tal-kalċju, silikon, karbur tas-silikon.

4.3. Produzzjoni ta' fertilizzanti bażati fuq il-fosfru, in-nitroġenu jew il-potassju (fertilizzanti sempliċi jew komposti)

4.4. Produzzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew bijoċidi

4.5. Produzzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi inkluż intermedji

4.6. Produzzjoni ta' splussivi

5. L-immaniġġjar tal-iskart

5.1. Rimi jew ġbir lura ta' skart perikoluż b'kapaċità li teċċedi l-10 tunnellati metriċi kull jum li jinvolvi wieħed jew iżjed mill-attivitajiet li ġejjin:

(a) trattament bijoloġiku:

(b) trattament fiżikokimiku;

(c) taħlit jew taħwid qabel ma ssir kwalunkwe attività oħra elenkata fil-punti 5.1 u 5.2;

(d) ripakkettar qabel ma ssir kwalunkwe attività oħra elenkata fil-punti 5.1 u 5.2;

(e) riklamazzjoni/riġenerazzjoni ta' solventi;

(f) riċiklaġġ/riklamazzjoni ta' materjali inorganiċi barra l-metalli jew komposti tal-metall;

(g) riġenerazzjoni ta' aċidi jew bażijiet;

(h) irkupru tal-komponenti użati fit-taffija tat-tniġġis;

(i) irkupru ta' komponenti mill-katalizzaturi;

(j) raffinar mill-ġdid taż-żjut jew użi oħra mill-ġdid taż-żjut;

(k) lagunaġġ.

5.2. Rimi jew irkupru ta' skart f'impjanti għall-inċinerazzjoni tal-iskart jew f'impjanti ta' koinċinerazzjoni tal-iskart:

(a) għall-iskart mhux perikoluż b'kapaċità li teċċedi t-3 tunnellati metriċi fis-siegħa;

(b) għall-iskart perikoluż b'kapaċità li teċċedi l-10 tunnellati metriċi kull jum.

5.3. (a) Rimi ta' skart mhux perikoluż b'kapaċità li teċċedi l-50 tunnellata metrika kull jum li jinvolvi waħda jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin, u li jeskludi attivitajiet koperti mid-Direttiva 91/271/KEE dwar it-trattament tal-ilma urban mormi ([1]):

(i) trattament bijoloġiku;

(ii) trattament fiżiko-kimiku;

(iii) trattament minn qabel tal-iskart għall-inċinerazzjoni jew il-koinċinerazzjoni;

(iv) trattament ta' gagazzi u rmied;

(v) trattament fi shredders tal-iskart tal-metall, inkluż tagħmir tal-iskart tal-elettriku u elettroniku u karozzi li spiċċaw u l-komponenti tagħhom.

([1]) ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40.

(b) Irkupru, jew taħlita ta' rkupru u rimi, ta' skart mhux perikoluż b'kapaċità li taqbeż il-50 tunnellata kull jum li tinvolvi waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew aktar, u li teskludi l-attivitajiet koperti mid-Direttiva 91/271/KEE:

(i) trattament bijoloġiku;

(ii) trattament minn qabel tal-iskart għall-inċinerazzjoni jew il-koinċinerazzjoni;

(iii) trattament ta' gagazzi u rmied;

(iv) trattament fi shredders tal-iskart tal-metall, inkluż tagħmir tal-iskart tal-elettriku u elettroniku u karozzi li spiċċaw u l-komponenti tagħhom.

Meta l-unika attività ta' trattament tal-ilma li titwettaq hija d-diġestjoni anaerobika, il-limitu ta' kapaċità għal din l-attività għandu jkun ta' 100 tunnellata kull jum.

5.4. Postijiet ta' radam, kif definit fil-punt (g) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma ([1]), li jirċievu aktar minn 10 tunnellati metriċi ta' skart kull jum b'kapaċità totali li teċċedi l-25 000 tunnellata metrika, esklużi postijiet ta' radam għal skart inerti

5.5. Ħżin temporanju ta' skart perikoluż mhux kopert taħt punt 5.4 sakemm issir kwalunkwe attività elenkata fil-punti 5.1, 5.2, 5.4 u 5.6 f'kapaċità totali li teċċedi l-50 tunnellata metriċi, eskluż il-ħżin temporanju, sakemm isir il-ġbir, fuq il-post fejn l-iskart jiġi ġġenerat

5.6. Ħżin taħt l-art għal skart perikoluż b'kapaċità totali li teċċedi l-50 tunnellata metrika

6. Attivitajiet oħra

6.1. Produzzjoni f'installazzjonijiet industrijali ta':

(a) polpa minn injam jew materjali fibrużi oħra;

(b) karta jew kartun b'kapaċità ta' produzzjoni li teċċedi l-20 tunnellata metrika kull jum;

(c) wieħed jew aktar mill- panewijiet tal-injam li ġejjin: kartun mibrum flimkien, kartun tal-partikola jew kartun tal-fibra b'kapaċità ta' produzzjoni li teċċedi l-600 $m^3$ kull jum.

6.2. Trattament minn qabel (operazzjonijiet ta' ħasil, ibbliċjar, illustrar) jew tiżbigħ ta' fibri tat-tessuti jew ta' tessuti fejn il-kapaċità tat-trattament teċċedi l-10 tunnellati metriċi kuljum

6.3. Ikkunzar tal-ġlud fejn il-kapaċità tat-trattament teċċedi t-12-il tunnellata metrika ta' prodotti lesti kull jum

6.4. (a) Tħaddim ta' biċċeriji b'kapaċità ta' produzzjoni ta' karkassi ta' aktar minn 50 tunnellata metrika kull jum

(b) Trattament u proċessar, barra l-imballaġġ esklussiv, tal-materja prima li ġejja, kemm jekk ġiet proċessata qabel jew le, maħsuba għall-produzzjoni ta' ikel jew għalf minn:

(i) materja prima tal-annimali biss (barra minn esklussivament ħalib) b'kapaċità ta' produzzjoni ta' prodotti lesti akbar minn 75 tunnellata metrika kull jum;

(ii) materja prima veġetali biss b'kapaċità ta' produzzjoni ta' prodotti lesti akbar minn 300 tunellata metrika kull jum jew 600 tunnellata kull jum fejn l-installazzjoni topera għal perijodu ta' mhux aktar minn 90 jum konsekuttiv fi kwalunkwe sena;

(iii) materja prima tal-annimali u veġetali, kemm fi prodotti kombinati kif ukoll fi prodotti separati, b'kapaċità ta' produzzjoni ta' prodotti lesti f'tunnellati metriċi kull jum akbar minn:

— 75 jekk A jkun daqs jew aktar minn 10; jew

— [300- (22.5 x A)] fi kwalunkwe każ ieħor

fejn "A" hija porzjon ta' materjal mill-annimali (f'perċentwal ta' piż) mill-kapaċità ta' produzzjoni ta' prodotti lesti.

L-imballaġġ m'għandux jiġi inkluż fil-piż finali tal-prodott.

([1]) ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1.

Din is-subtaqsima m'għandhiex tapplika fejn il-materja prima tkun ħalib biss.




(c) Trattament u pproċessar ta' ħalib biss, fejn il-kwantità ta' ħalib riċevut tkun aktar minn 200 tunnellata metrika kull jum (valur medju fuq bażi annwali).

6.5. Rimi jew riċiklaġġ ta' karkassi ta' annimali jew skart tal-annimali b'kapaċità ta' trattament li teċċedi l-10 tunnellati metriċi kull jum

6.6. Trobbija intensiva tat-tjur jew tal-ħnieżer:

(a) b'aktar minn 40 000 post għat-tjur;

(b) b'aktar minn 2 000 post għal majjali ta' produzzjoni (aktar minn 30 kg), jew

(c) b'aktar minn 750 post għal ħnieżer nisa.

6.7. Trattament fil-wiċċ ta' sustanzi, oġġetti jew prodotti bl-użu ta' solventi orġaniċi, b'mod partikolari għat-tiżjin, stampar, kisi, tneħħija tal-grass, waterproofing, sizing, tiżbigħ, tindif jew mili, b'kapaċità ta' konsum ta' solvent organiku aktar minn 150 kg fis-siegħa jew aktar minn 200 tunellata metrika fis-sena

6.8. Produzzjoni ta' faħam (faħam hard-burnt) jew elettrografit permezz ta' ħruq jew grafitizzazzjoni

6.9. Qbid ta' nixxigħat tas-$CO_2$ minn installazzjonijiet koperti minn din id-Direttiva għall-finijiet ta' ħżin ġeoloġiku skont id-Direttiva 2009/31/KE

6.10. Preservazzjoni ta' injam u prodotti tal-injam b'kimiċi b'kapaċità ta' produzzjoni li teċċedi l-75 $m^3$ kull jum minbarra dawk li b'mod esklussiv jittrattaw kontra s-sapstain

6.11. Trattament tad-dranaġġ imħaddem indipendentement mhux kopert bid-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE u r-rimi minn installazzjoni koperta mill-Kapitolu II

*ANNESS II*

**Lista ta' sustanzi li jniġġsu**

ARJA

1. Diossidu tal-kubrit u komposti oħra tal-kubrit
2. Ossidi tan-nitroġenu u komposti oħra tan-nitroġenu
3. Monossidu tal-karbonju
4. Komposti organiċi volatili
5. Metalli u l-komposti tagħhom
6. Trab inkluż materja partikolata fina
7. Asbestos (partikoli f'sospensjoni, fibri)
8. Klorin u l-komposti tiegħu
9. Fluworin u l-komposti tiegħu
10. Arseniku u l-komposti tiegħu
11. Ċjanuri
12. Sustanzi u taħlitiet li jkun ġie ppruvat li jkun fihom proprjetajiet karċinoġeniċi jew mutaġeniċi jew proprjetajiet li jistgħu jaffettwaw ir-riproduzzjoni permezz tal-arja
13. Dibenzodijossini poliklorinati u dibenzofurani polikolorinati

ILMA

1. Komposti organoaloġeni u sustanzi li jistgħu jiffurmaw komposti bħal dawn fl-ambjent akkwatiku
2. Komposti organofosfori
3. Komposti organotini
4. Sustanzi u taħlitiet li jkun ġie ppruvat li fihom proprjetajiet karċinoġeniċi jew mutaġeniċi jew proprjetajiet li jistgħu jaffettwaw ir-riproduzzjoni permezz tal-ambjent akkwatiku
5. Idrokarburi persistenti u sustanzi organiċi tossiċi persistenti u bijoakkumulabbli
6. Ċjanuri
7. Metalli u l-komposti tagħhom
8. Arseniku u l-komposti tiegħu
9. Bijoċidi u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti
10. Materjali f'sospensjoni
11. Sustanzi li jikkontribwixxu għall-ewtrofikazzjoni (b'mod partikolari, nitrati u fosfati)
12. Sustanzi li għandhom influwenza mhux favorevoli fuq il-bilanċ tal-ossiġnu (u jistgħu jitkejlu bl-użu ta' parametri bħal BOD, COD, eċċ.)
13. Is-sustanzi elenkati fl-Anness X tad-Direttiva 2000/60/KE

*ANNESS III*

**Kriterji biex jiġu ddeterminati l-aqwa metodi tekniċi disponibbli**

1. l-użu ta’ teknoloġija ta’ skart baxx fl-ammont;

2. l-użu ta’ sustanzi anqas perikolużi;

3. it-tkomplija tal-ġbir lura u r-riċiklaġġ ta’ sustanzi ġenerati u użati fil-proċess u ta’ skart, fejn xieraq;

4. proċessi paragunabbli, faċilitajiet u metodi għat-tħaddim li jkunu ġew ippruvati b’suċċess fuq skala industrijali;

5. teknoloġiji avvanzati u tibdil fl-għarfien u fil-fehim xjentifiku;

6. in-natura, l-effetti u l-volumi tal-emissjonijiet konċernati;

7. id-dati tal-ikkumissjonar ta’ installazzjonijiet ġodda jew eżistenti;

8. it-tul ta’ żmien meħtieġ għall-introduzzjoni tal-aħjar teknika disponibbli;

9. il-konsum u n-natura tal-materja prima (inkluż l-ilma) użata fil-proċess u l-effiċjenza ta’ enerġija tagħhom;

10. il-ħtieġa tal-prevenzjoni jew tnaqqis għall-minimu tal-impatt ġenerali ta’ emissjonijiet fuq l-ambjent u r-riskji għalih;

11. il-ħtieġa ta’ prevenzjoni ta’ aċċidenti u l-imminimizzar tal-konsegwenzi għall-ambjent;

12. l-informazzjoni ppubblikata mill-organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi.

*ANNESS IV*

**Il-Partieċipazzjoni tal-pubbliku fit-tfassil tad-deċiżjonijiet**

1. Il-pubbliku għandu jiġi mgħarraf (b'avviżi pubbliċi jew b'mezzi oħra xierqa bħalma hija l-midja elettronika meta disponibbli) dwar il-materji li ġejjin kmieni fil-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet jew, l-iktar tard hekk kif din l-informazzjoni tkun tista' tiġi pprovvduta b'mod raġonevoli:

   (a) l-applikazzjoni għal permess jew, skont kif ikun il-każ, il-proposta għall-aġġornament ta' permess jew tal-kondizzjonijiet ta' permess skont l-Arikolu 21, inkluża d-deskrizzjoni tal-elementi elenkati fl-Artikolu 12(1);

   (b) fejn applikabbli, il-fatt li deċiżjoni hija suġġetta għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali nazzjonali jew transkonfinali jew għal konsultazzjonijiet bejn l-Istati Membri skont l-Artikolu 26;

   (c) id-dettalji tal-awtoritajiet kompetenti responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet, dawk li minnhom tista' tinkiseb informazzjoni rilevanti, dawk li lilhom jistgħu jiġu sottomessi kummenti jew mistoqsijiet, u d-dettalji dwar l-iskeda taż-żmien għat-trasmissjoni tal-kummenti jew il-mistoqsijiet;

   (d) in-natura tad-deċiżjonijiet possibbli jew, meta jkun hemm wieħed, l-abbozz tad-deċiżjoni;

   (e) meta japplikaw, id-dettalji li għandhom x'jaqsmu ma' proposta sabiex jiġu aġġornati permess jew il-kondizzjonijiet ta' permess;

   (f) indikazzjoni dwar iż-żminijiet u l-postijiet fejn, jew il-mezzi li permezz tagħhom, l-informazzjoni rilevanti issir disponibbli;

   (g) id-dettalji tal-arranġamenti għall-partieċipazzjoni u l-konsultazzjoni tal-pubbliku magħmula skont il-punt 5.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'perijodi xierqa taż-żmien, dan li ġej isir disponibbli għall-pubbliku kkonċernat:

   (a) skont il-liġi nazzjonali, ir-rapporti prinċipali u l-pariri maħruġa lill-awtorità jew lill-awtoritajiet kompetenti fiż-żmien meta l-pubbliku interessat ġie mgħarraf skont il-punt 1;

   (b) skont id-Direttiva 2003/4/KE, l-informazzjoni għajr dik imsemmija fil-punt 1 li tkun rilevanti għad-deċiżjoni skont l-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva u li ssir disponibbli biss wara ż-żmien li l-pubbliku interessat ikun ġie mgħarraf skont il-punt 1.

3. Il-pubbliku kkonċernat għandu jkun intitolat li jesprimi kummenti u opinjonijiet lill-awtorità kompetenti qabel ma tittieħed deċiżjoni.

4. Ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet li jsiru skont dan l-Anness iridu jitqiesu kif misthoqq fit-teħid ta' deċiżjoni.

5. L-arranġamenti ddettaljati sabiex il-pubbliku jiġi mgħarraf (pereżempju, bit-twaħħil tal-kartelluni f'ċertu raġġ jew bil-pubblikazzjoni fil-gazzetti lokali) u sabiex il-pubbliku interessat jiġi kkonsultat (pereżempju, b'sottomissjonijiet bil-miktub jew permezz ta' inkjesta pubblika) għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri. Għandhom jiġu pprovvduti perijodi raġjonevoli ta' żmien għall-fażijiet differenti, billi jiġi permess żmien biżżejjed sabiex il-pubbliku u l-pubbliku interessat jiġu mgħarrfa sabiex iħejju ruħhom u jippartieċipaw b'mod effettiv fit-tfassil tad-deċiżjonijiet dwar l-ambjent suġġett għal dan l-Anness.

*ANNESS V*

**Dispożizzjonijiet tekniċi dwar l-impjanti ta' kombustjoni**

PARTI 1

*Valuri limitu tal-emissjonijiet għall-impjanti ta' kombustjoni msemmija fl-Artikolu 30(2)*

1. Il-valuri limitu kollha tal-emissjonijiet għandhom jiġu kkalkulati f'temperatura ta' 273,15 K, pressjoni ta' 101,3 kPa u wara korrezzjoni għall-kontenut ta' fwar fil-gassijiet ta' skart u b'kontenut standardizzat ta' $O_2$ ta' 6 % ta' karburanti solidi, 3 % għall- impjanti ta' kombustjoni, minbarra turbini tal-gass u magni tal-gass bl-użu ta' karburanti likwidi jew gassużi u 15 % għal turbini tal-gass u magni tal-gass.

2. Valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/Nm$^3$) għall-$SO_2$ għall-impjanti ta' kombustjoni li jużaw karburanti solidi jew likwidi bl-eċċezzjoni ta' turbini tal-gass u magni tal-gass

| Kapaċità termali kklassifikata totali (MW) | Faħam u linjite u karburanti solidi oħrajn | Bijomassa | Pit | Karburanti likwidi |
|---|---|---|---|---|
| 50-100 | 400 | 200 | 300 | 350 |
| 100-300 | 250 | 200 | 300 | 250 |
| > 300 | 200 | 200 | 200 | 200 |

Impjanti ta' kombustjoni, li jużaw karburanti solidi li nħarġilhom permess qabel is-27 ta' Novembru 2002 jew li l-operaturi tagħhom kienu ppreżentaw applikazzjoni kompluta għall-permess qabel dik id-data, bil-kondizzjoni li l-impjant beda jitħaddem mhux aktar tard mis-27 ta' Novembru 2003, u li ma jitħaddmux iktar minn 1 500 siegħa ta' tħaddim fis-sena bħala medja tul perijodu ta' ħames snin, għandhom ikunu suġġetti għal valur limitu tal-emissjonijiet għall-$SO_2$ ta' 800 mg/Nm$^3$.

L-impjanti ta' kombustjoni li jużaw karburanti likwidi, li ngħataw permess qabel is-27 ta' Novembru 2002 jew li l-operaturi tagħhom kienu ppreżentaw applikazzjoni kompluta għall-permess qabel dik id-data, bil-kondizzjoni li l-impjant beda jitħaddem mhux aktar tard mis-27 ta' Novembru 2003, u li ma jitħaddimx għal aktar minn 1 500 siegħa ta' tħaddim fis-sena bħala medja mobbli matul perijodu ta' ħames snin, għandhom ikunu suġġetti għal valur limitu tal-emissjonijiet għas-$SO_2$ ta' 850 mg/Nm$^3$ f'każ ta' impjanti b'kapaċità termali kklassifikata totali ta' dħul li ma teċċedix it-300 MW u ta' 400 mg/Nm$^3$ f'każ ta' impjanti b'kapaċità termali kklassifikata totali ta' dħul akbar minn 300 MW.

Parti minn impjant ta' kombustjoni li tarmi l-iskart gassuż tagħha permezz ta' kanal wieħed għall-iskart separat jew aktar f'ċumnija komuni, u li ma taħdimx għal aktar minn 1 500 siegħa ta' tħaddim kull sena bħala medja mobbli matul perijodu ta' ħames snin, tista' tkun suġġetta għall-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fiż-żewġ paragrafi preċedenti fir-rigward tal-kapaċità termali kklassifikata totali tal-impjant ta' kombustjoni sħiħ. F'każijiet bħal dawn l-emissjonijiet minn kull wieħed minn dawk il-kanali għall-iskart għandhom ikunu kkontrollati separatament.

3. Valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/Nm$^3$) għall-$SO_2$ għall-impjanti ta' kombustjoni li jużaw karburanti gassużi bl-eċċezzjoni ta' turbini tal-gass u magni tal-gass

| | |
|---|---|
| B'mod ġenerali | 35 |
| Gass likwifikat | 5 |
| Gassijiet kalorifiċi baxxi minn forn tal-coke | 400 |
| Gassijiet kalorifiċi baxxi minn blast furnace | 200 |

L-impjanti ta' kombustjoni, li jarmu gassijiet kalorifiċi baxxi mill-gassifikazzjoni tar-residwi tar-raffinerija, li nħarġilhom permess qabel is-27 ta' Novembru 2002 jew li l-operaturi tagħhom kienu ppreżentaw applikazzjoni kompluta għall-permess qabel dik id-data, bil-kondizzjoni li l-impjant beda jopera mhux aktar tard mis-27 ta' Novembru 2003, għandhom ikunu suġġetti għall-valur limitu tal-emissjonijiet għad-diossidu tal-kubrit ta' 800 mg/Nm$^3$.

4. Valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/Nm$^3$) għall-ossidi tan-nitroġenu għal impjanti ta' kombustjoni li jużaw karburanti solidi jew likwidi bl-eċċezzjoni ta' turbini tal-gass u magni tal-gass

| Kapaċità termali kklassifikata totali (MW) | Faħam u linjite u karburanti solidi oħrajn | Bijomassa u pit | Karburanti likwidi |
|---|---|---|---|
| 50-100 | 300<br>450 fil-każ ta' kombustjoni ta' linjite pulverizzat | 300 | 450 |
| 100-300 | 200 | 250 | 200 (1) |
| > 300 | 200 | 200 | 150 (1) |

*Nota:*

(1) Il-valur limitu tal-emissjonijiet huwa ta' 450 mg/Nm$^3$ għall-ħruq tar-residwi ta' distillazzjoni u konverżjoni mir-raffinar ta' żejt mhux raffinat għall-konsum tagħhom stess f'impjanti ta' kombustjoni b'input termali kklassifikat totali li ma jaqbiżx il-500 MWth li nħarġilhom permess qabel is-27 ta' Novembru 2002 jew li l-operaturi tagħhom kienu ppreżentaw applikazzjoni kompluta għall-permess qabel dik id-data sakemm l-impjant beda jitħaddem mhux aktar tard mis-27 ta' Novembru 2003.

L-impjanti ta' kombustjoni f'installazzjonijiet kimiċi li jużaw residwi ta' produzzjoni likwidi bħala karburant mhux kummerċjali għall-konsum tagħhom stess b'input termiku kkwalifikat totali li ma jaqbiżx il-500 MW li nħarġilhom permess qabel is-27 ta' Novembru 2002, jew li l-operaturi tagħhom kienu ppreżentaw applikazzjoni kompluta għall-permess qabel dik id-data, bil-kondizzjoni li l-impjant beda jitħaddem mhux aktar tard mis-27 ta' Novembru 2003, għandhom ikunu suġġetti għall-valur limitu tal-emissjonijiet għal $No_x$ ta' 450 mg/Nm$^3$.

Impjanti ta' kombustjoni li jużaw karburanti solidi jew likwidi b'kapaċità termali kkwalifikata totali li ma taqbiżx il-500 MW li nħarġilhom permess qabel is-27 ta' Novembru 2002 jew li l-operaturi tagħhom kienu ppreżentaw applikazzjoni kompluta għall-permess qabel dik id-data, bil-kondizzjoni li l-impjant beda jitħaddem mhux aktar tard mis-27 ta' Novembru 2003, u li ma jitħaddimx iktar minn 1,500 siegħa ta' tħaddim fis-sena bħala medja li tinbidel tul perijodu ta' ħames snin, għandhom ikunu suġġetti għall-valur limitu tal-emissjonijiet għall-$NO_x$ ta' 450 mg/Nm$^3$.

Impjanti ta' kombustjoni li jużaw karburanti solidi b'kapaċità termali kklassifikata totali akbar minn 500 MW, li nħarġilhom permess qabel l-1 ta' Lulju 1987, u li ma jitħaddmux iktar minn 1 500 siegħa ta' tħaddim fis-sena bħala medja tul perijodu ta' ħames snin, għandhom ikunu suġġetti għal valur limitu tal-emissjonijiet tal-$NO_x$ ta' 450 mg/Nm$^3$.

L-impjanti ta' kombustjoni li jużaw karburanti likwidi b'kapaċità termali totali kklassifikata ta' dħul akbar minn 500 MW, li nħarġilhom permess qabel is-27 ta' Novembru 2002 jew li l-operaturi tagħhom kienu ppreżentaw applikazzjoni kompluta għall-permess qabel dik id-data, bil-kondizzjoni li l-impjant beda jitħaddem mhux aktar tard mis-27 ta' Novembru 2003, u li ma jitħaddimx għal aktar minn 1 500 siegħa ta' tħaddim fis-sena bħala medja mobbli matul perijodu ta' ħames snin, għandhom ikunu suġġetti għal valur limitu tal-emissjonijiet għall-$NO_x$ ta' 400 mg/Nm$^3$.

Parti minn impjant ta' kombustjoni li tarmi l-gassijiet ta' skart tagħha permezz ta' kanal wieħed jew aktar għall-iskart separat f'ċumnija komuni, u li ma titħaddimx għal aktar minn 1 500 siegħa ta' tħaddim kull sena bħala medja mobbli matul perijodu ta' ħames snin, tista' tkun suġġetta għall-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fit-tliet paragrafi preċedenti fir-rigward tal-kapaċità termali kkwalifikata totali tal-impjant sħiħ ta' kombustjoni. F'każijiet bħal dawn l-emissjonijiet minn kull wieħed minn dawn il-kanali għall-iskart għandhom ikunu kkontrollati separatament.

5. It-turbini tal-gass (inkluż CCGT) li jużaw distillati ħfief jew medji bħala karburanti likwidi għandhom ikunu suġġetti għal valur limitu tal-emissjonijiet għall-$NO_x$ ta' 90 mg/Nm$^3$ u għal CO ta' 100 mg/Nm$^3$.

It-turbini tal-gass għall-użu ta' emerġenza li jitħaddmu għal inqas minn 500 siegħa ta' tħaddim kull sena mhumiex koperti bil-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti f'dan il-punt. L-operatur ta' tali impjanti għandu jirreġistra s-sigħat ta' tħaddim użati.

6. Valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/Nm$^3$) għall-$NO_x$ u CO għall-impjanti ta' kombustjoni mħaddma bil-gass

| | $NO_x$ | CO |
|---|---|---|
| Impjanti ta' kombustjoni li jaħarqu gass naturali bl-eċċezzjoni ta' turbini tal-gass u magni tal-gass | 100 | 100 |
| Impjanti ta' kombustjoni li jaħarqu gass blast furnace, gass tal-forn tal-kokk jew gassijiet kalorifiċi baxxi mill-gassifikazzjoni ta' residwi tar-raffineriji, bl-eċċezzjoni ta' turbini tal-gass u l-magni tal-gass | 200 (4) | — |
| Impjanti ta' kombustjoni li jaħarqu gassijiet oħra bl-eċċezzjoni ta' turbini tal-gass u l-magni tal-gass | 200 (4) | — |
| Turbini tal-gass (inkluż CCGT), li jużaw il-gass naturali (1) bħala karburant | 50 (2) (3) | 100 |
| Turbini tal-gass (inkluż CCGT), li jużaw gass ijiet oħra bħala karburant | 120 | — |
| Magni li jaħdmu bil-gass | 100 | 100 |

*Noti:*

(1) Il-gass naturali huwa metan li jinħoloq naturali b'mhux iktar minn 20 % (skont il-volum) ta' inerti u kostitwenti oħrajn.

(2) 75 mg/Nm3 fil-każijiet li ġejjin, fejn l-effiċjenza tat-turbina tal-gass hi determinata mill-kondizzjonijiet tat-tagħbija bażi ISO:

(i) turbini tal-gass, użati f'sistemi ta' shana u power kombinati li għandhom effiċjenza globali ta' iktar minn 75 %;

(ii) turbini tal-gass, użati f'impjanti ta' ċiklu konġunti li għandhom effiċjenza elettrika globali medja annwali ta' iktar minn 55 %;

(iii) turbini tal-gass għal tħaddim mekkaniku.

(3) Għal turbini tal-gass ta' ċiklu wieħed li ma jaqgħu taħt ebda waħda mill-kategoriji msemmija fil-nota (2), iżda li għandhom effiċjenza ta' iktar minn 35 % - determinati bil-kondizzjonijiet ta' tagħbija bażi ISO - il-valur limitu tal-emissjonijiet għall-$NO_x$ għandu jkun 50xη/35 fejn η hija l-effiċjenza tat-turbina tal-gass f'kondizzjonijiet ta' tagħbija bażi ISO espressa bħala perċentwali.

(4) *300 mg/Nm$^3$* għal tali impjanti ta' kombustjoni b'kapaċità termali kklassifikata totali li ma taqbiżx il-500 MWth li nħarġilhom permess qabel is-27 ta' Novembru 2002 jew li l-operatur tagħhom kien ippreżenta applikazzjoni kompluta għall-permess qabel dik id-data, bil-kondizzjoni li l-impjant beda jitħaddem mhux aktar tard mis-27 ta' Novembru 2003.

Għal turbini tal-gass (inkluż CCGT), il-valuri limitu tal-emissjonijiet tal-$NO_x$ u CO stabbiliti f'dan il-punt japplikaw biss f'tagħbija ogħla minn 70 %.

Għat-turbini tal-gass (inkluż CCGT) li nħarġilhom permess qabel is-27 ta' Novembru 2002 jew li l-operaturi tagħhom kienu ppreżentaw applikazzjoni kompluta għall-permess qabel dik id-data sakemm l-impjant beda jitħaddem mhux aktar tard mis-27 ta' Novembru 2003, u li ma jitħaddimx għal aktar minn 1 500 siegħa ta' tħaddim kull sena bħala medja mobbli matul perijodu ta' ħames snin, il-valur limitu tal-emissjonijiet għall-$NO_x$ huwa 150 mg/Nm$^3$ meta jaħarqu gass naturali u 200 mg/Nm$^3$ meta jaħarqu gassijiet jew karburanti likwidi oħrajn.

Parti minn impjant ta' kombustjoni li tarmi l-gassijiet ta' skart tagħha permezz ta' kanal wieħed jew aktar għall-iskart separat f'ċumnija komuni, u li ma titħaddimx għal aktar minn 1 500 siegħa ta' tħaddim kull sena bħala medja mobbli matul perijodu ta' ħames snin, tista' tkun suġġetta għall-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-paragrafu preċedenti fir-rigward tal-kapaċità termali kklassifikata totali tal-impjant sħiħ ta' kombustjoni. F'każijiet bħal dawn l-emissjonijiet minn kull wieħed minn dawk il-kanali għall-iskart għandhom ikunu kkontrollati separatament.

Turbini tal-gass u magni tal-gass għal użu ta' emerġenza li jitħaddmu għal inqas minn 500 siegħa ta' tħaddim fis-sena m'humiex koperti mill- valuri limiti tal-emissjonijiet. L-operatur ta' dawn l-impjanti għandu jirreġistra s-sigħat ta' tħaddim użati.

7. Valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/Nm$^3$) għat-trab għal impjanti ta' kombustjoni li jużaw karburanti solidi jew likwidi bl-eċċezzjoni ta' turbini tal-gass u magni tal-gass

| Kapaċità termali kklassifikata totali (MW) | Faħam u linjite u karburanti solidi oħrajn | Bijomassa u pit | Karburanti likwidi (1) |
|---|---|---|---|
| 50-100 | 30 | 30 | 30 |
| 100-300 | 25 | 20 | 25 |
| > 300 | 20 | 20 | 20 |

*Nota:*

(1) Il-valur limitu tal-emissjonijiet huwa ta' 50 mg/Nm$^3$ għall-ħruq tar-residwi ta' distillazzjoni u konverżjoni mir-raffinar ta' żejt mhux raffinat għall-konsum tagħhom stess f'impjanti ta' kombustjoni, li nħarġilhom permess qabel is-27 ta' Novembru 2002 jew li l-operatur tagħhom kien ippreżenta applikazzjoni kompluta għall-permess qabel dik id-data, bil-kondizzjoni li l-impjant beda jitħaddem mhux aktar tard mis-27 ta' Novembru 2003.

8. Valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/Nm$^3$) għat-trab għall-impjanti ta' kombustjoni li jużaw karburanti solidi jew likwidi bl-eċċezzjoni ta' turbini tal-gass u magni tal-gass

| | |
|---|---|
| B'mod ġenerali | 5 |
| Gass ta' blast furnace | 10 |
| Gassijiet prodotti mill-industrija tal-azzar li jistgħu jintużaw imkien ieħor | 30 |

PARTI 2

*Valuri limitu tal-emissjonijiet għall-impjanti ta' kombustjoni msemmija fl-Artikolu 30(3)*

1. Il-valuri limitu kollha tal-emissjonijiet għandhom jiġu kkalkolati f'temperatura ta' 273,15 K, pressjoni ta' 101,3 kPa u wara korrezzjoni għall-kontenut ta' fwar fil-gassijiet ta' skart u b'kontenut standardizzat ta' $O_2$ ta' 6 % ta' karburanti solidi, 3 % għall-impjanti ta' kombustjoni minbarra turbini tal-gass jew magni tal-gass bl-użu ta' karburanti likwidi jew gassużi u 15 % għal turbini tal-gass u magni tal-gass.

   Fil-każ ta' turbini tal-gass b'ċiklu konġunt (CCGT) bi ħruq supplimentari, il-kontenut standardizzat ta' $O_2$ jista' jiġi ddefenit mill-awtorità kompetenti, billi tqis il-karatteristiċi speċifiċi għall-installazzjoni kkonċernata.

2. Valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/Nm$^3$) għall-$SO_2$ għall-impjanti ta' kombustjoni li jużaw karburanti solidi jew likwidi bl-eċċezzjoni ta' turbini tal-gass u magni tal-gass

| Kapaċità termali kklassifikata totali (MW) | Faħam u linjite u karburanti solidi oħrajn | Bijomassa | Pit | Karburanti likwidi |
|---|---|---|---|---|
| 50-100 | 400 | 200 | 300 | 350 |
| 100-300 | 200 | 200 | 300<br>250 fil-każ ta' kombustjoni b'sodda fluwidifikata | 200 |
| > 300 | 150<br>200 fil-każ ta' kombustjoni b'sodda fluwidifikata b'ċirkulazzjoni jew ippressata | 150 | 150<br>200 fil-każ ta' kombustjoni b'sodda fluwidifikata | 150 |

3. Valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/Nm$^3$) għall-$SO_2$ għall-impjanti ta' kombustjoni li jużaw karburanti gassużi bl-eċċezzjoni ta' turbini tal-gass u magni tal-gass

| | |
|---|---|
| B'mod ġenerali | 35 |
| Gass likwifikat | 5 |
| Gassijiet kalorifiċi baxxi minn forn tal-coke | 400 |
| Gassijiet kalorifiċi baxxi minn blast furnace | 200 |

4. Valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/Nm$^3$) għall-$NO_x$ għal impjanti ta' kombustjoni li jużaw karburanti solidi jew likwidi bl-eċċezzjoni ta' turbini tal-gass u magni tal-gass

| Kapaċità termali kklassifikata totali (MW) | Faħam u linjite u karburanti solidi oħrajn | Bijomassa u pit | Karburanti likwidi |
|---|---|---|---|
| 50-100 | 300<br>400 fil-każ ta' kombustjoni b'linjite pulverizzat | 250 | 300 |
| 100-300 | 200 | 200 | 150 |
| > 300 | 150<br>200 fil-każ ta' kombustjoni b'linjite pulverizzat | 150 | 100 |

5. It-turbini tal-gass (inkluż CCGT) li jużaw distillati ħfief jew medji bħala karburanti likwidi għandhom ikunu suġġetti għall-valur limitu tal-emissjonijiet għall-$NO_x$ ta' 50 mg/$Nm^3$ u għal CO ta' 100 mg/$Nm^3$.

It-turbini tal-gass għall-użu ta' emerġenza li jitħaddmu għal inqas minn 500 siegħa ta' tħaddim kull sena mhumiex koperti bil-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti f'dan il-punt. L-operatur ta' tali impjanti għandu jirreġistra s-sigħat ta' tħaddim użati.

6. Valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/$Nm^3$) għall-$NO_x$ u CO għall-impjanti ta' kombustjoni mħaddma bil-gass

| | $NO_x$ | CO |
|---|---|---|
| Impjanti tal-gass minbarra turbini tal-gass u magni tal-gass | 100 | 100 |
| Turbini tal-gass (inkluż CCGT) | 50 ([1]) | 100 |
| Magni tal-gass | 75 | 100 |

*Nota:*

([1]) Għat-turbini tal-gass ta' ċiklu wieħed li għandhom effiċjenza ta' iktar minn 35 % - determinata bil-kondizzjonijiet ta' tagħbija bażi ISO - il-valur limitu tal-emissjonijiet għall-$NO_x$ għandu jkun 50xη/35 fejn η hija l-effiċjenza tat-turbin tal-gass, bil-kondizzjonijiet ta' tagħbija bażi ISO, espressa bħala perċentwali.

Għat-turbini tal-gass (inkluż CCGT), il-valuri limitu tal-emissjonijiet tal-$NO_x$ u CO stabbiliti f'dan il-punt japplikaw biss f'tagħbija ogħla minn 70 %.

Turbini tal-gass u magni tal-gass għal użu ta' emerġenza li jitħaddmu għal inqas minn 500 siegħa ta' tħaddim fis-sena m'humiex koperti mill- valuri limiti tal-emissjonijiet. L-operatur ta' dawn l-impjanti għandu jirreġistra s-sigħat ta' tħaddim użati.

7. Valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/$Nm^3$) għat-trab għall-impjanti ta' kombustjoni li jużaw karburanti solidi jew likwidi bl-eċċezzjoni ta' turbini tal-gass u magni tal-gass

| Kapaċità termali kklassifikata totali (MW) | |
|---|---|
| 50- 300 | 20 |
| > 300 | 10<br>20 għal bijomassa u pit |

8. Valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/$Nm^3$) għat-trab għall-impjanti ta' kombustjoni li jużaw karburanti solidi jew likwidi bl-eċċezzjoni ta' turbini tal-gass u magni tal-gass

| | |
|---|---|
| B'mod ġenerali | 5 |
| Gass ta' blast furnace | 10 |
| Gassijiet prodotti mill-industrija tal-azzar li jistgħu jintużaw imkien ieħor | 30 |

## PARTI 3

### *Monitoraġġ tal-emissjonijiet*

1. Il-konċentrazzjonijiet ta' $SO_2$, $NO_x$, u trab f'gassijiet ta'skart minn kull impjant ta' kombustjoni b'kapaċità termali kkwalifikata totali ta' 100 MW jew iktar għandha titkejjel kontinwament.

Il-konċentrazzjoni ta' CO f'gassijiet ta' skart minn impjanti ta' kombustjoni li jaħarqu karburanti gassużi b'kapaċità termali kkwalifikata totali ta' 100 MW jew aktar għandha titkejjel kontinwament.

2. L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li ma tkunx teħtieġ il-kejl kontinwu msemmi fil-punt 1 fil-każijiet li ġejjin:

(a) għal impjanti ta' kombustjoni b'ħajja ta' inqas minn 10 000 siegħa ta' tħaddim;

(b) għall-$SO_2$ u trab minn impjanti ta' kombustjoni li jaħarqu gass naturali;

(c) għall-$SO_2$ minn impjanti ta’ kombustjoni li jaħarqu żejt b’kontenut magħruf tal-kubrit f’każijiet meta ma hemm ebda tagħmir ta’ desulfurizzazzjoni ta’ gass ta’ skart;

(d) għall-$SO_2$ minn impjanti ta’ kombustjoni li jaħarqu l-bijomassa jekk l-operatur jista’ jipprova li l-emissjonijiet $SO_2$ ma jistgħu taħt ebda ċirkostanzi jkunu ogħla mill-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti.

3. Fejn mhux meħtieġ kejl kontinwu, għandu jkun meħtieġ kejl ta’ $SO_2$, $NO_x$, trab u, għal impjanti mħaddma bil-gass, għal CO ukoll mill-inqas darba kull sitt xhur.

4. Għall-impjanti ta’ kombustjoni li jaħarqu faħam jew linjite, l-emissjonijiet ta’ merkurju totali għandhom jitkejlu mill-inqas darba fis-sena.

5. Bħala alternattiva għall-kejl ta’ $SO_2$ u $NO_x$ imsemmija fil-punt 3, proċeduri oħra, verifikati u approvati mill- awtorità kompetenti, jistgħu jintużaw biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet ta’ $SO_2$ u $NO_x$. Dawn il-proċeduri għandhom jużaw standards rilevanti CEN jew, jekk CEN standards mhumiex disponibbli, l-istandards ISO, standards nazzjonali jew standards internazzjonali oħra li jiżguraw l-għotja ta’ data ta’ kwalità xjentifika ekwivalenti.

6. L- awtorità kompetenti għandha tkun infurmata bil-bidliet sinifikanti fit-tip ta’ karburant użat jew bil-mod tat-tħaddim tal-impjant. L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi jekk ir-rekwiżiti ta’ monitoraġġ stabbiliti fil-punti 1 sa 4 għadhomx adegwati jew jeħtiġux adattament.

7. Il-kejl kontinwu mwettaq b’konformità mal-punt 1 għandu jinkludi l-kejl tal-kontenut tal-ossiġnu, tat-temperatura, tal-pressa u tal-kontenut tal-fwar tal-ilma fil-gassijiet ta’ skart. Il-kejl kontinwu tal-kontenut tal-fwar tal-ilma tal-gassijiet tal-iskart m’għandhomx ikunu meħtieġa, bil-kondizzjoni li l-gass ta’ skart meħud bħala kampjun ikun imnixxef qabel ma jkunu analizzati l-emissjonijiet.

8. Il-kampjunament u l-analiżi ta’ sustanzi niġġiesa relevanti u kejl tal-parametri ta’ proċess kif ukoll il-garanzija tal-kwalità tas-sistemi ta’ kejl awtomizzati u l-metodi ta’ kejl ta’ referenza biex jikkalibraw dawk is-sistemi għandhom jitwettqu skont l-istandards CEN. Jekk l-istandards CEN mhumiex disponibbli, għandhom japplikaw l-istandards ISO, standards nazzjonali jew standards internazzjonali oħra li jiżguraw l-għotja ta’ data ta’ kwalità xjentifika ekwivalenti.

Is-sistemi awtomizzati ta’ kejl għandhom ikunu suġġetti għal kontroll permezz ta’ kejl parallel mal-metodi ta’ referenza mill-inqas darba fis-sena.

L-operatur għandu jinforma lill-awtorità kompetenti dwar ir-riżultati tal-verifika tas-sistemi awtomizzati tal-kejl.

9. Fil-livell tal-valur limitu tal-emissjonijiet ta’ kull jum, il-valuri tal-intervalli ta’ kunfidenza ta’ 95 % ta’ riżultat imkejjel wieħed m’għandhomx jeċċedu l-perċentwali li ġejjin tal-valuri limitu tal-emissjoni:

| | |
|---|---|
| Monossidu tal-karbonju | 10 % |
| Dijossidu tal-kubrit | 20 % |
| Ossidi tan-nitroġenu | 20 % |
| Trab | 30 % |

10. Il-valuri medji validati kull siegħa u kull jum għandhom ikunu stabbiliti mill-valuri medji mkejla validati kull siegħa wara t-tnaqqis tal-valur tal-intervall ta’ kunfidenza speċifikat fil-punt 9.

Kwalunkwe jum li fih ikunu invalidi iktar minn tliet valuri medji kull siegħa minħabba tħaddim ħażin jew minħabba manutenzjoni tas-sistema awtomizzata ta’ kejl, għandu jkun invalidat. Jekk ikunu invalidati iktar minn għaxart ijiem matul sena għal dawn is-sitwazzjonijiet, l-awtorità kompetenti għandha tesiġi li l-operatur jieħu miżuri adegwati biex itejjeb l-affidabbiltà tas-sistema awtomizzata ta’ kejl.

11. Fil-każ ta’ impjanti li għandhom jikkonformaw mar-rati ta’ tneħħija tal-kubrit imsemmijin fl-Artikolu 31, anki l-kontenut tal-kubrit fil-karburant li jinħaraq fl-impjant ta’ kombustjoni għandu jiġi wkoll immonitorjat regolarment. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu infurmati dwar tibdil sostanzjali fit-tip ta’ karburant użat.

PARTI 4

*Valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet*

1. Fil-każ ta' kejl kontinwu, il-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2 għandhom jitqiesu bħala li kien hemm konformità magħhom, jekk l-evalwazzjoni tar-riżultati tal-kejl tindika li, għas-sigħat ta' tħaddim f'sena kalendarja, ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

   (a) l-ebda valur medju validat ta' xahar ma jeċċedi l-valuri limitu rilevanti tal-emissjonijiet stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2;

   (b) l-ebda valur medju validat ta' jum ma jeċċedi l-110 % tal-valuri limitu rilevanti tal-emissjonijiet stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2;

   (c) fil-każijiet ta' impjanti ta' kombustjoni magħmula biss minn bojlers li jużaw faħam b'kapaċità termali kkwalifikata totali taħt il-50 MW, l-ebda valur medju validat ta' jum ma jeċċedi l-150 % tal-valuri limitu rilevanti tal-emissjonijiet stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2;

   (d) 95 % tal-valuri medji validati fis-siegħa matul is-sena ma jeċċedux il-200 % tal-valuri limitu rilevanti tal-emissjonijiet stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2.

   Il-valuri medji vvalidati huma ddeterminati kif stabbilit fil-punt 10 tal-Parti 3.

   Għall-finijiet tal-kalkolu tal-valuri medji tal-emissjonijiet, il-valuri mkejla matul il-perijodi msemmija fl-Artikolu 30(5) u (6) u l-Artikolu 37 kif ukoll matul il-perijodi ta' bidu tat-tħaddim jew ta' tifi m'għandhomx jiġu kkunsidrati.

2. Fejn ma jkunx meħtieġ kejl kontinwu, il-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2 għandhom jitqiesu li kien hemm konformità magħhom jekk ir-riżultati ta' kull waħda mis-serje ta' kejl jew ta' proċeduri oħra definiti u determinati skont ir-regoli stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti ma jaqbżux il-valuri limitu tal-emissjonijiet.

PARTI 5

*Rata minima ta' tneħħija tal-kubrit*

1. Rata minima ta' tneħħija tal-kubrit għall-impjanti ta' kombustjoni msemmijin fl-Artikolu 30(2)

| Kapaċità termali kklassifikata totali (MW) | Rata minima ta' tneħħija tal-kubrit | |
|---|---|---|
| | Impjanti li nħarġilhom permess qabel is-27 ta' Novembru 2002 jew li l-operaturi tagħhom kienu ppreżentaw applikazzjoni kompluta għall-permess qabel dik id-data sakemm l-impjant beda jitħaddem mhux aktar tard mis-27 ta' Novembru 2003 | Impjanti oħra |
| 50-100 | 80 % | 92 % |
| 100-300 | 90 % | 92 % |
| > 300 | 96 % (1) | 96 % |

*Nota:*
(1) Għall-impjanti ta' kombustjoni alimentati minn żejt tal-oil shale, ir-rata minima ta' kombustjoni tat-tneħħija tal-kubrit hija ta' 95 %.

2. Rata minima ta' tneħħija tal-kubrit għall-impjanti ta' kombustjoni msemmijin fl-Artikolu 30(3)

| Kapaċità termali kklassifikata totali (MW) | Rata minima ta' tneħħija tal-kubrit |
|---|---|
| 50-100 | 93 % |
| 100-300 | 93 % |
| > 300 | 97 % |

## PARTI 6

*Konformità mar-rata ta' tneħħija tal-kubrit*

Ir-rati minimi ta' tneħħija tal-kubrit stabbiliti fil-Parti 5 ta' dan l-Anness għandhom japplikaw bħala valur limitu medju ta' kull xahar.

## PARTI 7

*Valuri limitu medji tal-emissjonijiet għall-impjanti ta' kombustjoni multi-karburanti f'raffinerija*

Valuri limitu medji tal-emissjonijiet ($mg/Nm^3$) għad-diossidu tal-kubrit għall-impjanti ta' kombustjoni multikarburanti f'raffinerija, minbarra turbini tal-gass u magni tal-gass, li jużaw ir-residwi ta' distillazzjoni u konverżjoni mir-raffinar ta' żejt mhux raffinat għall-konsum tagħhom stess, waħdu jew ma' karburanti oħra:

(a) għall-impjanti ta' kombustjoni li nħarġilhom permess qabel is-27 ta' Novembru 2002 jew li l-operaturi tagħhom kienu ppreżentaw applikazzjoni kompluta għall-permess qabel dik id-data, bil-kondizzjoni li l-impjant beda jitħaddem mhux aktar tard mis-27 ta' Novembru 2003: 1 000 $mg/Nm^3$;

(b) għal impjanti ta' kombustjoni oħra: 600 $mg/Nm^3$.

Dawn il-valuri limitu tal-emissjonijiet għandhom jiġu kkalkulati f'temperatura ta' 273,15 K, pressjoni ta' 101,3 kPa u wara korrezzjoni għall-kontenut tal-fwar tal-ilma tal-gassijiet ta' skart u kontenut standardizzat $O_2$ ta' 6 % għall-karburanti solidi u 3 % għall-karburanti likwidi u gassużi.

*ANNESS VI*

**Dispożizzjonijiet tekniċi b'rabta ma' impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart u impjanti tal-koinċinerazzjoni tal-iskart**

PARTI 1

*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan l-Anness id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) "impjant ta' inċinerazzjoni tal-iskart eżistenti" tfisser wieħed mill-impjanti tal-inċinerazzjoni li ġejjin:

(i) li kien qiegħed jaħdem u li kellu permess maħruġ skont il-liġi tal-Unjoni applikabbli qabel it-28 ta' Diċembru 2002,

(ii) li kien awtorizzat jew irreġistrat għall-inċinerazzjoni tal-iskart u li kellu permess maħruġ qabel it-28 ta' Diċembru 2002 skont il-liġi tal-Unjoni applikabbli, bil-kondizzjoni li l-impjant kien beda jaħdem mhux aktar tard mit-28 ta' Diċembru 2003,

(iii) li, skont l-awtorità kompetenti, kien is-suġġett ta' talba sħiħa għall-awtorizzazzjoni, qabel it-28 ta' Diċembru 2002, bil-kondizzjoni li l-impjant kien beda jaħdem mhux aktar tard mit-28 ta' Diċembru 2004;

(b) "impjant ġdid tal-inċinerazzjoni tal-iskart" tfisser kwalunkwe impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart mhux kopert mill-punt (a).

PARTI 2

*Fatturi tal-ekwivalenza għad-dibenzo-p-dijossini u dibenzofurani*

Għad-determinazzjoni tal-konċentrazzjoni totali tad-dijossini u furani, il-konċentrazzjonijiet massi tad-dibenzo-p-dijossini u dibenzofurani li ġejjin għandhom jiġu mmultiplikati bil-fatturi tal-ekwivalenza li ġejjin qabel jingħaddu:

| | Fatturi tal-ekwivalenza tossiċi |
|---|---|
| 2,3,7,8 — Tetraklorodibenzodiossina (TCDD) | 1 |
| 1,2,3,7,8 — Pentaklorodibenzodiossina (PKEDD) | 0,5 |
| 1,2,3,4,7,8 — Esaklorodibenzodiossina (HxCDD) | 0,1 |
| 1,2,3,6,7,8 — Esaklorodibenzodiossina (HxCDD) | 0,1 |
| 1,2,3,7,8,9 — Esaklorodibenzodiossina (HxCDD) | 0,1 |
| 1,2,3,4,6,7,8 — Eptaklorodibenzodiossina (HpCDD) | 0,01 |
| Octaklorodibenzodiossina (OCDD) | 0,001 |
| 2,3,7,8 — Tetraklorodibenzofuran (TCDF) | 0,1 |
| 2,3,4,7,8 — Pentaklorodibenzofuran (PKEDF) | 0,5 |
| 1,2,3,7,8 — Pentaklorodibenzofuran (PKEDF) | 0,05 |
| 1,2,3,4,7,8 — Esaklorodibenzofuran (HxCDF) | 0,1 |
| 1,2,3,6,7,8 — Esaklorodibenzofuran (HxCDF) | 0,1 |
| 1,2,3,7,8,9 — Esaklorodibenzofuran (HxCDF) | 0,1 |
| 2,3,4,6,7,8 — Esaklorodibenzofuran (HxCDF) | 0,1 |
| 1,2,3,4,6,7,8 — Eptaklorodibenzofuran (HpCDF) | 0,01 |
| 1,2,3,4,7,8,9 — Octaklorodibenzofuran (HpCDF) | 0,01 |
| Octaklorodibenzofuran (OCDF) | 0,001 |

PARTI 3

*Valuri limitu tal-emissjonijiet fl-arja għall-impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart*

1. Il-valuri limitu kollha tal-emissjonijiet għandhom jiġu kkalkulati f'temperatura ta' 273.15 K, pressjoni ta' 101.3 kPa u wara li ssir korrezzjoni għall-kontenut tal-fwar tal-ilma fil-gassijiet ta' skart.

Dawn ikunu standardizzati għal 11 % tal-ossignu fil-gass ta' skart ħlief fil-każ ta' inċinerazzjoni ta' żejt skart minerali kif definit fil-punt 3 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/98/KE, meta jkunu standardizzati għal 3 % tal-ossiġnu, u fil-każijiet imsemmija fil-Punt 2.7 tal-Parti 6.

1.1. Valuri limitu medji ta' kull jum tal-emissjonijiet għas-sustanzi li jniġġsu li ġejjin ($mg/Nm^3$)

| | |
|---|---|
| Trab totali | 10 |
| Sustanzi organiċi gassużi u vaporużi, espressi bħala karbonju organiku totali (TOC) | 10 |
| Klorur tal-idroġenu (HCl) | 10 |
| Fluworur tal-idroġenu (HF) | 1 |
| Dijossidu tal-kubrit ($SO_2$) | 50 |
| Monossidu tan-nitroġenu (NO) u dijossidu tan-nitroġenu ($NO_2$), espressi bħala $NO_2$ għall-impjanti eżistenti tal-inċinerazzjoni tal-iskart b'kapaċità nominali li taqbeż 6 tunnellati metriċi kull siegħa jew għall-impjanti ġodda tal-inċinerazzjoni tal-iskart | 200 |
| Monossidu tan-nitroġenu (NO) u dijossidu tan-nitroġenu ($NO_2$), espressi bħala $NO_2$ għall-impjanti eżistenti tal-inċinerazzjoni tal-iskart b'kapaċità nominali ta' 6 tunnellati metriċi jew inqas kull siegħa | 400 |

1.2. Valuri limitu medji ta' nofs siegħa tal-emissjonijiet għas-sustanzi li jniġġsu li ġejjin ($mg/Nm^3$)

| | (100 %) A | (97 %) B |
|---|---|---|
| Trab totali | 30 | 10 |
| Sustanzi organiċi gassużi u vaporużi, espressi bħala karbonju organiku totali (TOC) | 20 | 10 |
| Klorur tal-idroġenu (HCl) | 60 | 10 |
| Fluworur tal-idroġenu (HF) | 4 | 2 |
| Dijossidu tal-kubrit ($SO_2$) | 200 | 50 |
| Monossidu tan-nitroġenu (NO) u dijossidu tan-nitroġenu ($NO_2$), espressi bħala $NO_2$ għall-impjanti eżistenti tal-inċinerazzjoni tal-iskart b'kapaċità nominali li taqbeż is-6 tunnellati metriċi kull siegħa jew għall-impjanti ġodda tal-inċinerazzjoni tal-iskart | 400 | 200 |

1.3. Il-valuri limitu medji tal-emissjonijiet ($mg/Nm^3$) għall-metalli tqal li ġejjin fuq perijodu ta' kampjunament ta' 30 minuta bħala minimu u ta' 8 siegħat bħala massimu

| | |
|---|---|
| Kadmju u l-komposti tiegħu, espress bħala kadmju (Cd) | total: 0,05 |
| Tallju u l-komposti tiegħu, espress bħala talljum (Tl) | |
| Merkurju u l-komposti tiegħu, espress bħala merkurju (Hg) | 0,05 |
| Antimonju u l-komposti tiegħu, espress bħala antimonju (Sb) | total: 0,5 |
| Arseniku u l-komposti tiegħu, espress bħala arseniku (As) | |
| Ċomb u l-komposti tiegħu, espress bħala ċomb (Pb) | |
| Kromju u l-komposti tiegħu, espress bħala kromju (Cr) | |
| Kobalt u l-komposti tiegħu, espress bħala kobalt (Co) | |
| Ram u l-komposti tiegħu, espress bħala ram (Cu) | |
| Manganeżju u l-komposti tiegħu, espress bħala manganeżju (Mn) | |
| Nikil u l-komposti tiegħu, espress bħala nikel (Ni) | |
| Vanadju u l-komposti tiegħu, espress bħala vanadju (V) | |

Dawn il-valuri medji jkopru wkoll il-forom ta' gass u fwar tal-emissjonijiet rilevanti tal-metalli tqal kif ukoll il-komposti tagħhom.

1.4. Il-valuri limitu medji tal-emissjonijiet ($ng/Nm^3$) għal dijossini u furani fuq perijodu ta' kampjunament ta' 6 siegħat bħala minimu u 8 siegħat bħala massimu. Il-valur limitu tal-emissjonijiet jirriferi għal konċentrazzjoni totali ta' dijossini u furani skont il-Parti 2.

| | |
|---|---|
| Dijossini u furani | 0,1 |

1.5. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet ($mg/Nm^3$) għall-monossidu tal-karbonju (CO) fil-gassijiet tal-iskart:

(a) 50 bħala valur medju ta' kull jum;

(b) 100 bħala valur medju ta' nofs siegħa;

(c) 150 bħala l-valuri medji ta' 10 minuti.

L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza eżenzjonijiet mill-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti f'dan il-punt għall-impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart li jużaw it-teknoloġija tas-sodda fluwidifikata, bil-kondizzjoni li l-permess jistabbilixxi bil-quddiem il-valur limitu tal-emissjonijiet tal-monossidu tal-karbonju (CO) ta' mhux iktar minn 100 $mg/Nm^3$ bħala valur medju ta' kull siegħa.

2. Valuri limitu tal-emissjonijiet fiċ-ċirkostanzi deskritti fl-Artikolu 46(6) u fl-Artikolu 47.

Il-konċentrazzjoni kollha tat-trab fl-emissjonijiet fl-arja ta' impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart m'għandux jaqbeż taħt l-ebda ċirkostanza l-150 $mg/Nm^3$ espressi bħala medja ta' kull nofs siegħa. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet fl-arja għal TOC u CO stabbiliti fil-punti 1.2 u 1.5(b) m'għandhomx jinqabżu.

3. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li jiiregolaw l-eżenzjonijiet previsti f'din il-Parti.

## PARTI 4

*Determinazzjoni tal-valuri limitu tal-emissjonijiet għall-koinċinerazzjoni tal-iskart*

1. Il-formola li ġejja (regola tat-taħlit) għandha tiġi applikata kull meta ma jkunx indikat valur speċifiku tal-limitu tal-emissjonijiet "C" f'tabella f'din il-Parti.

Il-valur limitu tal-emissjonijiet ta' kull sustanza li tniġġes rilevanti u CO fil-gass tal-iskart li joħorġu mill-koinċinerazzjoni tal-skart għandhom jkunu kkalkulati kif ġej:

$$\frac{V_{waste} \times C_{waste} + V_{proc} \times C_{proc}}{V_{waste} + C_{proc}} = C$$

$V_{waste}$: il-volum tal-gass ta' skart li joħroġ mill-inċinerazzjoni tal-iskart iddeterminat biss mill-iskart bl-inqas valur kalorifiku speċifikat fil-permess u standardizzat fil-kondizzjonijiet mogħtija f'din id-Direttiva.

Jekk ir-rilaxx tas-sħana li joħroġ mill-inċinerazzjoni tal-iskart perikoluż jammonta għal inqas mill-10 % tal-ħruġ totali tas-sħana fl-impjant, $V_{skart}$ għandu jkun ikkalkulat minn kwantità (misthajla) ta' skart li meta jkun inċinerat ir-rilaxx tas-sħana jkun indaqs għal 10 %, bir-rilaxx totali tas-sħana ffissat.

$C_{waste}$: il-valuri limtu tal-emissjonijiet għall-impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart stabbiliti fil-Parti 3.

$V_{proc}$: il-volum tal-gass ta' skart li joħroġ mill-proċess tal-impjant li jinkludi l-kombustjoni ta' karburanti awtorizzati li huma użati normalment (bl-esklużjoni tal-iskart) stabbilit fuq il-bażi ta' kontenuti tal-ossiġnu li fuqhom l-emissjonijiet jridu jiġu standardizzati kif stipulat mil-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali. Fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni għal dan it-tip ta' impjant, għandu jiġi użat il-kontenut tal-ossiġnu reali fil-gass tal-iskart mingħajr ma jiġi mraqqaq biż-żieda ta' arja mhiex meħtieġa għall-proċess.

$C_{proc}$: il-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fit-tabelli ta' din il-Parti għal ċerti attivitajiet industrijali jew f'każ ta' nuqqas ta' valuri bħal dawn, valuri limitu tal-emissjonijiet ta' kontaminanti rilevanti u monossidu tal-karbonju fil-gass taċ-ċuminija tal-impjanti li jħarsu l-liġijiet, ir-regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali għal dawk l-impjanti meta jaħarqu l-karburanti normalment awtorizzati (eskluż l-iskart). Fin-nuqqas ta' dawn il-miżuri għandhom jiġu użati l-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-permess. Fin-nuqqas ta' dawn il-valuri, fil-permess għandhom jiġu użati l-konċentrazzjonijiet massi reali.

C: il-valuri limitu tal-emissjonijiet totali b’ kontenut tal-ossiġnu kif stabbiliti f’din il-Parti għal ċerti attivitajiet tal-industrija u għal ċerti sustanzi niġġiesa jew, f’każ ta’ nuqqas ta’ dawk il-valuri, valuri limitu tal-emissjonijiet totali li jieħdu l-post tal-valuri limitu tal-emissjonijiet kif stipulat fl-Annessi speċifiċi ta’ din id-Direttiva. Il-kontenut tal-ossiġnu totali li għandu jissostitwixxi l-kontenut tal-ossiġnu għal l-istandardizzazzjoni huwa kkalkulat fuq il-bażi tal-kontenut hawn fuq u jirrispetta l-volumi parżjali.

Il-valuri limitu kollha tal-emissjonijiet għandhom jiġu kkalkulati f’temperatura ta’ 273,15K, press-joni ta’ 101,3 kPa u wara li ssir korrezzjoni għall-kontenut tal-fwar tal-ilma fil-gassijiet ta’ skart.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li jiiregolaw l-eżenzjonijiet previsti f’din il-Parti.

2. Dispożizzjonijiet speċjali għall-fran tas-siment li jikkoinċineraw l-iskart

2.1. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-punti 2.2 u 2.3 japplikaw bħala valuri medji ta’ kull jum għat-total ta’ trab, HC1, HF, $NO_x$, $SO_2$ u TOC (għal kejl kontinwu), bħala valuri medji fuq il-perijodu ta’ kampjunament b’minimu ta’ 30 minuta u massimu ta’ 8 sigħat għall-metalli tqal u bħala valuri medji fuq il-perijodu ta’ kampjunament b’minimu ta’ 6 sigħat u massimu ta’ 8 sigħat għad-dijossini u l-furani.

Il-valuri kollha huma standardizzati għal 10 % ossiġnu.

Valuri medji ta’ nofs siegħa huma meħtieġa biss biex jikkalkulaw il-valuri medji ta’ kull jum.

2.2. C - valuri limitu tal-emissjonijiet totali (mg/$Nm^3$ ħlief għad-dijossini u furani) għas-sustanzi li jniġġsu li ġejjin

| Sustanza li tniġġes | C |
|---|---|
| Trab totali | 30 |
| HCl HF | 10 |
| HF | 1 |
| $NO_x$ | 500 ([1]) |
| Cd + Tl | 0,05 |
| Hg | 0,05 |
| Sb + As + Pb + Cr + Co + Cu + Mn + Ni + V | 0,5 |
| Dijossini u furani (ng/Nm3) | 0,1 |

([1]) Sal-1 ta’ Jannar 2016, l-awtorità kompetenti tista’ tawtorizza eżenzjonijiet mill-valur limitu għall-ossidi tan-nitroġenu għall-ifran Lepol u għall-fran li jduru, bil-kondizzjoni li l-permess jistabbilixxi total tal-valur limitu tal-emissjonijiet għall-ossidi tan-nitroġenu ta’ mhux iżjed minn 800 mg/$Nm^3$.

2.3. C - valuri limitu tal-emissjonijiet totali (mg/$Nm^3$) għall-$SO_2$ u TOC

| Sustanza li tniġġes | C |
|---|---|
| $SO_2$ | 50 |
| TOC | 10 |

L-awtorità kompetenti tista’ tagħti derogi għall-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti f’dan il-punt f’każijiet fejn TOC U $SO_2$ ma joħorġux mill-koinċinerazzjoni tal-iskart.

2.4. C - valuri limitu tal-emissjonijiet totali għal CO

L-awtorità kompetenti tista’ tistabbilixxi l-valuri limitu tal-emissjonijiet għal CO.

3. Disposizzjonijiet speċjali għall-impjanti kombustivi li jikkoinċineraw l-iskart

3.1. $C_{proc}$ espressi bħala valuri medji ta’ kull jum (mg/$Nm^3$) validi sad-data stabbilita fl-Artikolu 82(5)

Għad-determinazzjoni tal-kapaċità termali totali tal-impjanti ta’ kombustjoni, għandhom japplikaw ir-regoli ta’ aggregazzjoni kif definiti fl-Artikolu 29. Valuri medji ta’ nofs siegħa huma meħtieġa biss biex jikkalkulaw il-valuri medji ta’ kull jum.

$C_{proc}$ għall-karburanti solidi bl-eċċezzjoni tal-bijomassa (kontenut tal-$O_2$ ta' 6 %):

| Sustanzi li jniġġsu | < 50 | 50 sa 100 MWth | 100 sa 300 MWth | > 300 MWth |
|---|---|---|---|---|
| $SO_2$ | — | 850 | 200 | 200 |
| $NO_x$ | — | 400 | 200 | 200 |
| Trab | 50 | 50 | 30 | 30 |

$C_{proc}$ għall-bijomassa (kontenut $O_2$ ta' 6 %)

| Sustanzi li jniġġsu | < 50 | 50 to 100 MWth | 100 sa 300 MWth | > 300 MWth |
|---|---|---|---|---|
| $SO_2$ | — | 200 | 200 | 200 |
| $NO_x$ | — | 350 | 300 | 200 |
| Trab | 50 | 50 | 30 | 30 |

$C_{proc}$ għall-karburanti likwidi (kontenut $O_2$ ta' 3 %)

| Sustanzi li jniġġsu | < 50 | 50 sa 100 MWth | 100 sa 300 MWth | > 300 MWth |
|---|---|---|---|---|
| $SO_2$ | — | 850 | 400 sa 200<br>(tnaqqis lineari minn 100 sa 300 MWth) | 200 |
| $NO_x$ | — | 400 | 200 | 200 |
| Trab | 50 | 50 | 30 | 30 |

3.2. $C_{proc}$ espressi bħala valuri medji ta' kull jum ($mg/Nm^3$) validi mid-data stabbilita fl-Artikolu 82(6)

Għad-determinazzjoni tal-kapaċità termali totali tal-impjanti ta' kombustjoni, għandhom japplikaw ir-regoli ta' aggregazzjoni kif definiti fl-Artikolu 29. Valuri medji ta' nofs siegħa huma meħtieġa biss biex jikkalkulaw il-valuri medji ta' kull jum.

3.2.1. $C_{proc}$ għall-impjanti ta' kombustjoni msemmija fl-Artikolu 30(2), minbarra turbini tal-gass u magni tal-gass

$C_{proc}$ għall- karburanti solidi bl-eċċezzjoni tal-bijomassa (kontenut tal-$O_2$ ta' 6 %):

| Sustanza li tniġġes | < 50 MWth: | 50 sa 100 MWth | 100 sa 300 MWth | > 300 MWth |
|---|---|---|---|---|
| $SO_2$ | — | 400 għal pit: 300 | 200 | 200 |
| $NO_x$ | — | 300<br>għal linjite pulverizzat: 400 | 200 | 200 |
| Trab | 50 | 30 | 25<br>għal pit: 20 | 20 |

$C_{proc}$ għall-bijomassa (kontenut $O_2$ ta' 6 %)

| Sustanza li tniġġes | < 50 MWth | 50 sa 100 MWth | 100 sa 300 MWth | > 300 MWth |
|---|---|---|---|---|
| $SO_2$ | — | 200 | 200 | 200 |
| $NO_x$ | — | 300 | 250 | 200 |
| Trab | 50 | 30 | 20 | 20 |

$C_{proc}$ għall-karburanti likwidi (kontenut $O_2$ ta' 3 %)

| Sustanza li tniġġes | < 50 MWth | 50 sa 100 MWth | 100 sa 300 MWth | > 300 MWth |
|---|---|---|---|---|
| $SO_2$ | — | 350 | 250 | 200 |
| $NO_x$ | — | 400 | 200 | 150 |
| Trab | 50 | 30 | 25 | 20 |

3.2.2. $C_{proc}$ għall-impjanti ta' kombustjoni msemmija fl-Artikolu 30(3), minbarra turbini tal-gass u magni tal-gass

$C_{proc}$ għall- karburanti solidi bl-eċċezzjoni tal-bijomassa (kontenut tal-$O_2$ ta' 6 %):

| Sustanza li tniġġes | < 50 MWth | 50 sa 100 MWth | 100 sa 300 MWth | > 300 MWth |
|---|---|---|---|---|
| $SO_2$ | — | 400<br>għal pit: 300 | 200<br>għal pit: 300, ħlief fil-każ ta' kombustjoni b'sodda fluwidizzata: 250 | 150<br>għal kombustjoni b'sodda fluwidizzata b'ċirkulazzjoni jew ippressata jew, fil-każ tat-tqabbid tal-pit, għall-kombustjonijiet kollha b'sodda fluwidizzata: 200 |
| $NO_x$ | — | 300<br>għal pit: 250 | 200 | 150<br>għal kombustjoni ta' linjite pulverizzat: 200 |
| Trab | 50 | 20 | 20 | 10<br>għal pit: 20 |

$C_{proc}$ għall-bijomassa (kontenut $O_2$ ta' 6 %)

| Sustanza li tniġġes | < 50 MWth | 50 sa 100 MWth | 100 sa 300 MWth | > 300 MWth |
|---|---|---|---|---|
| $SO_2$ | — | 200 | 200 | 150 |
| $NO_x$ | — | 250 | 200 | 150 |
| Trab | 50 | 20 | 20 | 20 |

$C_{proc}$ għall-karburanti likwidi (kontenut $O_2$ ta' 3 %)

| Sustanza li tniġġes | < 50 MWth | 50 sa 100 MWth | 100 sa 300 MWth | > 300 MWth |
|---|---|---|---|---|
| $SO_2$ | — | 350 | 200 | 150 |
| $NO_x$ | — | 300 | 150 | 100 |
| Trab | 50 | 20 | 20 | 10 |

3.3. C – valur limitu tal-emissjonijiet totali (ng/Nm$^3$) għad-dijossini u l-furani espressi bħala l-valur medju tul il-perijodu ta' kampjunament ta' 6 sigħat bħala minimu u 8 sigħat bħala massimu (kontenut ta' $O_2$ ta' 6 % għal karburanti solidi u 3 % għal karburanti likwidi)

| Sustanzi li jniġġsu | C |
|---|---|
| Cd + Tl | 0,05 |
| Hg | 0,05 |
| Sb + As + Pb + Cr + Co + Cu + Mn + Ni + V | 0,5 |

3.4. C – valur limitu tal-emissjonijiet totali (ng/Nm$^3$) għad- dijossini u l-furani espressi bħalail-valur medju tul il-perjodu ta' kampjunar ta' 6 sigħat bħala minimu u 8 sigħat bħala massimu (kontenut ta' $O_2$ ta' 6 % għal karburanti solidi u 3 % għal karburanti likwidi)

| Sustanza li tniġġes | C |
|---|---|
| Dijossini u furani | 0,1 |

4. Dispożizzjonijiet speċjali għall-impjanti ta' koinċinerazzjoni fis-setturi industrijali mhux koperti taħt il-Punti 2 u 3 ta' din il-Parti.

4.1. C — valuri limitu tal-emissjonijiet totali (mg/Nm$^3$) għad-dijossini u furani espressi bħala l-valur medju tul il-perijodu tal-kampjunament ta' 6 sigħat bħala minimu u 8 sigħat bħala massimu:

| Sustanza li tniġġes | C |
|---|---|
| Dijossini u furani | 0,1 |

4.2. C — valuri limitu tal-emissjonijiet totali (mg/Nm$^3$) għal metalli tqal espressi bħala l-valuri medji fuq il-perijodu tal-kampjunament ta' 30 minuta bħala minimu u 8 sigħat bħala massimu:

| Sustanzi li jniġġsu | C |
|---|---|
| Cd + Tl | 0,05 |
| Hg | 0,05 |

## PARTI 5

*Valuri limitu tal-emissjonijiet għar-rimi ta' dranaġġ li ġej mit-tindif tal-gassijiet ta' skart*

| Sustanzi li jniġġsu | Valuri limitu tal-emissjonijiet tal-kampjuni mhux iffiltrati (mg/l hlief għad-dijossini u l-furani) | |
|---|---|---|
| 1. Solidi sospiżi totali kif stabbilit fl-Anness I għad-Direttiva 91/271/KEE | (95 %)<br>30 | (100 %)<br>45 |
| 2. Merkurju u l-komposti tiegħu, espress bħala merkurju (Hg) | 0,03 | |
| 3. Kadmju u l-komposti tiegħu, espress bħala kadmju (Cd) | 0,05 | |
| 4. Tallju u l-komposti tiegħu, espress bħala talljum (Tl) | 0,05 | |
| 5. Arseniku u l-komposti tiegħu, espress bħala arseniku (As) | 0,15 | |
| 6. Ċomb u l-komposti tiegħu, espress bħala ċomb (Pb) | 0,2 | |
| 7. Kromju u l-komposti tiegħu, espress bħala kromju (Cr) | 0,5 | |
| 8. Ram u l-komposti tiegħu, espress bħala ram (Cu) | 0,5 | |
| 9. Nikil u l-komposti tiegħu, espress bħala nikel (Ni) | 0,5 | |
| 10. Żingu u l-komposti tiegħu, espress bħala żingu (Zn) | 1,5 | |
| 11. Dijossini u furani | 0,3 ng/l | |

## PARTI 6

*Monitoraġġ tal-emissjonijiet*

1. Teknika tal-kejl

1.1. Kejl għad-determinazzjoni tal-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja u l-ilma għandhom jitwettqu f'mod rappreżentattiv.

1.2. Kampjunar u analiżi tas-sustanzi li jniġġsu kollha li jinkludi dijossini u furani kif ukoll il-garanzija ta' kwalità ta' sistemi ta' kejl awtomizzati u l-metodi ta' kejl ta' referenza biex tikkalibrahom għandhom jitwettqu skont is-CEN-standards. Jekk l-istandards CEN mhumiex disponibbli, għandhom japplikaw l-istandards ISO, standards nazzjonali jew standards internazzjonali oħra li jiżguraw l-għotja ta' data ta' kwalità xjentifika ekwivalenti. Is-sistemi ta' kejl awtomizzati għandhom ikunu suġġetti għal kontroll permezz ta' kejl parallel mal-metodi ta' referenza mill-inqas darba fis-sena.

1.3. Fil-livell tal-valur limitu tal-emissjonijiet ta' kull jum, il-valuri tal-95 % f'intervalli li tafdahom ta' riżultat wieħed imkejjel m'għandux jaqbeż il-persentaġġi tal-valuri limitu tal-emissjonijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| Monossidu tal-karbonju: | 10 % |
| Diossidu tal-kubrit: | 20 % |
| Diossidu tan-nitroġenu: | 20 % |
| Trab totali: | 30 % |
| Karbonju organiku totali: | 30 % |
| Klorur tal-idroġenu: | 40 % |
| Fluworur tal-idroġenu: | 40 %. |

Kejl perjodiku ta' emissjonijiet fl-arja u fl-ilma għandhom jitwettqu skont il-punti 1.1 u 1.2.

2. Kejl b'rabta mas-sustanzi ta' tniġġis tal-arja

2.1. Il-kejl li ġej b'rabta ma' sustanzi li jniġġsu l-arja għandu jitwettaq:

(a) b'kejl kontinwu ta' dawn is-sustanzi li ġejjin: $NO_x$, bil-kondizzjoni li l-valuri limitu tal-emissjonijiet huma stabbiliti, CO, trab totali, TOC, HC1, HF, $SO_2$;

(b) kejl kontiwu tal-parametri tat-tħaddim tal-proċess li ġejjin: it-temperatura biswit il-ħajt ta' ġewwa jew xi punt rappreżentattiv ieħor tal-qasam tal-kombustjoni kif awtorizzat mill-awtorità kompetenti, il-konċentrazzjoni ta' ossiġnu, il-pressjoni, it-temperatura u l-kontenut tal-fwar tal-ilma fil-gass ta' skart;

(c) mill-inqas żewġ kejliet kull sena tal-metalli tqal u d-diossini u l-furani; madankollu, mill-inqas kejl wieħed kull tliet xhur għandu jitwettaq għall-ewwel tnax-il xahar tat-tħaddim.

2.2. Il-ħin tar-residenza kif ukoll it-temperatura minima u l-kontenut tal-ossiġnu ta' gassijiet ta' skart għandhom ikunu suġġetti għal verifika xierqa, mill-inqas darba kull meta l-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew koinċinerazzjoni tal-iskart jibda jaħdem u taħt l-iktar kondizzjonijiet ta' tħaddim sfavorevoli antiċipati.

2.3. Il-kejl kontinwu tal-HF jista' jitħalla barra jekk huma użati l-istadji tat-trattament tal-HCl li jiżguraw li ma jinqabżux il-valuri limitu tal-emissjonijiet. F'dak il-każ, l-emissjonijiet tal-HF għandhom ikunu suġġetti għal kejl perjodiku kif inhu preskritt fil- punt 2.1(c).

2.4. Il-kejl kontinwu tal-kontenut tal-fwar tal-ilma ma għandux ikun meħtieġ jekk il-kampjun tal-gass tal-iskart huwa mnixxef qabel jiġu analizzati l-emissjonijiet.

2.5. L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li ma teħtieġx kejl kontinwu ta' HCI, HF u $SO_2$ fl-iskart fl-impjanti tal-inċinerazzjoni jew impjanti tal-koinċinerazzjoni tal-iskart, u li teħtieġ kejl perijodiku kif stipulat fil-punt 2.1(c) jew l-ebda kejl jekk l-operatur jista' jipprova li l-emissjonijiet ta' dawk is-sustanzi li jniġġsu ma jistgħux ikunu, taħt l-ebda ċirkostanza, ogħla mill-valuri limitu tal-emissjonijiet preskritti.

L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li ma teħtieġx kejl kontinwu għall-$NO_x$ u li teħtieġ kejl perjodiku kif stabbilit fil-punt 2.1(c) f'impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart eżistenti b'kapaċità nominali ta' anqas minn 6 tunnellati metriċi fis-siegħa jew f'impjanti ta' koinċinerazzjoni tal-iskart eżistenti b'kapaċità nominali ta' anqas minn 6 tunnellati metriċi fis-siegħa jekk l-operatur jista' jagħti prova abbażi tal-informazzjoni dwar il-kwalità tal-iskart ikkonċernat, tat-teknoloġiji użati u tar-riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet li l-emissjonijiet tal-$NO_x$ ma jistgħu fl-ebda ċirkustanza jkunu ogħla mill-valur limitu tal-emissjonijiet preskritt.

2.6. L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li teħtieġ miżura waħda kull sentejn għal metalli tqal u miżura waħda fis-sena għad-diossini jew furani fil-każijiet li ġejjin:

(a) l-emissjonijiet li jirriżultaw mill-inċinerazzjoni jew koinċinerazzjoni tal-iskart huma f'kull każ inqas mill-50 % tal-valuri limitu tal-emissjonijiet;

(b) l-iskart li jrid jiġi inċinerat jew koinċinerat jikkonsisti biss f'ċerti frazzjonijiet kombustibbli magħżula ta' skart mhux riskjuż li mhux addattat għar-riċiklaġġ u li jippreżentaw ċerti karatteristiċi, u li jkun iktar speċifikat fuq bażi tal-valutazzjoni msemmija fil-punt (c);

(c) l-operatur jista' juri abbażi ta' informazzjoni dwar il-kwalità tal-iskart ikkonċernat u l-monitoraġġ tal-emissjonijiet, li l-emissjonijiet huma f'kull ċirkostanza konsiderevolment anqas mill-valuri limitu tal-emissjonijiet għall-metalli tqal u d-dijossini u l-furani;

2.7. Ir-riżultati tal-kejl għandhom jiġu standardizzati bl-użu ta' konċentrazzjonijiet standard tal-ossiġnu msemmija fil-Parti 3 jew ikkalkulati skont il-Parti 4 u billi tiġi applikata l–formula mogħtija fil-Parti 7.

Meta l-iskart jiġi inċinerat jew koinċinerat f'atmosfera arrikkita fl-ossiġnu, ir-riżultati tal-kejl jistgħu jiġu standardizzati f'kontenut ta' ossiġnu mniżżel mill-awtorità kompetenti li jirriflettu ċ-ċirkustanzi speċjali tal-każ individwali.

Meta l-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu huma mnaqqsa bit-trattament tal-gass ta' skart f'impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew impjant tal- koinċinerazzjoni tal-iskart li jittratta skart riskjuż, l-istandardizzazzjoni fir-rigward ta' kull kontenut tal-ossiġnu pprovdut fl-ewwel subparagrafu għandu jkun magħmul biss jekk il-kontenut tal-ossiġnu mkejjel matul l-istess u mfassal għas-sustanzi li jniġġsu in kwistjoni jaqbeż il-kontenut tal-ossiġnu tal-istandard rilevanti.

3. Kejl b'rabta mas-sustanzi tat-tniġġis tal-ilma

3.1. Il-kejl li ġej għandu jitwettaq fil-punt tar-rimi tad-dranaġġ:

(a) kejl kontinwu tal-pH, temperatura u l-fluss;

(b) kejl kull jum tal-kampjuni fil-post ta' solidi sospiżi jew kejl ta' kampjun rappreżentattiv proporżjonali għall-fluss tul 24 siegħa;

(c) mill-anqas kejl kull xahar ta' kampjun rappreżentattiv ta' fluss proporzjonali tar-rimi matul perijodu ta' 24 siegħa ta' Hg, Cd, TI, As, Pb, Cr, Cu, Ni u Zn;

(d) mill-anqas kull sitt xhur, kejl ta' dijossini u furani; madankollu, kejl wieħed għal mill-inqas kull tliet xhur għandu jitwettaq għall-ewwel tnax-il xahar ta' tħaddim.

3.2. Meta d-dranaġġ li ġej mit-tindif tal-gassijiet ta' skart jiġi ttrattat kollettivament fuq il-post flimkien ma' sorsi oħrajn ta' dranaġġ li ġej minn fuq il-post, l-operatur għandu jieħu l-miżuri:

(a) fuq in-nixxiegħa tad-dranaġġ li ġej mill-proċess tat-tindif tal-gassijiet ta' skart qabel id-dħul fl-impjant tat-trattament kollettiv tad-dranaġġ;

(b) fuq in-nixxiegħa jew nixxigħat oħra ta' dranaġġ qabel id-dħul tagħha jew tagħhom fl-impjant tat-trattament kollettiv tad-dranaġġ;

(c) fiż-żmien ta' skargar finali tad-dranaġġ, wara t-trattament, mill-impjant tal-inċinerazzjoni jew koinċinerazzjoni tal-iskart.

## PARTI 7

*Formula biex tiġi kkalkulata l-konċentrazzjoni tal-emissjonijiet*

$$E_S = \frac{21 - O_S}{21 - O_M} \times E_M$$

$E_S$ = il-konċentrazzjoni tal-emissjonijiet ikkalkulati fil-persentaġġ standard tal-konċentrazzjoni tal-ossiġnu

$E_M$ = il-konċentrazzjoni tal-emissjonijiet ikkalkulat

$O_S$ = il-konċentrazzjoni standard tal-ossiġnu

$O_M$ = il-konċentrazzjoni tal-ossiġnu kkalkulat

## PARTI 8

*Valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet*

1. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet fl-arja

1.1. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet fl-arja għandhom jitqiesu bħala mħarsa jekk:

(a) l-ebda mill-valuri medji ta' kull jum ma jaqbżu xi wieħed mill-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-punt 1.1 tal-Parti 3 jew fil-Parti 4 jew ikkalkulati skont il-Parti 4;

(b) jew l-ebda mill-valuri medji ta' kull nofs siegħa ma jaqbżu l-ebda mill-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-kolonna A tat-tabella fil-punt 1.2 tal-Parti 3 jew, fejn rilevanti, is-97 % tal-valuri medji ta' kull nofs siegħa matul is-sena ma jaqbżu l-ebda wieħed mill-valuri limitu tal-emissjonijiet imfassla fil-kolonna B tat-tabella fil-punt 1.2 tal-Parti 3;

(c) l-ebda mill-valuri medji matul il-perjodu tal-kampjunar stipulati għall-metalli tqal u għad-dijossini u għall-furani ma jaqbżu l-valuri limitu tal-emissjonijiet imniżżla fil-punti 1.3 u 1.4 tal-Parti 3 jew fil-Parti 4 jew ikkalkulati skont il-Parti 4;

(d) għall-monoossidu tal-karbonju (CO):

(i) fil-każ tal-impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart:

— tal-anqas 97 % tal-valuri medji ta' kull jum matul is-sena ma jeċċedux il-valur limitu tal-emissjonijiet stipulat fil-punt 1.5(a) tal-Parti 3; u

— tal-anqas 95 % tal-valuri kollha fuq għaxar minuti meħuda fi kwalunkwe perijodu ta' 24 siegħa jew tal-valuri medji kollha ta' nofs siegħa meħuda fl-istess perijodu ma jaqbżux il-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-punti 1.5(b) u (c) tal-Parti 3; f'każ tal-impjanti ta' inċinerazzjoni tal-iskart li fihom il-gass li jirriżulta mill-proċess ta' inċinerazzjoni jogħla għal temperatura ta' mill-anqas 1 100 °C għal mill-inqas żewġ sekondi, l-Istati Membri jistgħu japplikaw perijodu ta' evalwazzjoni ta' sebat ijiem għall-valuri medji ta' 10 minuti;

(ii) fil-każ tal-impjanti ta' koinċinerazzjoni tal-iskart: id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 ġew osservati.

1.2. Il-valuri medji ta' kull nofs siegħa u l-medji ta' għaxar minuti għandhom jiġu ddeterminati matul il-ħin tal-ħidma effettiv (il-perjodi ta' x'ħin jinxtgħel u jintefa' huma esklużi jekk m'hemmx skart li qiegħed jiġi inċinerat) mill-valuri mkejla wara li jiġi mnaqqas il-valur tal-intervall kunfidenzjali speċifikat fil-punt 1.3 tal-Parti 6. Il-valuri medji ta' kull jum għandhom jiġu ddeterminati minn dawk il-valuri medji validati.

Biex jinkiseb valur medju validu ta' kull jum, mhux iżjed mill-valuri medji ta' ħames nofs sigħat f'kwalunkwe ġurnata m'għandhom jiġu mormija minħabba l-malfunzjoni jew manutenzjoni tas-sistema kontinwa ta' kejl. Mhux aktar minn għaxar valuri medji kull jum għal kull sena għandhom jiġu mormija minħabba fil-funzjonament ħażin jew minħabba fil-manutenzjoni tas-sistemi kontinwi ta' kejl.

1.3. Il-valuri medji matul il-perijodu tal-kampjunament u l-valuri medji fil-każ tal-kejl perjodiku ta' HF, HCL u $SO_2$ għandhom jiġu ddeterminati skont ir-rekwiżiti tal-Artikoli 45(1)(e) u 48(3) u l-punt 1 tal-Parti 6.

2. Valuri limitu tal-emissjonijiet fl-ilma

Il-valuri limitu tal-emissjonijiet fl-ilma għandhom jitqiesu bħala mħarsa jekk:

(a) għat-total tas-solidi sospiżi 95 % u 100 % tal-valuri mkejlin ma jaqbżux il-valuri rispettivi limitu tal-emissjonijiet kif stabbilit fil-Parti 5;

(b) għall-metalli tqal (Hg, Cd, TI, As, Pb, Cr, Cu, Ni u Zn) mhux aktar minn kejl wieħed fis-sena jaqbeż il-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-Parti 5; jew, jekk l-Istat Membru jipprovdi għal aktar minn 20 kampjun fis-sena, mhux aktar mill-5 % tal-kampjuni jaqbżu l-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-Parti 5;

(c) għad-dijossini u l-furani, ir-riżultati tal-kejl ma jaqbżux il-valur limitu tal-emissjonijiet stabbilit fil-Parti 5.

*ANNESS VII*

**Dispożizzjonijiet tekniċi relatati ma' installazzjonijiet u attivitajiet li jużaw solventi organiċi**

PARTI 1

*Attivitajiet*

1. F'kull wieħed mill-punti li ġejjin, l-attività tinkludi t-tindif ta' tagħmir iżda mhux it-tindif ta' prodotti sakemm mhux speċifikat mod ieħor.

2. Kisi li jwaħħal

Kull attività li fiha kolla kienet applikata mal-wiċċ, bl-eċċezzjoni ta' kisi li jwaħħal u laminati assoċjati ma' attivitajiet ta' stampar.

3. Attività ta' kisi

Kwalunkwe attività li fiha applikazzjoni waħda jew multipla ta' film kontinwu ta' kisi hu applikat ma':

(a) waħda mill-vetturi li ġejjin:

(i) karrozzi ġodda, definiti bħala vetturi fil-kategorija M1 fid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi ([1]), u tal-kategorija N1 sakemm ikunu miksija fl-istess installazzjoni bħall-vetturi M1;

(ii) kabini tat-trakkijiet, definiti bħala l-alloġġ tas-sewwieq, u alloġġ integrat għat-tagħmir tekniku, ta' vetturi ta' kategoriji N2 u N3 fid-Direttiva 2007/46/KE;

(iii) vannijiet u trakkijiet, definiti bħala vetturi f'kategoriji N1, N2 u N3 fid-Direttiva 2007/46/KE, iżda mhux inklużi kabini tat-trakkijiet;

(iv) karrozzi tal-linja, definiti bħala vetturi f'kategoriji M2 u M3 fid-Direttiva 2007/46/KE;

(v) trejlers, definiti f'kategoriji O1, O2, O3 u O4 fid-Direttiva 2007/46/KE;

(b) uċuħ metalliċi u tal-plastik inkluż uċuħ tal-ajruplani, bastimenti, ferroviji, eċċ.;

(c) uċuħ tal-injam;

(d) uċuħ tat-tessuti, tad-drapp, tal-film u tal-karti;

(e) ġilda.

Attivitajiet ta' kisi ma jinkludux il-kisi ta' sottostrat b'metalli b'metodi tekniċi ta' sprejjar eletrofertiċi jew kimiċi. Jekk l-attività tal-kisi tinkludi pass li fih l-istess oġġett hu stampat minn kull tip ta' teknika użata, dak il-pass ta' stampar hu meqjus Parti mill-attività tal-kisi. Madankollu, attivitajiet tal-istampar imħaddma bħala attività separata m'humiex inklużi, imma jistgħu jkunu koperti mill-Kapitolu V ta' din id-Direttiva jekk l-attività tal-istampar taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

4. Kisi tal-kojl

Kull attività fejn azzar ikkojljat, stainless steel, azzar miksi, l-liegi tar-ramm jew strixxa tal-aluminju hi miksija jew b'kisi ta' formazzjoni ta' film jew laminat bi proċess kontinwu.

([1]) ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.

5. Tindif ta' ħwejjeġ bix-xott

Kull attività industrijali jew kummerċjali li jużaw komposti organiċi volatili fi installazzjoni għall-ilbies nadif, għamara u oġġetti simili tal-konsumatur bl-eċċezzjoni ta' tneħħija manwali ta' tbajja jew tikkek fl-industrija tal-ilbies u tat-tessuti.

6. Manifattura tax-xedd ir-riġlejn

Kull attività ta' produzzjoni ta' xedd ir-riġlejn kompleti jew partijiet tagħhom.

7. Manifattura ta' taħlit għal kisi, verniċ, linka u kolla

Il-manifattura tal-prodotti finali msemmija hawn fuq, u intermedji kienu maħduma fl-istess sit, permezz ta' taħlit ta' pigmenti, reżini u materjali li jwaħħlu b'solventi organiċi jew ġarr ieħor, inklużi attivitajiet ta' firxa u predispersjoni, aġġustamenti ta' viskożità u tinta u operazzjonijiet għall-mili bil-prodott finali fil-kontenitur tiegħu.

8. Manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi

Is-sinteżi kimika, fermentazzjoni, estrazzjoni, formulazzjoni u tlestija ta' prodotti farmaċewtiċi u fejn maħduma fl-istess post, il-manifattura ta' prodotti intermedji.

9. Stampar

Kwalunkwe attività ta' riproduzzjoni ta' test u/jew immaġni li fiha, bl-użu ta' ġarr ta' immaġni, il-linka hi trasferita f'kull tip ta' wiċċ. Hi tinkludi metodi tekniċi ta' verniċjar, kisi u laminar. Madankollu, is-sottoproċessi li ġejjin biss huma suġġetti għall-Kapitolu V:

(a) fleksografija - attività ta' stampar li tuża ġarr ta' immaġni jew fotopolimeri tal-gomma jew lasktu fejn iż-żoni ta' stampar huma fuq iż-żoni li m'għandomx jiġu stampati, bl-użu tal-linka likwida li tinxef permezz ta' evaporazzjoni;

(b) heatset web offset - attività ta' stampar permezz tal-web bl-użu ta' ġarr tal-immaġni li fiha ż-żona ta' stampar u ta' mingħajr stampar huma fl-istess linja, fejn web-fed ifisser li l-materjal li jrid jiġi stampat jingħata lil magna minn rukkell kif distint minn karti separati. Iż-żona fejn ma jsirx stampar huwa trattat sabiex jattira l-ilma u għalhekk jirriġetta l-linka. Iż-żona ta' stampar hi trattata biex tirċievi u titrażmetti l-linka għall-wiċċ li jrid jiġi stampat. Evaporazzjoni ssir ġo forn fejn tintuża arja sħuna biex issaħħan il-materjal stampat;

(c) laminazzjoni assoċjata ma' attività tal-istampar - it-twaħħil flimkien ta' tnejn jew aktar materji flessibbli biex jipproduċu laminat;

(d) rotogravure ta' pubblikazzjoni - attività ta' stampar rotogravure użata biex tistampa karti għar-rivisti, fuljetti, katalgi u prodotti simili, permezz ta' linka bbażata fuq it-toluwene;

(e) rotogravure - attività tal-istampar permezz ta' ġarr ta' immaġni ċilindrika li fiha ż-żona ta' stampar hi taħt iż-żona li mhix stampata, permezz ta' linka likwida li tinxef permezz ta' evaporazzjoni. Id-daħliet huma mimlija bil-linka u ż-żejjed huwa mnaddaf minn fuq iż-żona fejn ma jsirx stampar qabel mal-wiċċ li se jiġi stampat imiss maċ-ċilindru u jgħolli l-linka mid-daħliet;

(f) stampar bl-iskrin li jdur - attività ta' stampar web-fed li fiha l-linka hi mmexxija fuq il-wiċċ li jrid jiġi stampat billi tisfurzah f'ġarr ta' immaġni porous, fejn iż-żona ta' stampar hi miftuħa u ż-żona li mhix stampata hi magħluqa, bl-użu ta' linka likwida li tinxef biss permezz ta' evaporazzjoni. Web-fed tfisser li l-materjal li jrid jiġi stampat hu mogħti lil magna minn rukkell kif distint minn karti separati;

(g) verniċjar - attività li fiha verniċ jew kisi li twaħħal bil-għan li tissiġilla l-materjal ippakkjat hi applikata ma' materjal flessibbli.

10. Konverżjoni tal-gomma

Kwalunkwe attività ta' taħlit, dħin, tgħawwiġ, illixxar u vulkanizzar ta' gomma naturali jew sintetika u kull operazzjoni inċirata għall-konverżjoni ta' gomma naturali jew sintetika fi prodott lest.

11. Tindif tal-wiċċ

Kwalunkwe attività minbarra tindif ta' ħwejjeġ bix-xott li tuża solventi orġaniċi biex jitneħħa tniġġis mill-wiċċ ta' materjal inkluż tneħħija tax-xaħmijiet. Attività ta' tindif li tikkonsisti minn pass wieħed jew aktar qabel jew wara attività oħra għandhom jiġu kkunsidrati bħala attività ta' tindif ta' wiċċ wieħed. Din l-attività ma' tirriferix għat-tindif ta' tagħmir imma għat-tindif tal-uċuħ tal-prodotti.

12. Estrazzjoni taż-żejt veġetali u xaħam tal-annimali u attivitajiet ta' raffinament taż-żejt veġetali Xaħam tal-annimali:

Kwalunkwe attività biex jinġibed żejt veġetali miż-żerriegħa u affarijiet veġetali, l-ipproċessar ta' residwi niexfa biex jipproduċu ikel tal-annimal, il-purifikazzjoni tax-xaħmijiet u żjut veġetali li ġejjin miż-żerriegħa, affarijiet veġetali u/jew affarijiet tal-annimali.

13. Rifinizzjoni ta' vetturi

Kwalunkwe attività ta' kisi industrijali jew kummerċjali u attivitajiet assoċjati ma' tneħħija tax-xaħmijiet li jagħmlu wieħed milli ġej:

(a) il-kisi oriġinali tal-vetturi tat-triq kif definit fid-Direttiva 2007/46/KE jew parti minnhom b'materjali tat-tip ta' rifinament, fejn dan qed isir 'il bogħod mil-linja oriġinali ta' manifattura;

(b) il-kisi ta' trejlers (inklużi nofs trejlers) (kategorija O fid-Direttiva 2007/46/KE).

14. Kisi tal-wajer tat-tkebbib

Kwalunkwe attività ta' kisi ta' kondutturi metalliċi għall-aggruppar tal-kojl fit-trasformers u muturi, eċċ.

15. Saturazzjoni tal-injam

Kwalunkwe attività li tagħti tgħabbija ta' preservattiv fl-injam lest biex jinħadem

16. Laminazzjoni tal-injam jew tal-plastik

Kwalunkwe attività biex jitwaħħal flimkien injam u/jew plastik biex jipproduċu prodotti laminati

## PARTI 2

*Limiti minimi u valuri limitu tal-emissjonijiet*

Il-valuri limitu kollha tal-emissjonijiet fil-gassijiet ta’ skart għandhom jiġu kkalkulati f’temperatura ta’ 273,15 K, u pressjoni ta’ 101,3 kPa

| | Attività (limitu tal-konsum tas-solvent f’tunnelati/sena) | Limitu minimu (Limitu minimu tal-konsum tas-solvent f’tunnelati/sena) | Valuri limitu tal-emissjonijiet f’gassijiet ta’ skart (mg C/Nm$^3$) | Valuri limitu tal-emissjonijiet maħruba (persentaġġ l-input tas-solvent) | | Valuri limitu tal-emissjoni totali | | Dispożizzjonijiet speċjali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Installazzjonijiet ġodda | Installazzjonijiet eżistenti | Installazzjonijiet ġodda | Installazzjonijiet eżistenti | |
| 1 | Stampar heatset web offset (> 15) | 15—25 | 100 | 30 (1) | | | | (1) Residwu tas-solvent fi prodott lest m’għandux jitqies bħala Parti mill-emissjonijiet maħruba. |
| | | > 25 | 20 | 30 (1) | | | | |
| 2 | Rotogravure tal-pubblikazzjoni (> 25) | | 75 | 10 | 15 | | | |
| 3 | Rotogravure tal-pubblikazzjoni Rotogravure ieħor, fleksografija, stampar ta’ skrin li jdur, uniti ta’ laminazzjoni jew tal-lustrar (> 15) stampar tal-iskrin li jdur fuq it-tessut/kartonċin (> 30) | 15—25 | 100 | 25 | | | | (1) Limitu minimu għall-istampar ta’ skrin li jdur fuq it-tessut jew kartonċin |
| | | > 25 | 100 | 20 | | | | |
| | | > 30 (1) | 100 | 20 | | | | |
| 4 | Tindif tal-wiċċ bl-użu ta’ komposti speċifikati fl-Artikolu 59(5) (> 1) | 1—5 | 20 (1) | 15 | | | | (1) Il- valur limitu jirriferi għall-massa tat-taħlit f’mg/Nm3, u mhux għall-karbonju totali. |
| | | > 5 | 20 (1) | 10 | | | | |
| 5 | Tindif tal-wiċċ ieħor (> 2) | 2—10 | 75 (1) | 20 (1) | | | | (1) installazzjonijet li juru għall-awtorità kompetenti li l-kontenut medju tas-solvent tal-materjal tat-tindif kollu użat ma’ jaqbiżx it-30 % mill-użin huma eżenti mill-applikazzjoni ta’ dawn il-valuri. |
| | | > 10 | 75 (1) | 15 (1) | | | | |
| 6 | Kisi tal-vettura (< 15) u rifiniment tal-vettura | > 0,5 | 50 (1) | 25 | | | | (1) Konformità skont il-punt 2 tal-Parti 8 għandha tintwera bbażata fuq il-kejl medju ta’ 15-il minuta. |
| 7 | Kisi tal-kojl (> 25) | | 50 (1) | 5 | 10 | | | (1) Għall-installazzjonijiet li jużaw metodi tekniċi li jikkonċedu l-użu mill-ġdid ta’ solventi miġbura, il- valur limitu tal-emissjonijiet għandu jkun 150. |

| | Attività (limitu tal-konsum tas-solvent f'tunnelati/sena) | Limitu minimu (Limitu minimu tal-konsum tas-solvent f'tunnelati/sena) | Valuri limitu tal-emissjonijiet f'gassijiet ta' skart (mg C/Nm$^3$) | Valuri limitu tal-emissjonijiet maħruba (persentaġġ l-input tas-solvent) | | Valuri limitu tal-emissjoni totali | | Dispożizzjonijiet speċjali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Installazzjonijiet ġodda | Installazzjonijiet eżistenti | Installazzjonijiet ġodda | Installazzjonijiet eżistenti | |
| 8 | Kisi ieħor, inkluż metall, plastik, tessuti(5), drapp, film u kisi tal-karti<br>(> 5) | 5—15<br>> 15 | 100 (1) (4)<br>50/75 (2) (3) (4) | | 25 (4)<br>20 (4) | | | (1) Il-valur limitu tal-emissjonijiet japplika għall-applikazzjoni tal-kisi u għall-proċess tat-tnixxif mħaddem taħt kondizzjonijiet kontenuti.<br>(2) L-ewwel valur limitu tal-emissjonijiet japplika għall-proċess tat-tnixxif, it-tieni għall-proċessi ta' applikazzjoni tal-kisi.<br>(3) Għall-installazzjonijiet tal-kisi tat-tessuti li jikkonċedu l-użu mill-ġdid ta' solventi rikoverati, il-valur limitu tal- emissjonijiet applikat għall-applikazzjoni tal-kisi u l-proċess tat-tnixxif meħuda flimkien għandu jkun ta' 150.<br>(4) L-attivitajiet tal-kisi li ma jistgħux ikunu mwettqa taħt kondizzjonijiet kontenuti (bħal bini tal-vapuri, u żeba' tal-inġenji tal-ajru) jistgħu jkunu eżenti minn dawn il-valuri, f'konformità mal-Artikolu 59(3).<br>(5) Stampar ta' skrin li jdur fuq it-tessut hu miksi minn attività Nru 3. |
| 9 | Kisi tal-wajer tat-tkebbib<br>(> 5) | | | | | 10 g/kg(1)<br>5k/kg(2) | | (1) Tapplika għall-installazzjonijiet fejn id-dijametru medju tal-wajer ≤ 0,1 mm.<br>(2) Tapplika għall-installazzjonijiet l-oħra kollha. |
| 10 | Kisi ta' uċuħ tal-injam<br>(> 15) | 15—25<br>> 25 | 100 (1)<br>50/75 (2) | | 25<br>20 | | | (1) Il-valur limitu tal-emissjonijiet japplika għall-applikazzjoni tal-kisi u għall-proċess tat-tnixxif mħaddem taħt kondizzjonijiet kontenuti.<br>(2) L-ewwel valur japplika għall-proċess tat-tnixxif, it-tieni għall-proċess tal-applikazzjoni tal-kisi. |
| 11 | Tindif ta' ħwejjeġ bix-xott | | | | | 20 g/kg(1)(2) | | (1) Espress fil-massa tas-solvent emmess għal kull kilogramma tal-prodott imnaddaf u mnixxef.<br>(2) Il- valur limitu tal-emissjonijiet fil-punt 2 tal-Parti 4 ma japplikax għal din l-attività. |

| | Attività (limitu tal-konsum tas-solvent f'tunnelati/sena) | Limitu minimu (Limitu minimu tal-konsum tas-solvent f'tunnelati/sena) | Valuri limitu tal-emissjonijiet f'gassijiet ta' skart (mg C/Nm³) | Valuri limitu tal-emissjonijiet maħruba (persentaġġ l-input tas-solvent) | | Valuri limitu tal-emissjoni totali | | Dispożizzjonijiet speċjali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Installazzjonijiet ġodda | Installazzjonijiet eżistenti | Installazzjonijiet ġodda | Installazzjonijiet eżistenti | |
| 12 | Saturazzjoni tal-injam<br>(> 25) | | 100 (1) | 45 | | 11 kg/m³ | | (1) Il-valur limitu tal-emissjonijiet ma japplikax għas-saturazzjoni bil-kreosote. |
| 13 | Kisi tal-ġilda<br>(> 10) | 10—25<br>> 25<br>> 10 (1) | | | | 85 g/m²<br>75 g/m²<br>150 g/m² | | Il- valur limitu tal-emissjonijiet espressi fi grammi tas-solvent ammess għal kull m² ta' prodott magħmul.<br>(1) Għall-attivitajiet ta' kisi tal-ġilda fit-tagħmil u oġġetti tal-ġilda partikolari użati bħala oġġetti tal-konsumatur żgħar, bħal basktijiet, ċintorini, kartieri, eċċ. |
| 14 | Manifattura tax-xedd ir-riġlejn<br>(> 5) | | | | | 25 g għal kull par | | Il-valur limitu tal-emissjonijiet totali huwa espress fi grammi ta' solvent emess għal kull par ta' xedd ir-riġlejn prodott. |
| 15 | Laminazzjoni tal-injam jew tal-plastik<br>(> 5) | | | | | 30 g/m² | | |
| 16 | Kisi li jwaħħal<br>(> 5) | 5—15<br>> 15 | 50 (1)<br>50 (1) | 25<br>20 | | | | (1) Jekk il-metodi tekniċi huma użati li jikkonċedu l-użu mill-ġdid ta' solvent miġbur, il-valur limitu tal-emissjoni f'gassijiet ta'skart għandu jkun ta' 150. |
| 17 | Manifattura ta' taħlit għal kisi, verniċ, linka u kolla<br>(> 100) | 100—1 000<br>> 1 000 | 150<br>150 | 5<br>3 | | 5 % tal-input tas-solvent<br>3 % tal-input tas-solvent | | Il-valur limitu tal-emissjonijiet maħruba ma' jinkludix solvent mibjugħ bħala parti ta' preparazzjonijiet ta' kisi f'kontenitur issiġillat. |
| 18 | Konverżjoni tal-gomma<br>(> 15) | | 20 (1) | 25 (2) | | 25 % tal-input tas-solvent | | (1) Jekk il-metodi tekniċi huma użati li jikkonċedu l-użu mill-ġdid ta' solvent miġbur, il-valur limitu tal-emissjoni f'gassijiet ta'skart għandu jkun ta' 150.<br>(2) Il-valur limitu l-emissjonijiet maħruba ma' jinkludix solvent mibjugħ bħala parti ta' taħlit għal kisi f'kontenitur issiġillat. |

| | Attività<br>(limitu tal-konsum tas-solvent f'tunnelati/sena) | Limitu minimu<br>(Limitu minimu tal-konsum tas-solvent f'tunnelati/sena) | Valuri limitu tal-emissjonijiet f'gassijiet ta' skart (mg C/Nm$^3$) | Valuri limitu tal-emissjonijiet maħruba (persentaġġ l-input tas-solvent) | | Valuri limitu tal-emissjoni totali | | Dispożizzjonijiet speċjali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Installazzjonijiet ġodda | Installazzjonijiet eżistenti | Installazzjonijiet ġodda | Installazzjonijiet eżistenti | |
| 19 | Estrazzjoni taż-żejt veġetali u xaħam tal-annimali u attivitajiet ta' raffinament taż-żejt<br>(> 10) | | | | | Xaħam tal-annimali: 1.5 kg/tunnelata<br>Riġnu: 3 kg/tunnelata<br>Żerriegħa tal-lift: 1 kg/tunnelata<br>Żerriegħa tal-warda tax-xemx: 1 kg/tunnelata<br>Fażola tas-sojja (tifrik normali): 0.8 kg/tunnelata<br>Żerriegħa tas-sojja (frak abjad) 1,2 kg/tunnelata<br>Żerriegħa u affarijiet veġetali oħrajn: 3 kg/tunnellata metrika (1)<br>1,5 kg/tunnellata metrika (2)<br>4 kg/tunnellata metrika (3) | | (1) Il-valuri limitu tal-emissjonijiet totali għall-istallazzjonijiet li jipproċessaw qabdiet individwali ta' żerriegħa u affarijiet veġetali oħra għandhom jitqiegħdu mill-awtorità kompetenti fuq bażi ta' każ b' każ, u japplikawl-aħjar tekniki disponibbli.<br>(2) Tapplika għall-proċessi ta' frazzjonazzjoni kollha minbarra degommar (it-tneħħija tal-gomma miż-żejt).<br>(3) Tapplika għad-degommar. |
| 20 | Manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi<br>(> 50) | | 20 (1) | 5 (2) | 15 (2) | 5 % tal-input tas-solvent | 15 % tal-input tas-solvent | (1) Jekk il-metodi tekniċi huma użati li jik-konċedu l-użu mill-ġdid ta' solvent miġbur, il-valur limitu tal-emissjoni f'gassijiet ta'skart għandu jkun ta' 150.<br>(2) Il-valur tal-emissjonijiet maħruba ma' jinkludix solvent mibjugħ bħala parti ta' taħ-lit għal kisi f'kontenitur issiġillat. |

PARTI 3

*Valuri limitu tal-emissjonijiet għal installazzjonijiet tal-industrija tal-kisi tal-vetturi*

1. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet totali huma espressi f'termini ta' grammi ta' solvent emess f'relazzjoni mal-arja tal-wiċċ ta' prodott f'metri kwadri u f'kilogrammi ta' solvent organiku emess f'relazzjoni mal-karozzerija tal-karrozza.

2. Iż-żona tal-wiċċ ta' kull prodott maħruġa fit-tabella taħt il-punt 3 hija definita bħala ż-żona tal-wiċċ ikkalkulata miż-żona ta' kisi elettroforetiku, u l-erja tal-wiċċ ta' kull parti li jistgħu jiżdiedu mal-frażijiet suċċessivi li ġejjin tal-proċess ta' kisi li huma miksija bl-istess kisi bħal dawk użati għall-prodott inkwistjoni, jew iż-żona totali tal-wiċċ tal-prodott miksi fl-installazzjoni.

Il-wiċċ taż-żona ta' kisi elettroforetiku hu kkalkulat permezz tal-formula li ġejja:

$$\frac{2 \times \text{il-piż totali tal-qoxra tal-prodott}}{\text{ħxuna medja tal-folja tal-metall} \times \text{id-densità tal-folja tal-metall}}$$

Dan il-metodu għandu wkoll jiġi applikat għall-partijiet miksija l-oħra magħmulha minn folji.

Diżinjar magħmul fuq kompjuter jew metodi ekwivalenti oħra għandhom jintużaw biex jikkalkulaw iż-żona tal-wiċċ tal-partijiet l-oħra miżjuda, jew iż-żona tal-wiċċ totali miksija fl-installazzjoni.

3. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet fit-tabella li ġejja jirriferu għall-istadji kollha tal-proċess magħmulha fl-istess installazzjoni minn kisi elettroforetiku, jew kull tip ta' proċess ta' kisi ieħor, mill-illustrar u l-ippolixjar finali tal-kisi ta' fuq inklussiv, kif ukoll solvent użat fit-tindif tat-tagħmir tal-proċess, inkluż kabini tal-isprejjar u tagħmir fiss ieħor, it-tnejn li huma waqt u barra l-ħin ta' produzzjoni.

| Attività (limitu minimu tal-konsum tas-solvent f'tunnelati/sena) | Limitu minimu tal-produzzjoni (tirriferi għall-produzzjoni annwali tal-oġġett miksi) | Valur tal-limitu totali tal-emissjonijiet | |
|---|---|---|---|
| | | Installazzjonijiet ġodda | Installazzjonijiet eżistenti |
| Kisi ta' karrozzi ġodda (> 15) | > 5 000 | 45 $g/m^2$ jew 1.3 kg/karrozzerija + 33 $g/m^2$ | 60 $g/m^2$ jew 1.9 kg/karrozzerija + 41 $g/m^2$ |
| | ≤ 5 000 monocoque jew > 3 500 chassis-built | 90 $g/m^2$ jew 1.5 kg/karrozzerija + 70 $g/m^2$ | 90 $g/m^2$ jew 1.5 kg/karrozzerija + 70 $g/m^2$ |
| | | Valur limitu tal-emisjonijiet totali ($g/m^2$) | |
| Kisi tal-kabini tat-trakkijiet ġodda (> 15) | ≤ 5 000 | 65 | 85 |
| | > 5 000 | 55 | 75 |
| Kisi ta' vannijiet u trakkijiet ġodda (> 15) | ≤ 2 500 | 90 | 120 |
| | > 2 500 | 70 | 90 |
| Kisi ta' karrozzi tal-linja ġodda (> 15) | ≤ 2 000 | 210 | 290 |
| | > 2 000 | 150 | 225 |

4. Installazzjonijiet ta' kisi tal-vetturi taħt il-limiti minimi ta' konsum tas-solvent imsemmija fit-tabella taħt il-punt 3 għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti għas-settur tar-raffinitura tal-vetturi stabbiliti fil-Parti 2.

PARTI 4

*Valuri limitu tal-emissjonijiet relatati mal-komposti organiċi volatili bi frażijiet tar-risjku speċifiċi*

1. Għall-emissjonijiet tal-komposti organiċi volatili msemmija fl-Artikolu 58 fejn il-fluss tal-massa tas-somma tal-komposti li joħolqu t-tikkettjar imsemmi f'dak l-Artikolu huwa akbar minn, jew daqs, 10 g/h, valur limitu tal-emissjonijiet ta' 2 $mg/Nm^3$ għandu jitħares. Il-valur limitu tal-emissjonijiet jirriferi għas-somma tal-massa tal-komposti individwali.

2. Għall-emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili aloġenati li huma assenjati jew jeħtieġ li jkollhom fuqhom id-dikjarazzjonijiet ta' periklu H341 jew H351, fejn il-fluss massimu tas-somma tal-komposti li tikkawża d-dikjarazzjonijiet ta' periklu H341 jew H351 hija akbar minn, jew daqs, 100 g/h, għandu jiġi rrispettat valur limitu ta' emissjonijiet ta' 20 mg/Nm$^3$. Il-valur limitu tal-emissjonijiet jirriferi għas-somma massima tal-komposti individwali.

## PARTI 5

### *Skema ta' tnaqqis*

1. L-operatur jista' juża' kwalunkwe skema ta' tnaqqis, imfassla b'mod speċjali għall-installazzjoni tiegħu.

2. Fil-każ tal-applikazzjoni ta' kisi, verniċi, kolla jew linka, l-iskema li ġejja tista' tintuża. Fejn il-metodu li ġej mhux xieraq l-awtorità kompetenti tista' tħalli operatur japplika skema ta' alternattiva li tilħaq tnaqqisiet ekwivalenti fl-emissjonijiet għal dawk miksuba jekk il-valuri limitu tal-emissjonijiet fil-Partijiet 2 u 3 jkunu applikati. Id-disinn tal-iskema għandu jieħu konsiderazzjoni tal-fatti li ġejjin:

(a) fejn sostituti li jkollhom fihom ftit jew l-ebda solvent għadhom qed jiġu żviluppati, għandha tingħata estenzjoni taż-żmien lill-operatur biex jimplimenta l-pjanijiet tat-tnaqqis tal-emissjoni tiegħu;

(b) il-punt ta' referenza għat-tnaqqis tal-emissjoni għandu jikkorrispondi mill-aktar viċin possibbli mal-emissjonijiet li jirriżultaw li ma ħadux azzjoni ta' tnaqqis.

3. L-iskema li ġejja għandha titħaddem għall-installazzjonijiet li għalihom jistgħu jiġu maħsuba kontenut solidu u kostanti ta' prodott:

(a) L-emissjoni ta' referenza annwali hi kalkulata kif ġej:

(i) Il-massa totali ta' solidi fil-kwantità tal-kisi u/jew linka, verniċ jew kolla konsmata f'sena hi determinata. Solidi huma materjali fil-kisi, linka, verniċ u kolla li jsiru solidi meta jevapora l-ilma jew taħlit volatili organiku.

(ii) L-emissjonijiet ta' referenza annwali huma kalkulati billi tkun multiplikata l-massa determinata f'(i) mill-fattur xieraq imniżżel fit-tabella hawn taħt. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaġġustaw dawn il-fatturi għall-installazzjonijiet individwali biex jirriflettu effiċjenza miżjuda dokumentata fl-użu ta' solidi.

| Attività | Fattur ta' multiplikazzjoni għall-użu fil-punt (a)(ii) |
|---|---|
| Stampar rotogravure; stampar tal-fleksografija; laminazzjoni bħala parti ta' attività tal-istampar; verniċjar bħala parti ta' attività tal-istampar; kisi tal-injam; kisi tat-tessuti, film tad-drapp jew tal-karta; kisi jwaħħal | 4 |
| Kisi tal-kojl, rifiniment tal-vettura | 3 |
| Kisi ta' kuntatt mal-ikel, kisi aerospazjali | 2,33 |
| Kisi ieħor u stampar bl-iskrin li jdur | 1,5 |

(b) L-emissjoni mmirata hi daqs l-emissjoni ta' referenza annwali multiplikata minn persentaġġ daqs:

(i) (il-valur limitu tal-emissjonijiet maħruba + 15), għall-installazzjonijiet li jaqgħu mal-filliera 6 u l-grupp tal-għetiebi tal-limiti baxxi ta' fillieri 8 u 10 tal-Parti 2,

(ii) (il-valur limitu ta' emissjonijiet maħruba + 5) għal kull installazzjonijiet oħrajn.

(c) Konformità tintlaħaq jekk l-emissjoni tas-solvent attwali determinata mill-pjan ta' mmaniġġjar tas-solvent hi inqas jew daqs l-emissjoni mmirata.

PARTI 6

*Monitoraġġ tal-emissjonijiet*

1. Kanali li għalihom tagħmir ta' tnaqqis hu mqabbad, u li fil-punti finali tar-rimi jemetti aktar mill-medja ta' 10 kg/h karbonju organiku totali, għandhom ikunu mmonitorjati kontinwament għall-konformità.

2. Fil-każijiet l-oħra, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir kejl kontinwu jew perjodiku. Għall-kejl perijodiku minn tal-inqas tliet valuri ta' kejl għandhom jinkisbu waqt kull eżerċizzju ta' kejl.

3. Il-kejl m'huwiex meħtieġ fil-każ fejn tagħmir ta' tnaqqis end-of-pipe mhux meħtieġ biex jikkonforma ma' din id-Direttiva.

PARTI 7

*Pjan ta' mmaniġġjar tas-solvent*

1. Prinċipji

Il-pjan ta' mmaniġġjar tas-solvent għandu jintuża biex:

(a) tiġi vverifikata l-konformità kif speċifikati fl-Artikolu 62;

(b) jiġu identifikati l-għażliet ta' tnaqqis futuri;

(c) tiġi permessal-provvista ta' informazzjoni dwar konsum tas-solventi, emissjonijiet tas-solventi u konformità ma r-rekwiżiti tal-Kapitolu V għall-pubbliku.

2. Definizzjonijiet

Id-definizzjonijiet li ġejjin jipprovdu qafas għall-eżerċizzju tal-bilanċ tal-massa.

Inputs ta' solventi organiċi (I):

I1. Il-kwantità ta' solventi organiċi jew il-kwantità tagħhom f'taħlitiet mixtrija li huma użati bħala input fil-proċess fil-qafas taż-żmien li fuqu l-bilanċ tal-massa qed jiġi kkalkulat.

I2. Il-kwantità ta' solventi organiċi jew il-kwantità tagħhom f'taħlitiet miġbura u li reġgħu ġew użati bħala input tas-solvent fil-proċess. Is-solvent riċiklat hu magħdud kull darba li jkun użat biex issir l-attività.

Output ta' solventi organiċi (O):

O1 Emissjonijiet f'gassijiet ta' skart.

O2 Solventi organiċi mitlufa fl-ilma, b'kunsiderazzjoni tat-trattament tad-dranaġġ meta qed jiġi kkalkulat l-O5.

O3 Il-kwantità ta' solventi organiċi li jibqgħu bħala tniġġis jew residwi fl-output ta' prodotti mill-proċess.

O4 Emissjonijiet m'hux maqbuda ta' solventi organiċi fl-arja. Dan jinkludi l-ventilazzjoni fil-kmamar, fejn arja hi maħruġa fl-ambjent ta' barra permezz ta' twieqi, bibien, ventilaturi u fetħiet simili.

O5 Solventi organiċi u/jew komposti organiċi mitlufa minħabba reazzjonijiet kimiċi jew fiżiċi (inkluż dawk li huma meqruda, permezz ta' inċinerazzjoni jew gass li ġej mill-iskart ieħor jew trattamenti tal-ilma tal-iskart, jew maqbuda, sakemm m'humiex magħduda taħt O6, O7 jew O8).

O6 Solventi organiċi fi skart miġbur.

O7 Solventi organiċi, jew solventi organiċi kontenuti f'taħlitiet li huma mibjugħa jew huma maħsuba biex jinbiegħu bħala prodott prezzjuż kummerċjali.

O8 Solventi organiċi kontenuti f'taħlitiet miġbura biex jerġgħu jintużaw iżda mhux bħala input fil-proċess, sakemm m'humiex magħduda taħt O7.

O9 Solventi organiċi meħlusa f'modi oħra.

3. Użu tal-pjan ta' mmaniġġjar tas-solvent għall-verifika tal-konformità.

L-użu magħmul mill-pjan ta' mmaniġġjar tas-solvent għandu jiġi ddeterminat minn ħtieġa partikolari li għandu jiġi vverifikat, kif ġej:

(a) verifika tal-konformità mal-iskema tat-tnaqqis stabbilita fil-Parti 5, b'valur limitu totali tal-emissjonijiet attwali espress f'emissjonijiet tas-solvent għal kull unità tal-prodott, jew kif imsemmi fil-Partijiet 2 u 3.

(i) għall-attivitajiet kollha li jużaw l-iskemi ta' tnaqqis stabbiliti fil-Parti 5, il-pjan ta' mmaniġġjar tas-solventi għandu jitfassal kull sena biex jiġi determinat il-konsum (C). Il-konsum għandu jiġi kkalkulat skont l-ekwazzjoni li ġejja:

C = I1 - O8

Eżerċizzju parallel għandu jsir ukoll biex jiddetermina solidi użati fil-kisi sabiex toħroġ l-emissjoni ta' referenza annwali u l-emissjoni mmirata ta' kull sena.

(ii) għall-valutazzjoni tal-konformità mal-valur limitu tal-emissjonijiet espressa f'emissjonijiet tas-solvent għal kull unità tal-prodott jew kif imsemmi fil-Partijiet 2 u 3, il-pjan ta' mmaniġġjar tas-solvent għandu jitfassal kull sena biex jiddetermina l-emissjonijiet (E). L-emissjonijiet għandhom jiġu kkalkulati skont il-formula li ġejja:

E = F + O1

Fejn F hija l-emissjoni maħruba definita fil-punt (b)(i). Iċ-ċifra tal-emissjoni għandha tiġi diviża bil-parametru tal-prodott rilevanti.

(iii) għall-istima tal-konformità mar-rekwiżiti tal-punt (b)(ii) tal-Artikolu 59(6), il-pjan ta' mmaniġġjar tas-solvent għandu jitfassal kull sena biex jiddetermina l-emissjonijiet totali mill-attivitajiet kollha konċernati, u dik il-figura għandha mbagħad titqabbel mal-emissjonijiet totali li kienu jirriżultaw kieku ġew sodisfatti r-rekwiżiti tal-Partijiet 2, 3 u 5 għal kull attività separatament.

(b) Determinazzjoni ta' emissjonijiet maħruba għal tqabbil mal-valuri limitu tal-emissjonijiet maħruba fil-Parti 2:

(i) L-emissjonijiet maħruba għandhom jiġu kkalkulati skont waħda mill-ekwazzjonijiet li ġejjin:

F = I1 − O1 − O5 − O6 − O7 − O8

jew

F = O2 + O3 + O4 + O9

F għandha tiġi determinata jew minn miżuri diretti tal-kwantitajiet jew permezz ta' metodu jew kalkolu ekwivalenti, pereżempju, billi tintuża l-effettività tal-qabda tal-proċess.

Il-valur limitu tal-emissjonijiet maħruba hu espress bħala proporzjon tal-input, li għandu jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja:

I = I1 + I2

(ii) Id-determinazzjoni tal-emissjonijiet maħruba għandha ssir minn ġabra qasira imma komprensiva ta' miżuri u m'hemmx bżonn li terġa' ssir sakemm it-tagħmir ikun modifikat.

PARTI 8

*Valutazzjoni tal-konformità ma' valuri limitu tal-emissjonijiet fil-gassijiet ta' skart*

1. Fil-każ ta' miżuri kontinwi l-valuri limitu tal-emissjonijiet għandhom jiġu kunsidrati li tħarsu jekk:

   (a) l-ebda medja aritmetika tal-qari validu kollu meħud tul kwalunkwe perijodu ta' 24 siegħa tat-tħaddim ta' installazzjoni jew attività ħlief l-operazzjonijiet ta' bidu tat-tħaddim u ta' tifi u l-manutenzjoni tat-tagħmir jaqbżu l-valuri limiti tal-emissjonijiet,

   (b) l-ebda medju ta' kull siegħa ma jaqbeż il-valuri limiti ta' emissjoni b'aktar minn fattur ta' 1,5.

2. Fil-każ ta' miżuri perjodiċi l-valuri limiti tal-emissjonijiet għandhom jiġu kunsidrati biex jinħarsu jekk, f'eżerċizzju ta' kontroll wieħed:

   (a) il-medja tal-valuri tal-kejl kollha ma taqbiżx il-valuri limitu tal-emissjonijiet,

   (b) l-ebda medja ta' kull siegħa ma taqbeż il-valur limitu tal-emissjonijiet b'aktar minn fattur ta' 1,5.

3. Il-konformità mal-Parti 4 għandha tiġi vverifikata fuq il-bażi tas-somma tal-konċentrazzjoni tal-massa tal-komposti volatili organiċi kkonċernati. Għall-każijiet l-oħra kollha, il-konformità għandha tiġi vverifikata fuq il-bażi tal-massa totali ta' karbonju organiku emess sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-Parti 2.

4. Jistgħu jiżdiedu volumi ta' gass mal-gass skart użat għal tkessiħ jew taħlit fejn ikun teknikament ġustifikat, iżda m'għandux jiġi kunsidrat meta tiġi determinata l-konċentrazzjoni massa tal-kontaminant fil-gass ta' skart.

*ANNESS VIII*

**Dispożizzjonijiet tekniċi dwar l-installazzjonijiet li jipproduċu d-diossidu tat-titanju**

PARTI 1

*Il-valuri limitu tal-emissjonijiet għall-emissjonijiet fl-ilma*

1. Fil-każ ta' installazzjonijiet li jużaw il-proċess tas-sulfat (bħala medja annwali):

   550 kg ta' sulfat totali kull tunnellata metrika ta' diossidu tat-titanju prodotta;

2. Fil-każ ta' installazzjonijiet li jużaw il-proċess tal-kloridu (bħala medja annwali):

   (a) 130 kg kloridu għal kull tunnellata metrika ta' diossidu tat-titanju prodott fejn jintuża r-rutile newtrali,

   (b) 228 kg kloridu għal kull tunnellata metrika ta' diossidu tat-titanju prodott fejn jintuża r-rutile sintetiku,

   (c) 330 kg kloridu għal kull tunnellata metrika ta' diossidu tat-titanju prodott fejn tintuża l-kagazza. Installazzjonijiet li jarmu f'ilma mielaħ (tal-estwarju, kostali, baħar miftuħ) jistgħu jkunu suġġetti għal valur limitu tal-emissjonijiet ta' 450 kg kloridu kull tunnellata metrika ta' diossidu tat-titanju prodott fejn tintuża l-kagazza.

3. Għal installazzjonijiet li jużaw il-proċess tal-kloridu u li jużaw aktar minn tip wieħed ta' mineral, il-valuri limitu tal-emissjonijiet fil-punt 2 għandhom japplikaw fi proporzjon tal-kwantità tal-minerali użati.

PARTI 2

*Valuri limitu tal-emissjonijiet fl-arja*

1. Il-valuri limitu kollha tal-emissjonijiet li huma espressi bħala konċentrazzjonijiet f'massa kull metru kubu ($Nm^3$) għandhom jiġu kkalkulati f' temperatura ta' 273,15 K u pressjoni ta' 101,3 kPa.

2. Għat-trab: 50 mg/Nm3 bħala medja ta' siegħa minn sorsi maġġuri u 150 mg/$Nm^3$ bħala medja ta' siegħa minn kwalunkwe sors ieħor.

3. Għad-diossidu u triossidu tal-kubrit gassużi, skarikati mid-diġestjoni u l-kalċinazzjoni inkluż qtajriet ta' aċidu meqjusa bħala ekwivalenti għall-$SO_2$:

   (a) 6 kg għal kull tunellata ta' diossidu tat-titanju prodott bħala medja annwali;

   (b) 500 mg/$Nm^3$ bħala rata ta' kull siegħa għal impjanti għall-konċentrazzjoni ta' aċidi mill-iskart.

4. Għall-klorin fil-każ ta' installazzjonijiet li jużaw il-proċess tal-kloridu:

   (a) 5 mg/$Nm^3$ bħala medja ta' kull jum;

   (b) 40 mg/$Nm^3$ fi kwalunkwe ħin.

PARTI 3

*Monitoraġġ tal-emissjonijiet*

Il-monitoraġġ tal-emissjonijiet fl-arja għandu jinkludi tal-anqas il-monitoraġġ kontinwu ta':

(a) diossidu u triossidu tal-kubrit gassuż skarikat mid-diġestjoni u l-kalċinazzjoni minn pjanti għall-konċentrazzjoni tal-aċidi tal-iskart fi installazzjonijiet li jużaw il-proċess tas-sulfat;

(b) kloru minn sorsi maġġuri fl-installazzjonijiet li jużaw il-proċess tal-klorur;

(c) trab minn sorsi maġġuri.

ANNESS IX

PARTI A

*Direttivi Mħassra bl-emendi suċċessivi tagħhom*

(kif imsemmi fl-Artikolu 81)

| | |
|---|---|
| Id-Direttiva tal-Kunsill 78/176/KEE (ĠU L 54, 25.2.1978, p. 19) | |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 83/29/KEE (ĠU L 32, 3.2.1983, p. 28) | |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE (ĠU L 377, 31.12.1991, p. 48) | il-punt (b) tal-Anness I biss |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 82/883/KEE (ĠU L 378, 31.12.1982, p. 1) | |
| L-Att tal-Adeżjoni tal-1985 | il-punt X.1(o) tal-Anness I biss |
| L-Att tal-Adeżjoni tal-1994 | il-punt VIII.A.6 tal-Anness I biss |
| Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36) | il-punt 34 tal-Anness III biss |
| Ir-Regolament (KE) Nru 219/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 109) | il-punt 3.1 tal-Anness biss |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 92/112/KEE (ĠU L 409, 31.12.1992, p. 11) | |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/13/KE (ĠU L 85, 29.3.1999, p. 1) | |
| Ir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1) | il-punt 17 tal-Anness I biss |
| Id-Direttiva 2004/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 87) | l-Artikolu 13(1) biss |
| Id-Direttiva 2008/112/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 68) | l-Artikolu 3 biss |
| Id-Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 332, 28.12.2000, p. 91) | |
| Ir-Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 21.11.2008, p. 1) | il-punt 4.8 tal-Anness biss |
| Id-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 309, 27.11.2001, p. 1) | |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/105/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 368) | il-punt 2 tal-Parti B tal-Anness biss |
| Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114) | l-Artikolu 33 biss |
| Id-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8) | |
| Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114) | l-Artikolu 37 biss |

PARTI B

*Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u applikazzjoni*

(kif imsemmi fl-Artikolu 81)

| Id-Direttiva | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni | Limitu ta' żmien għal applikazzjoni |
|---|---|---|
| 78/176/KEE | fil-25 ta' Frar 1979. | |
| 82/883/KEE | fil-31 ta' Diċembru 1984. | |
| 92/112/KEE | fil-15 ta' Ġunju 1993. | |
| 1999/13/KE | Fl-1 ta' April 2001. | |
| 2000/76/KE | fit-28 ta' Diċembru 2000. | fit-28 ta' Diċembru 2002. |
| | | fit-28 ta' Diċembru 2005. |
| 2001/80/KE | fis-27 ta' Novembru2002. | fis-27 ta' Novembru2004. |
| 2003/35/KE | fil-25 ta' Ġunju 2005. | |
| 2003/87/KE | fil-31 ta' Diċembru 2003. | |
| 2008/1/KE | 30 ta' Ottubru 1999 (1) | fit-30 ta' Ottubru 1999. |
| | | fit-30 ta' Ottubru 2007. |

(1) Id-Direttiva 2008/1/KE hija verżjoni kodifikata tad-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE tal-24 ta' Settembru 1996 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis (ĠU L 257, 10.10.1996, p. 26) u l-iskadenzi għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni għadhom fis-seħħ.

*ANNESS X*

**Tabella ta' korrelazzjoni**

| Id-Direttiva 78/176/KEE | Id-Direttiva 82/883/KEE | Id-Direttiva 92/112/KEE | Id-Direttiva 2008/1/KE | Id-Direttiva 1999/13/KE | Id-Direttiva 2000/76/KE | Id-Direttiva 2001/80/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Artikolu 1(1) | Artikolu 1 | Artikolu 1 | | | | | Artikolu 66 |
| — | — | — | — | — | — | — | Artikolu 2 |
| Artikolu 1(2), punt (a) | | | Artikolu 2(2) | | | | Artikolu 3(2) |
| Artikolu 1(2), punt (b) | | | | | Artikolu 3(1) | | Artikolu 3(37) |
| Artikolu 1(2), punti (c), (d) and (e) | | | | | | | — |
